



>> f'paġni 2 u 3

## Investiment qawwi fil-kura u prevenzjoni mid-droga

Ħidma mill-Gvern Malti favur il-prevenzjoni u l-kura kontra l-vizzji u l-abbuż minn sustanzi.

>> f'paġna 47

BOV Premier League

## Hamrun Spartans jirritornaw għar-rebħ

Indikazzjoni li se jerġgħu jsibu l-forma tal-istaġun li għadda.




Kennth J. Alfrod jew Major F.J. Ricketts


it-TORĊA

No. 5061
Il-Ħadd 24 ta' Ottubru 2021 | €1.50
talk.mt

Aqra l-gazzetta diġitali
Subscribe.mt


>> p 29 - Investiment bla preċedent fil-Qasam tal-Ġustizzja >> p 37 - L-ambjent fiċ-ċentru tal-Budget 2022

# Il-Covid-19 jerfa' rasu fir-Renju Unit

Il-varjant ġdid Delta Plus jidher li jinfirex aktar malajr

VICTOR VELLA
vvella@unionprint.com.mt

Tliet xhur biss wara li fir-Renju Unit kienet iċċelebrata dik li tqieset bħala "Jum ta' Ħelsien" u li fiha tneħħew il-parti l-kbira tar-restrizzjonijiet kontra l-Covid-19, issa qed jerġgħu jesperjenzaw żieda qawwija fil-każi. Ma' dawn hemm ukoll il-varjant il-ġdid Delta Plus li minn studji li ħarġu jidher li jinfirex aktar malajr.

>> ikompli f'paġna 48

# EBDA PJAN BIEX JIŻDIEDU SPEJJEŻ OĦRA FUQ IS-SEWWIEQA

## ... għandna pjan biex inkomplu nneħħu l-konġestjonijiet

CRISTIAN MUSCAT

Il-miżura ta' trasport pubbliku b'xejn minn Ottubru tas-sena d-dieħla qajmet diversi reazzjonijiet. Kienet proposta li ntlaqgħet b'mod tajjeb, għalkemm bdew isiru u jitqajmu argumenti jekk din hix se tfisser li fi żmien mhux 'il bogħod f'pajjiżna se jkollhom jiddaħħlu dawk li jissejħu 'Congestion Charges' kif hemm f'għadd ta' bliet fl-Ewropa u kontinenti oħra. F'intervista ma' it-TORĊA l-Ministru għall-Finanzi Clyde Caruana kien ċar li l-miżura ta' trasport pubbliku bla ħlas ma tfissirx 'Congestion Charges' fil-futur.



>> intervista f'paġni 8 u 9




# INVESTIMENT QAWWI FIL-PREVENZJONI U KURA MID-DROGA

Dil-ġimgħa sar ftehim bejn il-Ministeru għall-Ugwaljanza, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni u l-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali li se jkompli jsaħħaħ il-ħidma tal-Gvern Malti favur il-prevenzjoni u l-kura kontra l-vizzji u l-abbuż minn sustanzi. Tkellimna dwar dan mal-Ministru Owen Bonnici li spjegalna l-għanijiet wara dan il-ftehim b'investiment ta' 'l fuq minn €1 miljun fuq 3 snin.

Il-Ministru Bonnici spjega li dan il-ftehim se jkompli jibni fuq memorandum ta' ftehim li kien diġà sar lura fl-2019 bid-differenza li l-investiment se jirdoppja u se joktru bil-bosta s-servizzi.

"Tajjeb li ngħidu, li permezz ta' dan il-ftehim li għadna kemm iffirmajna, irdoppjajna l-investiment għax nemmnu li permezz ta' dan il-ftehim ġdid, se ngħinu lill-Aġenzija Sedqa tkompli twettaq ix-xogħol tant siewi li ilha tagħmel tagħmel għal dawn l-aħħar snin, waqt li żżid miegħu oqsma oħra u twessgħa s-servizzi tagħha għal firxa aktar wiesgħa ta' nies," qalilna l-Ministru.

Huwa rringrazzja lil-Ministru Michael Falzon u s-Sur Alfred Grixti tal-koperazzjoni tajba immens li wasslet għal dan il-ftehim tant b'saħħtu.




Ritratti: Darren Agius (DOI)




## Il-prevenzjoni

"Il-prijorità tagħna fejn jidħlu l-vizzji u l-abbuż mis-sustanzi," qalilna Dr Bonnici, "tibqa' dejjem il-prevenzjoni. L-aqwa arma li jista' jkollna biex nipprevjenu kemm jista' jkun li żżgħażagħ tagħna jispiċċaw dipendenti fuq xi vizzju hija l-edukazzjoni u t-tixrid tal-għarfien. Dan ma jgħoddx biss għall-vizzju tad-droga, iżda jgħodd ukoll għal kull vizzju ieħor, bħax-xorb, il-logħob jew it-teknoloġija."

"Ir-riċerka turi biċ-ċar li f'dan ir-rigward l-aħjar riżultati joħorġu meta t-tfal ikunu mgħallma miċ-ċokon. Għalhekk dħalna għal dan il-ftehim mal-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali sabiex inkomplu nsaħħu t-tagħlim mill-bidu nett. Fl-istess waqt però dan il-ftehim se jkompli jgħinna nnaqqsu l-ħsara fejn diġà hemm il-vizzju u t-tbatija li dan jista' jġib miegħu.

"Importanti li nkomplu nuru liż-żgħażagħ il-ħafna alternattivi li hawn għad-dispożizzjoni tagħhom," kompla l-Ministru Bonnici, "alternattivi fejn jistgħu jieħdu gost b'mod li żgur se jtihom iktar sodisfazzjon u ma jagħmel ebda ħsara. Importanti li nibqgħu nrawmu liż-żgħażagħ tagħna biex jimpenjaw irwieħhom f'attivitajiet sportivi u artistiċi li jtuhom iċ-ċans li jesprimu rwieħhom, ikabbru t-talenti tagħhom u jissoċjalizzaw bl-aktar mod san u produttiv."

Dan huwa kollu parti mill-ħidma tal-Gvern favur harm reduction, qalilna l-Ministru Bonnici.

## L-Aġenzija Sedqa

"U hawn fejn jidħol ix-xogħol tant siewi ta' Aġenzija Sedqa fi ħdan l-FSWS, li ilha għal dawn l-aħħar snin impenjata fit-taqbida kontra l-vizzji b'kampanji ta' prevenzjoni mmirati propju lejn l-istudenti fl-iskejjel primarji u sekondarji. L-Aġenzija Sedqa u l-impjegati tagħha għandhom il-ħiliet, l-għarfien, l-esperjenza, u r-riżorsi meħtieġa biex jipprovdu, jivvalutaw u jwasslu s-servizzi li qed infittxu," spjegalna l-Ministru.

## Inizjattivi ġodda

"Permezz ta' dan il-ftehim, issa nkunu nistgħu nkomplu nwessgħu l-kampanji tagħna għall-iskejjel postsekondarji, u anke fuq il-postijiet tax-xogħol. B'dan il-mod se




nkunu dejjem eqreb u iktar preżenti ma' dawk direttament interessati, u allura dejjem inkunu f'pożizzjoni aħjar biex ngħinu fejn naraw id-diffikultà," saħaq il-Ministru.

"Rajna li l-programmi ta' sapport u prevenzjoni li kienu disponibbli għat-tfal fil-primarji u s-sekondarji, kienu qed jieqfu f'mument kruċjali tal-iżvilupp tagħhom, meta huwa iktar probabbli minn qatt qabel li jibdew jiltaqgħu ma' sustanzi li jistgħu jagħmlulhom il-ħsara. Għalhekk rajna li jkun ta' ġid li programmi ta' prevenzjoni jiġu estiżi għall-iskejjel postsekondarji ukoll, billi ż-żgħażagħ tagħna jqattgħu parti importanti minn ħajjithom hemmhekk," kompla l-Ministru Bonnici.

Il-programm ta' taħriġ li se jiġi żviluppat għall-istudenti tal-iskejjel postsekondarji, se jkun qed jiffoka fuq il-prevenzjoni, tekniki ta' harm reduction u servizzi tas-saħħa u l-kura. Dan il-programm se jkun qed jiġi implimentat fl-iskejjel postsekondarji kollha ta' Malta u Għawdex.

> Jirdoppja l-investiment u joktru bil-bosta s-servizzi anke fuq il-postijiet tax-xogħol

## Harm Reduction – Innaqqsu l-ħsara

"Inizjattiva ġdida oħra li se tidħol fis-seħħ permezz ta' dan il-ftehim," qalilna l-Ministru Owen Bonnici, "hija l-programm SAFE. Dan il-programm huwa mmirat għall-adulti. Sa ftit taż-żmien ilu dan il-programm kien isir fuq talbiet ad hoc permezz ta' Aġenzija Sedqa. Issa dan se jkompli jissaħħaħ u se jiġi aġġornat il-materjal u s-sillabu attwali tiegħu, sabiex jirrifletti aktar ir-realtajiet u l-esiġenzi tal-lum. Is-servizz din id-darba se jiġi estiż anke 'l barra mill-istituzzjonijiet edukattivi u se jkun disponibbli għal aktar organizzazzjonijiet, bħal għaqdiet sportivi, postijiet tax-xogħol u organizzazzjonijiet volontarji oħra."

"Apparti l-prevenzjoni, dan il-programm se jiffoka wkoll fuq it-trattament tal-vizzji, it-trattament tal-abbuż ta' sustanzi, aċċess għal servizzi u taħriġ lil min iħaddem dwar kif għandu jittratta ma' persuni li jkollhom problema ta' dipendenza. Se jingħata wkoll iktar taħriġ għal dawk li jaħdmu ma' dawn il-persuni, sabiex naraw li dawn dejjem jiġu trattati b'rispett u dinjità, anke' meta jkunu għaddejjin mill-isfida tad-dipendenza," kompla jgħidilna l-Ministru.

## Nibqgħu nitgħallmu

"F'dan il-qasam," saħaq il-Ministru, "huwa kruċjali li nkomplu nżommu rwieħna aġġornati, inkomplu nitgħallmu u nkomplu nedukaw sabiex inkunu dejjem iktar preparati biex nilqgħu għal din l-isfida. Meta jidħol il-vizzju l-probabbiltà hi li tbati mhux biss il-persuna nfisha, iżda jbatu magħha u kultant anke iżjed ta' madwarha; il-ġenituri, l-ulied, partners eċċ. Għalhekk, huma kruċjali miżuri ta' harm reduction. Fejn nistgħu għandna dejjem infittxu li nnaqqsu l-ħsara u ngħinu 'l dak li jkun jirkupra ħajtu lura."

Permezz tal-ftehim li ġie ffirmat dil-ġimgħa, se tiġi ndirizzata wkoll l-ispinta teknoloġika billi jiżdiedu l-kampanji ta' għarfien dwar il-prevenzjoni anke online, permezz ta' website u faċilità ta' portal ta' chat. Dawn il-faċilitajiet online se jkunu qed jipprovdu pjattaforma li tista' tintlaħaq minn ħafna aktar nies.

"Permezz ta' din l-inizjattiva se nżidu l-aċċessibilità għall-edukazzjoni preventiva u anke għall-għajnuna. Aħna kommessi li naraw li kulħadd ikun espost għall-informazzjoni sħiħa, korretta u ġusta fis-soċjetà tagħna," qalilna l-Ministru.

"Dan l-investiment juri ċar li l-Gvern qed ikompli jikkommetti ruħu li se jkompli jeduka u jżid l-għarfien dwar il-vizzji u dwar il-konsegwenzi tad-dipendenza sabiex ikompli jsaħħaħ il-prevenzjoni. Fl-istess waqt iżda, il-Gvern irid li min jiġi bżonn l-għajnuna jkun jista' jsibha u jaċċessaha faċilment. Fuq kollox, se niżguraw li persuni li jkollhom problema ta' dipendenza jingħataw l-għajnuna b'rispett sħiħ u dinjità sħiħa, minkejja l-isfidi li din tista' ġġib magħha," temm jgħid il-Ministru Bonnici.

# Il-kumpanija PressEnter se toħloq 150 impjieg ġdid fl-igaming

Il-Kap Eżekuttiv tal-kumpanija PressEnter stqarr dan waqt konferenza stampa indirizzata mill-Ministru għall-Ekonomija u Indsutrija Silvio Schembri. Matulha tħabbar kif Press Enter għażlet lil Malta bħala l-lokazzjoni tal-kwartieri ġenerali tagħha.

Is-Sur Lahcene qal li, "fattur ewlieni huwa li Malta toffri l-aqwa talent imfittex f'din l-industrija, kif ukoll l-appoġġ li jeħtieġ dan is-settur, inkluż ir-relazzjoni tajba bejn ir-regolatur, il-Malta Gaming Authority u Gaming Malta," qal is-Sur Lahcene. Dwar il-greylisting, is-Sur Lahcene stqarr li minkejja dan Malta tibqa' l-aħjar għażla għal bosta kumpaniji fis-settur. Dwar dan is-suġġett, kemm il-Ministru Schembri kif ukoll is-Sur Lahcene nnutaw l-impenn taż-żewġ naħat sabiex kull min hu involut jiġbed l-istess ħabel sabiex Malta toħroġ b'suċċess minn din il-lista.

Il-Ministru għall-Ekonomija u Industrija Silvio Schembri fejn saħaq kif Malta għadha attraenti għall-investiment barrani u qal li jinsab kburi bis-sostenn li huwa ta' lil din il-kumpanija li se jissarraf f'numru tant sabiħ ta' ħolqien ta' impjiegi ġodda għaż-żgħażagħ f'pajjiżna. "Bit-tħabbira tal-pjanijiet ta' espansjoni u l-kwartieri ġenerali ġodda fuq sitt sulari fil-qalba ta' Tas-Sliema, PressEnter hija xhieda tal-fiduċja li din l-industrija għandha fil-politika tal-gvern. Din il-kumpanija kabbret l-ammont ta' ħaddiema b'erba' darbiet matul l-aħħar sena, u se tkompli tkabbar l-ammont għal madwar 250, jiġifieri ħolqien ta' 150 impjieg ġdid," qal il-Ministru Schembri.

> Meta bdejna nħarsu lejn fejn se nkomplu t-tkabbir tagħna bħala kumpanija, investigajna ħafna ġuriżdizzjonijiet differenti fl-Ewropa imma malajr iddeċidejna li nespandu hawn Malta

Il-Ministru Schembri nnota kif 25% tal-ħaddiema huma Maltin. "Dan jinkoraġġixxi lilna sabiex, bħala gvern, inkomplu ninvestu fl-edukazzjoni sabiex nassiguraw li Malta tkabbar it-talent tagħha f'dan is-settur. Min-naħa tagħna bħala gvern, għaddejja ħidma u ninsabu fil-proċess li nattiraw venture capital funds biex isir investiment speċifiku fil-qasam ta' video game development. Barra minn dan, impenjati biex inkomplu nsaħħu t-talent li għandna, tant li fil-jiem li ġejjin se jkun iffirmat ftehim ma' UNITY, sabiex ikunu mħarrġa għalliema biex dawn ikunu jistgħu jgħallmu l-lingwa f'dan il-qasam," qal il-Ministru Schembri.

L-Uffiċjal Kap Operattiv ta' Gaming Malta Ivan Filletti rrimarka kif is-settur tal-iGaming qed ikompli jikber, kif ukoll joħloq u jilqa' għal opportunitajiet ġodda. "Li tara kumpaniji bħal PressEnter Group iżidu l-attività tagħhom u l-investiment, flimkien ma' ħaddiema b'talent kbir, ikompli jsaħħaħ il-kredenzjali ta' Malta bħala 'Home of Gaming Excellence'," qal is-Sur Filletti.




Ritratt: Kevin Abela (DOI)




Ritratt: Kevin Abela (DOI)



# IRQADT MA' BERNARD GRECH

minn **L-AVUKAT JOE BRINCAT**

Ħadd mhu se jemminni li rqadt ma' Bernard Grech (BG)! Mhux irqadt miegħu fl-istess sodda, ħalli ħadd ma jifhem ħażin. Imma rqadna t-tnejn fl-istess dar. Hu kien mat-tifel tiegħu. Jekk se tibdew temmnu, inkompli.

BG, meta ma kienx fil-politika, jew kien bil-moħbi, inzerta kien l-Ingilterra. Isuq hu u jmur fejn irid. Hemm veru kien leader…għall-inqas tiegħu nnifsu u tal-karozza li kien qed isuq. Jien kont għand it-tifla tiegħi ġewwa Leicester, meta qaluli li kien ġej BG mat-tifel u kien se jorqod għandhom.

Kien ilhom ħbieb u jafu lil xulxin, speċjalment ir-raġel tat-tifla li hu minn Birżebbuġa. Wasal, u insomma għaddejna lejla flimkien, imma mhux se ngħidilkom fuq xiex tkellimna. Żgur ma kien hemm l-ebda politika bħala suġġett. Imma la kienet diskursata privata, tibqa' privata. Xħin sar il-ħin, jien tlajt fuq norqod, u t-tifla u żewġha armawlu sodda komda minn sofa bed, u seta' jqatta' l-lejl hemm. Għandi raġun ngħid li rqadt ma' BG?

Dak ma kienx biżżejjed. Darba jinzertani fi Triq l-Ifran il-Belt qed nistenna ħalli jiġi trasport mill-Belt wara l-Qorti sad-dar u jgħaddi BG bil-karozza pjuttost kbira tiegħu. Induna bija, u wara ftit reġa' ġie lura, u staqsieni fejn kont sejjer. Għedtlu u rkibt u ħadni d-dar. Għaliex qed ngħid dan kollu?

F'anqas minn sena jkollna elezzjoni ġenerali u l-irjus jisħnu. Veru li l-akbar pika tkun bejn il-kandidati fuq l-istess distrett tal-istess partit, imma jkun hemm min jaħseb li jgħin lill-partit tiegħu għax ikattar il-mibegħda. Meta tinżera' l-mibegħda ħadd ma jista' jgħid fejn se tispiċċa u x'konsegwenzi jkun hemm.

Bħalissa fl-Italja kien hemm bosta dimostrazzjonijiet. Spiċċaw biex dehru gruppi faxxisti u kissru l-headquarters ta' CGIL l-akbar union tax-xellug. Ikun hemm min jaf biss jitkellem bil-mibegħda u l-vjolenza. Wara kollox rajna f'pajjiż kbir bħal ma huma l-Istati Uniti tal-Amerka, meta kien hemm Donald Trump u dawk li kienu supporters tiegħu, għax rashom saħnitilhom, saħansitra attakkaw u daħlu fil-Kungress Amerikan.

F'pajjiżna kellna wkoll. Minn żmien Strickland u waqfu fi żmien Alfred Sant. Bil-kwiet tiegħu kollu, kien waqqaf id-dimostrazzjonijiet li kienu jispiċċaw bil-vjolenza.

Sinceramente nittama li BG ma jitkaxkarx minn element li hemm fil-partit tiegħu, li jogħxa bil-mibegħda. Biżżejjed wieħed kultant jaqra l-kummenti taħt xi artiklu u malajr jinduna kemm hawn min għandu ħdura fl-istonku tiegħu. Mibegħda mħallta bl-għira.

Dan ma jfissirx li wieħed irid jaqbel politikament. Jew ma jikkritikax. Jew, u dan jinżilli għasel, li nitmejjel b'xi espressjoni ta' xi politiku, inkluż naturalment jekk jgħidhom BG. Mhux qed nibqa' pass lura għax irqadna flimkien u tani lift sad-dar! Anzi jekk jgħidhom hu, aktar ta' min jikkummenta fuqhom.

Issa x'fettillu jgħid li hu jaf isir iljun? U warrablu jekk jinbxuh. Kos, qed ngħid : "ara minn liema periklu kont għaddej meta rqadt għand it-tifla, u isfel kien hemm iljun jista' jiġġerra fejn irid!"

L-aħħar waħda il-Ħadd li għadda, 10 ta' Ottubru. Qal li ma jemminx fis-surveys. Għandu dritt. Imma mbagħad qal li hemm 80,000 "silent voters" li fl-elezzjoni se jivvotaw għall-partit tiegħu. Għalija dan ifisser li għandu sistema speċjali kif jagħmel is-surveys. Biżżejjed tibqa' mutu, u jaqrawlek moħħok.

Nittama li ma tiġrix bih il-fantasija politika u jaħseb għax ittrattajtu bi tbissima, ifisser li jien silent voter u se nivvota għalih. L-ewwel nett għax 'silent' ma jien qatt, u lsieni ma jiqafx.

Kont se ninsa ngħidilkom. Dak li kien qed joħlom meta rqadna taħt l-istess saqaf ma nafx x'kien. X'joħlom illum, naf! Anzi alluċinazzjoni.

KASTILJA.

## L-għażla ċara li għandu l-poplu

minn **L-MEP ALEX AGIUS SALIBA**

Ta' kull sena, il-baġit jagħtina opportunità li nirriflettu fuq id-direzzjoni li jkun qiegħed jimxi fuqha pajjiżna, u dak li rajna matul dawn l-aħħar jiem fid-diskussjoni marbuta mal-baġit għas-sena d-dieħla, jagħmel propju dan. Illum il-ġurnata taħt Gvernijiet Laburisti drajna li l-baġit ifisser aħbarijiet tajba u sirna nkunu qed nistennew bil-ħerqa biex jasal Ottubru ħalli naraw x'piżijiet se jkompli jtaffielna l-Gvern. Il-mistoqsija llum saret mhux jekk hux ser immorru tajjeb, imma b'kemm se mmorru tajjeb. U għal darb'oħra, il-Gvern ma ddiżappuntax din is-sena għax ppreżenta baġit b'saħħtu u b'viżjoni li ser joffri għajnuna lil bosta familji u negozji, se jkompli jikkonsolida l-ħidma tal-Gvern f'setturi varji u fuq kollox, permezz tal-miżuri mħabbra se nkomplu nagħmlu qabża 'l quddiem anke fil-kuntest ta' għadd ta' riformi li qed jitmexxew.

Però għalija, lil hinn mill-ħafna miżuri importanti li ġew preżentati, il-baġit ifisser ukoll żmien ta' riflessjoni fuq il-ħidma tal-Gvern, mera tal-politika u l-viżjoni tal-pajjiż, u fuq kollox, eżami tas-saħħa u ċans biex il-poplu janalizza dak li għandu quddiemu. Fuq naħa għandek il-Gvern u fuq naħa oħra l-Oppożizzjoni, il-kuntrast li jinħoloq bejn il-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni u l-ideat li jmexxu 'l quddiem. Ċertament matul dawn il-jiem segwejt b'interess id-diskussjonijiet marbuta mal-baġit, inkluż ukoll ir-replika ta' Dr Bernard Grech u l-kontro-replika tal-Prim Ministru Robert Abela, li fil-fehma tiegħi minnhom wieħed seta' jinnota d-differenza kbira li hemm bejniethom.

Ir-realtà hi li l-Gvern kien proattiv ħafna, sema' lill-partijiet kollha, ħadem magħhom u rnexxielu jevita sitwazzjonijiet koroh ħafna li setgħu żviluppaw, sitwazzjonijiet li jekk inħarsu ħarsa madwarna naraw li bosta Stati Membri tal-UE sabu ruħhom fihom. Matul il-pandemija rajna lill-Gvern jinvesti erba' darbiet aktar mill-medja Ewropea fis-settur tas-saħħa, għamel investiment bla preċedent fis-settur edukattiv, u ta s-sapport neċessarju lil ħaddiema u lin-negozji tagħna biex setgħu jkampaw. Imma għall-Kap tal-Oppożizzjoni, dan hu tberbiq fil-vojt u d-dejn kiber għaliex il-Gvern kien ħali. Kultant jinsa li jgħix f'dinja u jaħseb li n-nies hemm barra m'għandhomx moħħ biex jaħsbu u jevalwaw id-diskors fqir tiegħu. Ma jitwemminx il-fatt li persuna li qed taspira li tkun Prim Ministru ma tistħix tgħaddi ġudizzju politiku bla sens bħal dan fuq investiment li salva tant ħajjiet u l-ekonomija.

Punt ieħor importanti għalija hu d-distinzjoni ċ-ċara li ħarġet din il-ġimgħa bejn il-personalita' politika tal-Prim Ministru u tal-Kap tal-Oppożizzjoni. Personalment niddejjaq nikkummenta fuq il-karattri għaliex nippreferi li nikkonċentra fuq il-messaġġ politiku, pero' f'dan il-każ żgur li ma nistax ninjora dan l-element għaliex jixhed ukoll il-politika u l-kredibiltà. Ma nistax ma naċċennax għal mod li bih il-Kap tal-Oppożizzjoni – persuna li qiegħed jokkupa kariga Kostituzzjonali u li għandu r-responsabbiltà li jkun meqjus fi kliemu – għażel li jagħmel il-battuti medjokri tiegħu waqt ir-replika, kummenti insensittivi li għalkemm ċert li m'affettwawx lill-Prim Ministru u lill-Gvern, weġġgħu lil ħafna nies. Ħasra li għadna għandna politiċi, u agħar minn hekk politiċi f'karigi daqshekk għolja, li għadhom isibu pjaċir f'politika miskina miżgħuda bit-tgħajjir u kummenti infantili li jdaħħqu biss lil xi erba' minn ta' madwarhom, speċjalment waqt diskussjonijiet ta' din l-importanza għall-pajjiż. Nemmen li minn dan kollu, l-għażla għan-nies hija ċara aktar minn qatt qabel u ċert li fil-kwiet ta' darha, in-nies għamlet il-ġudizzju tagħha fuq il-viżjoni politika li ġiet preżentata u l-istatura politika ta' Prim Ministru responsabbli u meqjus, kontra d-dispramemt politiku li tinsab fih l-Oppożizzjoni Nazzjonalista.











Maltco LOTTERIES

# ĠURNATA F'DAR NAZARETH IŻ-ŻEJTUN

X'aktarx li ftit huma dawk, jekk hawn, li ma semgħux b'Dar Nazareth, illum Fondazzjoni Nazareth, opra kbira tas-saċerdot Żejtuni Dun Anġ Seychell li kien iddeċieda li dar tiegħu fiż-Żejtun jibdilha f'residenza għal persuni b'diżabilità li għal xi raġuni jew oħra ma jkunux jistgħu jibqgħu jgħixu mal-familja tagħhom. Nhar it-Tlieta li għadda Frans Ghirxi esperjenza ġurnata f'din id-dar grazzi għall-koperazzjoni tal-Fondazzjoni Nazareth u b'mod partikolari tal-amministratur tagħha Etienne Schembri.



Ritratt: Geoffrey Zarb Adami (DOI)

Illum Fondazzjoni Nazareth hija waħda mill-Fondazzjonijiet li tmexxi l-E.T. Marie-Louise Coleiro Preca li ħadet it-tmexxija tagħha minn l-għada li temmet it-terminu tagħha ta' President tar-Repubblika.

Wasalt Dar Nazareth fi Triq Santu Wistin iż-Żejtun ftit wara t-tmienja ta' filgħodu fejn sibt jistennieni lill-amministratur Etienne Schembri. Fl-ewwel kamra fuq ix-xellug ġo kamra mdaqqsa, imdawrin ma' mejda sibt bilqegħda lill-għaxar residenti ta' din id-dar. Ħames nisa u ħames rġiel – Sandra, Marisa, Ritienne, Tessie, Lina, Joseph, Louis, Joseph ieħor, Pawlu u Martin – li l-età tagħhom tvarja minn 30 sa 65 sena. Kienu qegħdin jieħdu l-kolazzjon ta' filgħodu, kompost fil-parti kbira tiegħu minn ċereali. Kolazzjon li kienu ħejjewlhom Josette u Monica, iż-żewġ carers li kienu xogħol dakinhar bl-għajnuna ta' wħud mill-istess residenti.





Staqsejt lil Etienne kif tibda l-ġurnata f'Dar Nazareth. "Ir-residenti, fi kmamar ta' żewġ sodod jew tlieta, jibdew iqumu għall-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħodu. Iqumu waħedhom u jagħtu daqqa t'id sewwa fiż-żamma bl-ordni tal-kamra tagħhom. Fis-sens li jifirxu s-sodod tagħhom u wara li jinħaslu, jinżlu għall-kolazzjon u flimkien mal-carers ikomplu fit-tħejjija tal-mejda. Naraw li jsir dan biex ir-residenti jħossu lilhom infushom inklużi fit-tmexxija u fiż-żamma tad-Dar, ovvjament taħt ċerta superviżjoni. Fl-istess ħin ikunu qegħdin iżommu lilhom infushom dixxiplinati fejn jidħlu ħinijiet għax jafu li dalwaqt ikun sar il-ħin biex imorru fil-'ħanut tax-xogħol' li l-Fondazzjoni għandha qrib il-Knisja Arċipretali tar-raħal. 'Ħanut tax-xogħol' li warajh hemm skop ieħor: dak li x-xogħol jagħti dinjità lill-individwu. Ix-xogħol huwa xogħol ta' crafts, bħal xogħol ta' suf, tapestry, żibeġ, fjuri, konfetti għal ċelebrazzjonijiet bħalma huma tiġijiet. Anke hawn nipprovaw inżommu l-ħin ta' ġurnata xogħol ta' kull ħaddiem ieħor fis-soċjetà, bil-ħin ta' waqfien għall-ikel u waqfien qasir ta' mistrieħ qabel nofsinhar u anke wara, apparti l-ħin għall-ikel ta' nofsinhar."

Waqt li Etienne kien qed jirrakkontali dan kollu stajt ninnota li wħud mir-residenti kienu diġà qamu minn mal-mejda u bdew jgħinu lill-carers biex jiżbarazzaw il-mejda.

Iggustajt lil Ritienne bħal donnha trid tieħu r-rwol ta' tmexxija. "Inħaffu ftit għax dalwaqt jiġi Gejtu għalina" qalet b'leħen kemxejn għoli biex jisimgħuha sħabha r-residenti.

Staqsejt lil Etienne min kien dan Gejtu. "Gejtu huwa wieħed mix-xufiera li jsuq il-vann tagħna u jiġi għar-residenti biex jeħodhom il-'ħanut tax-xogħol'." Fil-fatt ftit wara l-instigar ta' Ritienne, u allura kienu saru kważi t-tmienja u nofs, tfaċċa Gejtu, li filwaqt li awgura l-għodwa t-tajba lil kulħadd staqsa: "Immorru?"

Etienne qalli li tlieta mir-residenti, Joseph, Lina u Louis ma jmorrux 'għax-xogħol'. "Joseph huwa indipendenti ħafna tant li anke juża t-trasport pubbliku u jagħmel ħafna qadi għal Dun Anġ. Lina tippreferi li tibqa' hawnhekk u tgħin fix-xogħol taż-żamma tad-dar u Louis jibqa' hawn għax ma joħroġx."

Iddeċidejt li d-distanza li hemm minn Dar Nazareth sal-'Ħanut tax-Xogħol', li mhix xi waħda twila esaġerata, nimxiha flimkien ma' Etienne. Hemmhekk sibt lil Mariella, lil Kathleen u lil Giorgianne li jieħdu ħsieb it-tmexxija tal-'ħanut'. Giorgianne, Social Support Worker, waqt li tgħin fit-tmexxija tkun fl-istess ħin tistudja l-burdata ta' kull resident, li bħal kull bniedem ieħor, jista' ma jkunx bil-burdata tas-soltu.

Ftit minuti wara li wasalt jien wasal Gejtu bil-vann. Ir-residenti sabu tistennihom is-solita tazza ilma bl-għasel u l-lumi. Xorbuha u fi ftit minuti kienu qegħdin jagħmlu ftit eżerċizzju fiżiku qabel jibdew il-ġurnata tax-xogħol. Fi tmiem dan l-eżerċizzju Mariella u Kathleen bdew iqassmu x-xogħol li kellhom jagħmlu r-residenti. Fi ftit minuti kulħadd kien fuq 'xogħlu', b'xi kumment bejniethom ma jonqosx.

Osservajt l-attenzjoni li r-residenti jagħtu għax-xogħol li jkunu qegħdin jagħmlu u s-sodisfazzjon espress fuq wiċċhom x'ħin bdejt indur magħhom u ngħidilhom 'prosit'.

Il-ħin itir u hekk kif l-arloġġ tal-knisja daqq l-kwarta fuq l-għaxra kien ifisser li kien sar il-ħin għal waqfa qasira mix-xogħol. Sadattant wasal il-frott, primarjament banana, tuffieħ u larinġ, li tqassam lir-residenti. Wara waqfien ta' kwarta reġa' kulħadd fuq xogħlu, sat-tokki ta' nofsinhar, x'ħin allura waslet l-ikla ta' nofsinhar, platt ross il-forn warrab wiċċek. Fi tmiem l-ikla inġabru l-platti, il-frieket u l-imgħaref u r-residenti komplew b'ħidmiethom.

Ftit qabel it-tlieta u nofs

'żarmajna mix-xogħol', u wasal din id-darba x-xufier l-ieħor, David bil-vann li b'tant dedikazzjoni għen lir-residenti jitilgħu fil-vann. Din id-darba Etienne u jien rkibna mar-residenti lura lejn Dar Nazareth, fejn x'ħin wasalna kien hemm tistenniena tazza te flimkien ma' ftit pasti u gallettini. Kulħadd gostih!

Mill-kċina kienet ġejja riħa tfuħ li kienet tindika li kienet qed titħejja l-ikla ta' filgħaxija, li tkun servuta għall-ħabta tas-sitta u nofs. Brodu bil-qara bagħli mimli. Stednuni nibqa' magħhom anke għal dik l-ikla imma għidtilhom li ma stajtx. Waqt li kienu għaddejjin dawn il-preparamenti wħud mir-residenti bdew jagħtu daqqa t'id u kien hemm minnhom li telgħu f'kamarthom sakemm fl-erbgħa ta' wara nofsinhar inġabru biex jgħidu r-Rużarju.

Etienne qalli li minn dak il-ħin 'il quddiem kien kollu ħin liberu għar-residenti, li x'aktarx iqattgħuh jew jaraw it-televiżjoni u xi wħud minnhom jinħarġu għal passiġġata madwar ir-raħal.....għażla tagħhom.

"Għall-ħabta tat-tmienja u nofs ta' filgħaxija nagħtuhom tazza yoghourt, hux hekk Martin?" staqsa Etienne lil wieħed mir-residenti, li bi tbissima indika li hekk hu. Etienne qalli li r-residenti setgħu jibqgħu jaraw it-televiżjoni sal-ħdax ta' filgħaxija.

Is-sigħat li għamilt f'Dar Nazareth taru bħal leħħa ta' berqa u tlaqt minn hemm b'ammirazzjoni ferm akbar milli kelli lejn Dun Anġ Seychell u lejn in-nies bħal Etienne Schembri, li ħidmiethom hija kollha fuq bażi volontarja kif hija t-tmexxija tal-Bord tad-Diretturi tal-Fondazzjoni Nazareth taħt il-presidenza tal-President Emeritu Marie-Louise Coleiro Preca.



Dwar iż-żjara tiegħi f'Dar Nazareth tkellimt ukoll mal-Ministru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja Julia Farrugia Portelli. Il-Ministru Farrugia Portelli kellha kliem ta' tifħir għas-sens ta' volontarjat li jispikka f'fondazzjonijiet bħal dawn.

"Ħidmet il-Fondazzjoni Nazareth u fondazzjonijiet oħrajn bħalha hija apprezzata ferm min-naħa tal-Gvern għax fiha naraw it-twettiq fil-konkret tad-determinazzjoni tagħna u kemm aħna kommessi li nkomplu ngħinu u nassistu persuni b'diżabilità. Dan jikkumplimenta dak li tagħmel fuq l-istess binarju l-Aġenzija Sapport. F'Lulju li għadda permezz tal-Aġenzija Sapport, aġenzija fi ħdan il-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja, iffirmajna ftehim soċjali mal-Fondazzjoni Nazareth li jammonta għal aktar minn €2 miljuni, preċiżament €2,034,428, li huwa €624,428 aktar mill-ftehim inizjali u li se jkun qed ikopri 29 sodda għal persuni b'xi forma ta' diżabilità. Ftehim li huwa eżempju ħaj li qegħdin inkomplu ninvestu r-riżorsi neċessarji sabiex persuni b'diżabilità jgawdu kwalità ta' ħajja li tixirqilhom."

Bejn Mejju Ġunju li għaddew saru erba' ftehimiet soċjali oħra simili mal-Fondazzjoni Wens, mal-organizzazzjoni mhux governattiva Dar il-Kaptan, mal-Fondazzjoni ALS Malta – Dar Bjorn u mal-Fondazzjoni Arka t'Għawdex bil-valur komplessiv, inkluż dak mal-Fondazzjoni Nazareth ikun ta' madwar €15-il miljun.

Il-Fondazzjoni Nazareth twaqqfet fit-8 ta' Settembru, 1995, bl-ewwel dar tagħha Dar Nazareth. Illum għandha żewġt idjar oħra, Dar Madre Tereża, b'disa' residenti u Dar l-Arċipriet Degabriele, b'10 residenti oħra. Fi ftit ġimgħat oħra mistenni jibda x-xogħol ta' twaqqiegħ ta' dar antika fiż-Żejtun ukoll li ngħatat lill-Fondazzjoni mis-saċerdot Żejtuni Dun Frans Mifsud, biex flokha tinbena Dar San Franġisk.









# "Dan il-Gvern għamel u qed jagħmel minn kollox sabiex minkejja kull diffikultà n-nies għadhom fil-qasam tax-xogħol"

## – il-Ministru għall-Finanzi Clyde Caruana



CRISTIAN MUSCAT



**Kif nafu ftit tal-ġranet ilu, il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol Clyde Caruana għadu kemm ħabbar il-Budget tal-gvern għas-sena d-dieħla. Kienu ħafna r-reazzjonijiet pożittivi wara ċerti miżuri li ttieħdu li fuq kollox kellhom għan wieħed: dik li tissaħħaħ l-ekonomija.**

**IT-TORĊA tkellmet mal-Ministru għall-Finanzi Clyde Caruana dwar il-viżjoni ta' dan il-gvern għas-sena d-dieħla li mistennija tkun aktar produttiva fit-tentattiv li tirkupra wara d-daqqa li l-pandemija tal-COVID-19 tat b'mod globali.**

Staqsejna lill-Ministru għall-Finanzi Clyde Caruana kif innutajna li għadd ta' pajjiżi madwarna qed jikkunsidraw li jgħollu t-taxxi wara l-mod kif ġew affettwati mill-pandemija. Fl-istess waqt, f'dawn il-pajjiżi qed jingħad diskors fuq żieda fit-tariffi għall-enerġija. F'pajjiżna dan id-diskors ma jeżistix. Dan kollu mhux b'kumbinazzjoni anzi pajjiżna kien kapaċi jagħti inċentivi u benefiċċji lil għadd ta' faxex fis-soċjetà minkejja l-piż li ħalliet il-pandemija.

Għal din id-domanda, il-Ministru Carauna qalilna li, "tajjeb li ngħidu li l-qasam tax-xogħol baqa' ferm b'saħħtu. Qabel il-pandemija kellna sitwazzjoni fejn il-livell ta' qgħad kien naqas. Naturalment il-pandemija effettwat ferm iżda aħna xorta rajna kif nagħmlu sabiex inżommu l-magna ekonomika b'saħħitha. Illum nista' ngħidlek li n-nies li jaħdmu żdiedu filwaqt li qed nagħmlu minn kollox sabiex l-ekonomija tkompli tirkupra."

Staqsejnieh kif hu fatt li pajjiżna qala' daqqa finanzjarja bil-pandemija. Id-defiċit ta' pajjiżna u d-dejn żdiedu. Saqsejnieh meta hu previst bħala gvern li nerġgħu nkunu fil-pożizzjoni li konna fiha fl-2019 f'dawk li huma finanzi u l-livell ta' dejn.

"Diffiċli tgħid meta nkunu f'dik is-sitwazzjoni. L-irkupru ekonomiku għadu qed iseħħ u aħna rridu nkomplu nnaqqsu d-defiċit. L-importanti għalissa hu li tkompli tissaħħaħ l-ekonomija, dik għalina hi prijorità assoluta."

Ma stajniex ma nistaqsuhx kif minkejja kollox diversi faxex tas-soċjetà, bħall-pensjonanti, ngħataw għadd ta' żidiet. Hu fatt li dan se jwassal biex aktar nies joħorġu mir-riskju ta' faqar. Skont il-Ministru Caruana dawn il-miżuri huma proprju intenzjonati għall-anzjani li f'dan l-istadju hu ferm importanti li jkomplu jirċievu l-għajnuna. L-għan prinċipali dejjem għandu jkun li jonqsu n-nies b'riskju ta' faqar.

Mistoqsi dwar il-fatt li l-Gvern Laburista spiss jiftaħar li l-Budget hu bla taxxi. Għednielu li nifhmu li l-gvern qed jibbaża ħafna fuq il-konsum tan-nies fil-qasam domestiku u t-taxxi illi jdaħħal minn hemm. Iżda kemm hu sostenibbli dan il-pjan fit-tul?

Għal dan il-Ministru jwieġeb li, "primarjament id-dħul tal-gvern jiġi mill-income tax, il-bolla, id-dazju u s-sisa. Dawn huma ferm importanti sabiex jinħoloq Budget pożittiv. Il-gvern qed jimmira li jkollu żieda fit-turiżmu matul is-sena 2022 u skont il-pjan tagħna, l-ekonomija se tirranka, ir-rota għandha ddur iktar u fl-aħħar mill-aħħar inkunu aktar sostenibbli ekonomikament."

### Sahra u part-time... għaliex qed jitpinġew bħala "tal-beżlin"?

Mistoqsi dwar kif fil-Budget saru inċentivi biex tonqos it-taxxa fuq is-sahra u xogħol part-time u kif il-gvern iddeskriva dan bħala li din kienet miżura tippremja

l-bżulija. Irrimarkajnielu kif madankollu dan il-messaġġ jista' jiġi interpretat ħażin minħabba li l-ħaddiema jista' jkollhom inqas ħin mal-familja.

Hawn il-Ministru Caruana weġibna li bħala gvern mhux qed jisforza lin-nies sabiex jaħdmu xogħol part-time. Hemm eluf ta' ħaddiema li jammontaw għal madwar 30,000 li jagħmlu xi tip ta' sahra u eluf oħra li jaħdmu part-time. L-idea anzi hi li min jaħdem xi ħaġa żejda, il-gvern iħallilu iktar flus fil-but.

## Ebda ħsieb ta' congestion charges

Kellimna lil Clyde Caruana dwar it-trasport pubbliku bla ħlas li kienet miżura li interessat lil ħafna nies. Jidher iżda li mhux kulħadd lest li jaqbad il-karozza tal-linja. Għad hemm min qed jgħid b'tal-linja ddum biex tasal minħabba t-traffiku. Il-fatt li jista' jkun hemm għadd ta' nies li jagħżlu li ma jużawx is-servizz, jista' jwassal biex il-proposta tal-gvern ma tkunx vijabbli, fis-sens ikun qed joħroġ flejjes kbar biex it-trasport sar b'xejn imma l-konġestjonijiet fit-toroq mill-karozzi jibqgħu xorta realtà ta' kuljum. Kien hemm min qal li l-gvern messu ħa miżuri oħra bħal congestion charges jew toroq arterjali li jekk tgħaddi minnhom f'ċertu ħinijiet ikollok tħallas kif hemm barra pajjiżna.

Il-Ministru wieġeb hekk: "M'hemm l-ebda ħsieb li jkun hemm spejjeż oħra li jrid joħroġ is-sewwieq ma' dawk li diġà għandu. Aħna għandna pjan sabiex inkomplu nneħħu aktar konġestjonijiet ta' karozzi mit-toroq tagħna. Qed nippruvaw diversi soluzzjonijiet u qed inkomplu naraw kif intejbu s-sitwazzjoni."

## Il-ħaddiema tal-pjattaformi diġitali

Ma stajniex ma nistaqsuhx dwar ir-realtà tal-ħaddiema li jaħdmu ma' pjattaformi diġitali. Semmejnielu li wara dan il-Budget li tħabbar, kien hemm min qal li l-ħaddiema tal-pjattaformi diġitali ssemmew ftit. Għalhekk il-mistoqsija toħroġ waħedha.



X'se jkun qed isir biex dawn il-ħaddiema ma jibqgħux sfruttati u jkollhom drittijiet bħal ħaddiema oħrajn?

Il-Ministru Cyde Caruana wieġeb li, "infurmat li l-Ministru Carmelo Abela għamel ħafna xogħol sabiex dawn il-kumpaniji jkomplu jirregolarizzaw ruħhom. Fost l-oħrajn, is-self employed ġew impjegati u għaddejjin bil-kundizzjonijiet tax-xogħol li trid tirrispetta. Hemm numru ta' verifiki li huma għaddejjin u jekk dawn ma jissodisfawx il-kriterji, ma jgawdux minn dan it-trattament."

## Il-barranin imħaddmin illegalment... il-Budget nesiehom?

Staqsejnieh ukoll dwar ir-realtà xejn sabiħa f'pajjiżna, dik li hawn ammont ta' persuni barranin li qed jitħaddmu illegalment. Il-Budget donnu li din ir-realtà qed iħalliha barra u ma jindirizzahiex. Il-Gvern ma jqishiex inkwetanti din? Għaliex qed inkomplu nħallu din ir-realtà għaddejja?

Hawn il-Ministru tal-Finanzi u x-Xogħol iddikjara li n-numru ta' ħaddiema barranin mingħajr ktieb tax-xogħol naqas minħabba l-COVID-19. Kien hemm minnhom li kellhom jitilqu lura lejn pajjiżhom. Sadanittant għaddejjin diversi spezzjonijiet sabiex permezz ta' units ta' infurzar, dawk in-nies li qed jimpjegaw ħaddiema b'mod illegali jinqabdu.

## Budget li indirizza ħafna ħtiġijiet ambjentali

Tkellimna wkoll dwar suġġett li bħalissa qiegħed fuq fomm kulħadd; l-ambjent. F'dan il-Budget kien hemm diversi inizjattivi partikolari. Iżda x'inhi l-aspirazzjoni futura tal-gvern fuq dan is-suġġett?

"Naqbel miegħek li dan il-Budget indirizza ħafna ħtiġijiet ambjentali permezz tal-iskema sabiex nirriġeneraw l-ibliet u l-irħula tagħna. Hemm pjan sabiex nibnu bosk żgħir fl-Inwadar bejn ix-Xgħajra u Żonqor filwaqt li hemm aktar inizjattivi fuq il-pannelli solari. Irridu wkoll nassiguraw li jinxtraw karozzi li ma jniġġsux. L-ambjent mhux biss siġar iżda wkoll il-madwar tagħna."

Finalment xtaqna li l-Ministru jwassal messaġġ partikolari lid-diversi ħaddiema li s-settur tagħhom għadu ma rkuprax mill-pandemija.

"Dan il-gvern għamel u qed jagħmel minn kollox sabiex minkejja kull diffikultà n-nies għadhom fil-qasam tax-xogħol. Bħala gvern se naraw li dawn is-setturi ma jkomplux jaqilgħu aktar daqqiet. Dak kollu li għamilna ma nistgħux nitilfuh, anzi se nagħmlu l-almu tagħha sabiex min sofra tul il-pandemija, ngħinuh iqum kif suppost. Din hi l-wegħda tagħna li ma nħallu lil ħadd barra u se naraw li nwettquha."





Malta li rridu għal uliedna

budget.gov.mt

## L-Ippjanar u l-Kostruzzjoni

**L-ebda taxxa tal-boll jew taxxa fuq il-qligħ kapitali** fuq il-bejgħ ta' proprjetajiet mibnija għal aktar minn għoxrin sena u vakanti għal aktar minn seba' snin, proprjetajiet f'UCAs jew proprjetajiet ġodda li għandhom karatteristiċi tradizzjonali Maltin fuq l-ewwel €750,000 tal-prezz tal-proprjetà.

First-time buyers li jixtru proprjetajiet mibnija għal aktar minn għoxrin sena u vakanti għal aktar minn seba' snin, proprjetajiet f'UCAs jew proprjetajiet godda li għandhom karatteristiċi tradizzjonali Maltin jiksbu **għotja ta' €15,000**.

**Titla' għal €30,000** jekk il-proprjetà tinsab f'**Għawdex**.

Dawk li jixtru jew li diġà għandhom proprjetajiet mibnija għal aktar minn għoxrin sena u vakanti għal aktar minn seba' snin, proprjetajiet f'UCAs jew proprjetajiet ġodda li għandhom karatteristiċi tradizzjonali Maltin jistgħu jirċievu **għotja tal-VAT sa €54,000** għall-ewwel €300,000 fuq spejjeż relatati mar-restawr u rfinar tal-proprjetajiet tagħhom.

Estensjoni tal-iskemi dwar it-**tnaqqis tat-taxxa tal-boll** għal first-time buyers, second-time buyers u x-xiri ta' proprjetajiet f'Għawdex.

Ippjanar Intelliġenti: **Politika ġdida dwar l-Estetika mill-Awtorità tal-Ippjanar**.

L-Awtorità tal-Ippjanar applikat ukoll għall-finanzjament tal-UE fuq l-**Iskema ta' Restawr ta' wirt mibni**.

Aktar infurzar u regolamentazzjoni permezz tal-Awtorità tal-Bini u Kostruzzjoni ġdida, isir l-ewwel Kodiċi tal-Bini u jiġi assigurat li qed jiġi segwit bl-aktar mod professjonali permezz tal-Construction Project Manager, isir liċenzjar għal kuntratturi tal-bini li jista' jkun ċertifikat ta' kwalità għal min jaħdem tajjeb u aktar inċentivi għal riforma.

## L-Ambjent, L-immaniġġjar tal-iskart u Tibdil fil-Klima

**Żoni ħodor ġodda fl-urban** f'Ħaż-Żabbar, Ħal Qormi, il-Ħamrun, u l-Mosta.

**San Anton** se jiġi rinovat.

**Diversi proġetti ta' tħaddir fl-urban**: Liċeo San Ġorġ Preca, Romeo Romano, Spencer u l-Ġnien tal-Belvedere. Studji dwar spazji pedonali ħodor ġodda f'Santa Venera u l-Furjana.

L-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi u Ambjent Malta se jkomplu jaħdmu fuq Pjanijiet ta' **Ġestjoni fuq siti tan-Natura 2000**; jintensifikaw ix-xogħlijiet fuq Kemmuna, il-Magħluq ta' Marsaskala, il-Victoria Lines u l-Għadira s-Safra.

Se jitwaqqaf bord ta' monitoraġġ biex jivvaluta l-aderenza mal-Istrateġija għall-**Iżvilupp b'Karbonju Baxx**.

**Investiment ta' €200** miljun biex neqilbu l-iskart f'enerġija. Introduzzjoni taċ-Ċentru għall-Użu mill-Ġdid u aktar esplorazzjoni fuq Ċentru tat-Tiswija.



GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-AMBJENT,
IT-TIBDIL FIL-KLIMA U L-IPPJANAR

ambjent

freephone **8007 2207**

# Baġit li poġġa l-ambjent, it-tibdil fil-klima u l-ippjanar fuq quddiem nett

Il-baġit preżentat din il-ġimgħa kompla jtella' l-ambjent fil-kuntest wiesa' tiegħu fuq nett tal-aġenda tal-pajjiż bi pjan fit-tul. Malta se tkompli għaddejja b'ritmu mgħaġġel fit-trasformazzjoni ekoloġika tagħha, il-mixja tagħna minn ekonomija lineari għal waħda ċirkulari u riformi tanġibbli f'setturi sensittivi bħall-industrija tal-kostruzzjoni u l-ippjanar b'miżuri u inċentivi li se jkomplu jġibu l-bidla meħtieġa.

Hekk stqarr il-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar Aaron Farrugia waqt konferenza stampa flimkien mas-Segretarju Parlamentari għall-Kostruzzjoni Chris Agius.




### Strateġiji u inizjattivi ambjentali ta' Gvern progressiv

"L-impenn tagħna għal ambjent aħjar imur lil hinn mill-istqarrijiet bil-fomm, lil hinn minn wegħdiet bla sustanza jew riċiklati. Bil-fatti qed inpoġġu l-investiment neċessarju biex nixprunaw l-ambjent 'il quddiem konxji mill-fatt li dan hu settur li hu kontroversjali fih innifsu. Kburin li qegħdin inżidu l-allokazzjoni finanzjarja fl-ambjent ta' pajjiżna u dan minkejja l-impatt finanzjarju li ġabet magħha l-pandemija. Qed nagħmlu investimenti bla preċedent fl-istorja ta' pajjiżna, fuq quddiem nett it-tibdil fil-klima u l-ekonomija l-ħadra, l-immanniġġjar tas-siti ambjentali, l-afforestazzjoni u t-tħaddir fl-urban, l-immaniġġjar tal-iskart, u l-ippjanar u l-kostruzzjoni sostenibbli. L-inizjattivi li ħadna, l-istrateġiji li fassalna u l-pjanijiet li tellaqna jirriflettu l-għatx għall-bidla ta' Gvern progressiv u r-rieda li nassiguraw ambjent aħjar għalina u għall-ġenerazzjonijiet futuri. Qegħdin nuru biċ-ċar li rridu nagħtu spazji miftuħa u siguri 'l bogħod mid-dħaħen, anke fl-urban. Spazji ħodor fejn in-nies ikunu jistgħu jmorru jirrikreaw irwieħhom viċin djarhom," stqarr il-Ministru Farrugia.

### Żewġ proġetti ta' infrastruttura ambjentali fuq l-aġenda għax-xhur li ġejjin

Il-Ministru spjega li l-Gvern mexa 'l quddiem fuq żewġ proġetti kbar ta' tħaddir fl-urban u ta' mitigazzjoni tal-impatt ta' traffiku intensiv. "Fil-proġett tat-tisqif tal-mina f'Santa Venera, il-Gvern mexa 'l quddiem b'iktar studji elaborati minn dawk inizjali li kienu saru fl-2019 u qed jaħdem fuq il-finanzjament ta' dan il proġett fejn qed jiġi wkoll ikkunsidrat il-kunċett ta' public-private partnership. Dan għaliex in-nies ta' l-akwati, il-Vendriżi, jixriqilhom l-aħjar. L-istess livell ta' bidla rridu nwassluh ukoll fi triq Sant'Anna l-Furjana fejn ninsabu llum u fejn wara l-istudji ġeoloġiċi issa se nimxu għal studji tal-impatt fuq it-traffiku, studji strutturali u arkeoloġiċi, dawk ambjentali u ta' landscaping biex din l-arterja traffikuża tinbidel fi ġnien li jibqa' sejjer sal-Belt Valletta," qal il-Ministru Farrugia.

Il-Ministru qal li x-xogħol fuq l-ispazji miftuħa u żoni ħodor ġodda fl-urban f'Ħaż-Żabbar, Ħal Qormi, il-Ħamrun, u l-Mosta, ix-xogħlijiet ta' rinovar fil-ġonna ta' San Anton, diversi proġetti ta' tħaddir fl-urban bħal dawk tal-Liċeo San Ġorġ Preca, Romeo Romano, Ġnien Spencer u l-Ġnien tal-Belveder, se jitlestew sal-aħħar tas-sena d-dieħla.

### Protezzjoni tal-ambjent

L-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) se tkompli tfassal il-Pjanijiet ta' Ġestjoni fuq siti tan-Natura 2000, filwaqt li jintensifikaw ix-xogħlijiet fuq Kemmuna, il-Magħluq ta' Marsaskala, il-Victoria Lines u l-Għadira s-Safra. Il-Ministru fakkar ukoll fl-akbar investiment fl-immaniġġjar tal-iskart li qatt ra f'pajjiżna, dak ta' €500 miljun għal kumpless ECOHIVE li bih pajjiżna se jkompli miexi mill-miżbliet għal spazji miftuħa, mill-iskart għar-riżorsa. Fl-ewwel kwart tas-sena d-dieħla nagħtu bidu għall-bini tal-waste-to-energy plant.

### Ippjanar intelliġenti u preservazzjoni tal-wirt

Il-Ministru qal li fil-qasam tal-ippjanar ukoll tħabbru miżuri li se jkomplu jsebbħu l-ambjent urban u jippreservaw il-wirt Malti. Huwa qal li l-Gvern qed jinċentiva ix-xiri ta' djar vakanti kif ukoll l-iżvilupp ta' djar bi stil tradizzjonali permezz ta' diversi skemi inkluż it-tneħħija tat-taxxa tal-boll jew taxxa fuq il-qligħ kapitali fuq il-bejgħ ta' proprjetajiet vakanti, proprjetajiet f'UCAs jew propejetajiet li għandhom karatteristiċi tradizzjonali Maltin.

L-Awtorità tal-Ippjanar se tkun qed tniedi wkoll politika tal-estetika biex nimxu lejn ippjanar isbaħ li jixraq lill-gżejjer tagħna. Bl-istess mod se tkun qed tagħti bidu għal studju dwar inċentivi għal żvilupp komprensiv bil-għan li nindirizzaw żoni b'bini abbandunat u dawk hekk imsejħa pencil developments. Dan filwaqt li se tibqa' għaddejja l-ħidma għal bidla fil-pjan strateġiku għall-ambjent u l-iżvilupp.

"Dan huwa baġit li fil-qasam ambjentali se jkun qed iwassal lil pajjiżna biex jagħmel il-pass li jmiss li bih se nilħqu aktar l-aspirazzjonijiet ambjentali tal-poplu Malti u Għawdxi. Din hi l-Malta li rridu nħallu lil uliedna," qal il-Ministru Farrugia.

IL-FEHMA TA' IT-TORĊA

# BIL-MOD IL-MOD LURA GĦAL FEJN KONNA FL-2019

Il-budget għas-sena 2022 intlaqa' b'mod pożittiv minn firxa wiesgħa ta' organizzazzjonijiet u anke mill-poplu inġenerali. Dejjem se ssib min jgħidek li 'dak is-settur' jew 'dak il-qasam ma ġiex trattat'. Se ssib min jgħidlek seta' għamel iżjed. Lil hinn minn dak li tħabbar, nemmnu li s-suċċess ta' dan il-budget se jkun jiddependi fuq diversi fatturi. Ewlenin fost dawn hemm it-tkabbir ekonomiku.

Tkabbir ekonomiku li jrid iseħħ minn domanda domestika li trid tissaħħaħ aktar u b'settur turistiku li jrid ikompli jikber biex matul is-sena jersaq aktar qrib ta' l-ammont ta' turisti li kellna fis-sena 2019.

Nemmnu wkoll li kruċjali għal dan il-budget u s-suċċess tiegħu, hu t-tkabbir fl-ekonomija Ewropea, li fuqha tiddependi ħafna l-ekonomija Maltija. Sfortunatament qed naraw l-ekonomija Ewropea tiffaċċja għadd ta' sfidi mhux żgħar fosthom dik marbuta mal-prezzijiet tal-enerġija u l-inflazzjoni li qiegħed jingħad li se tkompli tgħolli rasha għal minl-lanqas sal-aħħar ta' din is-sena.

Iż-żieda fil-prezzijiet tat-trasport, iż-żieda fil-prezzijiet tal-kontejners u ż-żieda fil-prezzijiet tal-ikel u prodotti oħra qed jikkawżaw sfidi mhux żgħar f'għadd ta' pajjiżi fosthom dawk Ewropej.

F'pajjiżna minkejja li l-isfidi ma jonqsux, qegħdin naraw li t-tbassir ta' tkabbir ekonomiku hu pożittiv. Rajna kif fl-aħħar sigħat l-Aġenzija ta' kreditu Scope kkonfermat ir-rating ta' Malta fil-livell ta' A+ bi prospetti stabbli.

Hu ta' sodisfazzjon li meta taqra r-rapport li ħarġet l-Aġenzija Scope, jiġi rikonoxxut b'mod ċar li fl-aħħar snin il-Gvern Malti wera r-rieda u l-abbiltà li jsaħħaħ is-sorveljanza finanzjarja u l-oqsma regolatorji.

Scope qed jgħidu b'mod ċar li dan il-momentum pożittiv għandu jinżamm biex jassigura t-tkabbir ekonomiku robust ta' Malta.

Huwa pożittiv ħafna li aġenzija bħal Scope qed issostni li t-tkabbir ekonomiku ta' pajjiżna mistenni jlaħħaq it-3.5 fil-mija. L-istess kif hi pożittiva immens id-dikjarazzjoni ta' Scope li l-ħidma tal-Gvern qed issaħħaħ il-finanzi pubbliċi u huwa previst li d-dejn tal-pajjiż se jitniżżel fil-livell ta' qabel il-pandemija.

Huwa ta' sodisfazzjon li tara li l-analisti ta' Scope qegħdin jistennew li l-ekonomija tirkupra b'mod mgħaġġel u l-livell tad-dejn jonqos konsiderevolment mill-2023.

M'hemmx dubju li t-tkabbir ekonomiku iwassal għal titjib fil-kwalità tal-ħajja ta' ħafna ċittadini. M'hemmx dubju wkoll li aktar tkabbir ekonomiku se jwassal għal aktar xogħol f'pajjiżna.

Quddiem dan imma ma rridux ninsew lil dawk li minkejja t-tkabbir ekonomiku xorta jibqgħu lura jew jaqgħu aktar lura. Faċli tippontta swaba' lejhom. Fost dawn hemm dawk b'pagi baxxi, fil-prekarjat jew f'xogħijiet fejn huma sfruttati għall-aħħar. Realtà li teżisti f'pajjiżna u rridu naraw li dawn ma jispiċċawx jintilfu jew jintesew quddiem il-persentaġġi tat-tkabbir ekonomiku.

# Dr Robert Abela: Umli, ottimist u viżjonarju



JULIA FARRUGIA PORTELLI
Ministru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja

Jekk qatt kien hawn bżonn prova ċara ta' min hu l-aqwa Mexxej miż-żewġ partiti politiċi ewlenin f'pajjiżna, ħarġet biċ-ċar din il-ġimgħa meta smajniehom it-tnejn fid-diskors tagħhom relatat mal-Budget.

Fuq naħa smajna lil Bernard Grech li uża narrattiva negattiva u ta' qtigħ il-qalb. Prova ċara kemm ma jemminx fl-abbiltà tal-Maltin u l-Għawdxin li kapaċi jimxu 'l quddiem u jegħlbu l-ostakli. Matul id-diskors tiegħu, spikkaw il-battuti xejn professjonali, anzi kummenti arroganti li ma jagħmlux ġieħ lill-Parlament innifsu. B'mod ripetut, semma diversi ineżattezzi u kkwota ħażin il-Budget. Dan hu inkwetanti għax ifisser li l-Oppożizzjoni mhix mgħarrfa bizżejjed u tinsab maqtugħa min-nies. Dan ifisser li l-Kap tal-Oppożizzjoni jew ma qarax il-Budget jew inkella min kitibulu ma ggwidahx tajjeb, intenzjonalment jew le. Ma kienx floku lanqas li juża ċertu lingwaġġ biex jgħajjar lin-naħa tal-Gvern, flimkien ma' ċerti analoġiji li jmorru lil hinn mix-xena politika.

Domna ħafna biex bdejna nisimgħu l-proposti tiegħu, bi wħud li kienu diġà mwegħdin fl-istess Budget. Fosthom li Gvern Nazzjonalista joħloq fond ta' garanzija tal-Istat li jidħol jagħmel tajjeb għas-self tal-bank minn 10% sa 25% tal-prezz tal-bejgħ tal-proprjetà. Din l-iskema diġà teżisti u minnha diġà gawdew 300 koppja.

Proposta oħra ta' Grech kienet li jagħti żieda fil-pensjoni li tammonta d-doppju tal-COLA. Kieku kien ippreparat u għamel ftit kalkolu, kien jinduna li aħna se nkunu qegħdin nagħtu ħafna iktar milli propona hu. Fil-fatt, Gvern Nazzjonalista qabel l-2013 kien ta biss iż-żieda tal-COLA lill-anzjani, filwaqt li Gvernijiet Laburisti baqgħu dejjem iżidu l-pensjonijiet sena wara l-oħra u fil-Budget 2022, l-anzjani li huma l-aktar vulnerabbli se jieħdu kważi disa' darbiet il-COLA, filwaqt li kull pensjonant se jieħu tliet darbiet il-COLA.

Fuq in-naħa l-oħra mbagħad, rajna Prim Ministru serju li b'mod seren spjegalna l-viżjoni tiegħu. Ħareġ il-karattru ta' Mexxej għaqli, li jħobb lil pajjiżu u li jridna naħdmu flimkien biex nagħmluh pajjiż aħjar. Spjega kif jemmen li wara t-tbatijiet li għaddejna minnhom bħala poplu, issa rridu nħarsu 'l quddiem u naħdmu flimkien ħalli nirkupraw f'qasir żmien u nkattru l-ġid li minnu jerġa' jgawdi l-istess poplu. Fisser kif irridu nsibu l-bilanċ bejn l-iżvilupp li jixpruna l-ekonomija tagħna, imma wkoll is-sostenibilità li jkollna ambjent iktar aħdar u nadif. Sar ħafna xogħol fil-qasam soċjali u jien sodisfatta bil-miżuri li ħabbarna għax jirriflettu l-ideal soċjalista u dak li nemmnu fih. Dan kien l-akbar wieħed fl-istorja għas-settur tad-diżabilità, b'aktar minn €50 miljun, fejn se nkomplu nħallu legat ħaj u b'saħħtu.

Għamilna dan għax fassalna l-politika tagħna wara li għamilna konsultazzjoni wiesgħa. Min-naħa tagħna mbagħad, li verament inħobbu lil pajjiżna u nemmnu fil-kapaċitajiet tal-poplu tagħna, nistinkaw biex noffru politika rilevanti għaż-żminijiet tal-lum billi niġġeddu kontinwament u nqassmu l-ġid skont kif jixraq, b'ġustizzja soċjali fejn l-iktar li hemm bżonn.

Flimkien wara Robert Abela; il-Mexxej li wriena kemm hu kapaċi fil-maltemp u li issa jkompli jmexxina b'iktar konvinzjoni fiżżmien li ġej.

Il-Ħadd it-Tajjeb.

# BUDGET LI JSAĦĦAĦ IL-FAMILJI TAGĦNA

**L-AVUKAT ANDY ELLUL**
Kandidat fuq l-1 u t-3 Distrett



Ġie deskritt bħala l-akbar budget soċjali li qatt ra dan il-pajjiż. Budget ġeneruż malfaxxex kollha tas-soċjetà.

Ejja ma ninsewx li dan il-budget ġie wara l-investiment bla preċedent li għamel il-Gvern Laburista tal-PM Robert Abela biex issalvagwardja l-impjiegi ta' għexieren ta' eluf ta' ħaddiema (grazzi għall-work supplement u miżuri oħra) u l-blank cheque li ta lill-Ministru tas-Saħħa sabiex dak kollu meħtieġ biex niġġieldu l-pandemija mondjali tal-Covid-19 ikun assigurat fil-pront. U dan kollu rriżulta biex illum għandna l-anqas rata ta' nies qiegħda kemm ilha tinżamm l-istatistika, kif ukoll sirna l-għira ta' pajjiżi ferm akbar minna u finanzjarjament b'saħħithom aktar.

Illum ninsabu fuq quddiem nett għall-mod kif il-Gvern Laburista mexxa fl-eqqel tal-pandemija u għalhekk qegħdin bil-mod il-mod noħorġu minn din il-ħolma kerha tal-Covid-19.

Iżda filwaqt li l-imsieħba soċjali kollha sabu bosta affarijiet pożittivi xi jgħidu dwar dan il-budget, il-Kap tal-Oppożizzjoni u l-Partit Nazzjonalista ma sabu assolutament xejn pożittiv fih.

Għal Bernard Grech dan il-budget huwa għal-lum biss, u huwa budget ta' tberbiq, li allura jagħti x'jifhem li gvern immexxi minnu kien jgħin ħafna anqas lin-nies milli għen dan il-budget.

M'iniex se nidħol fuq il-pataflun ta' miżuri li nsibu fil-budget. Se niffoka biss fuq dawk li b'mod dirett jolqtu lill-familja tagħna. Nibda biż-żieda ta' €100 għal €400 fil-bonus tat-twelid ta' tarbija jew l-adottazzjoni tat-tfal u trabi.

Hemm ukoll iż-żieda ta' €5 Ewro fl-allowance għal tfal b'diżabiltà mżewġa ma' żieda fl-għotja għal carer ta' persuna b'diżabiltà bi €300 minn €200 għal €500.

Għidilna ftit Sur Kap tal-Oppożizzjoni, liema minn dawn il-miżuri kont twarrab jew tnaqqas? U jekk tnaqssilhom il-fondi, b'kemm tnaqqashom, għax skont int dan huwa budget ta' tberbiq?

U xi ngħidu mbagħad għall-miżura favur ħaddiema li l-paga bażika tagħhom ma teċċedix €20, 000 fis-sena li ser jibdew jiġu ntaxxati bil-15% fuq l-ewwel €10, 000 dħul overtime.

Din il-miżura tissarraf b'aktar flus fil-bwiet tal-familji tagħna li l-aktar għandhom bżonn. Imbagħad hemm dawk li d-dħul tagħhom jiġi biss minn xogħol part-time. Għal dawn il-ħaddiema ir-rata tat-taxxa se tinżel minn 15% għal 10%.

Kuraġġ Sur Kap tal-Oppożizzjoni, għidilna ftit liema minn dawn il-miżuri kont twarrab jew tnaqqas? U jekk tnaqasilhom il-fondi, b'kemm tnaqqashom, għax skont int dan huwa budget ta' tberbiq?

Żewġ miżuri oħra li jimpattaw b'mod pożittiv fuq bosta familji huma dawk li se jaraw li s-servizz taċ-childcare b'xejn se jiġi estiż għal dawk il-ħaddiema li jaħdmu filgħaxijiet, fi tmiem il-ġimgħa u bix-shifts, u l-għotja ta' €10,000 lil kull Kap ta' skola biex jiġu mwieżna tfal vulnerabbli, li għandhom bżonn l-għajnuna issa, mhux għada jew pitgħada.

Ma' dawn ma nistax ma nsemmix iż-żieda ta' 10% fl-istipendju tal-istudenti kollha kemm huma. U tal-Partit Nazzjonalista kienu jbeżżgħu lill-istudenti li jekk il-Partit Laburista jitla' fil-gvern ineħħi l-istipendi!

Imbagħad hemm iż-żieda fiċ-ċekk tat-tax refund, il-mekkaniżmu għall-għoli tal-ħajja għal dawk il-familji vulnerabbli, minbarra l-aġġustament tal-għoli tal-ħajja tal-COLA (li jeħodha kulħadd). U xi ngħidu mbagħad għat-trasport pubbliku b'xejn għal kulħadd, bi tfaddil ta' madwar 300 ewro fis-sena għal kull persuna li tużah (minbarra li dak li għandu karozza se jiffranka fil-fuel jekk juża t-trasport pubbliku). La qegħdin nitkellmu fuq it-trasport pubbliku, tajjeb niftakru li darba kien hawn ministru Nazzjonalista bravu ħafna li flimkien ma' bravu ieħor li llum spiss jorganizza protesti fuq elf ħaġa, kien qalilna li bil-wasla tal-Arriva, żmien il-bużullotti kellu jispiċċa darba għal dejjem.

Mhux talli l-bużullotti ma spiċċawx, talli l-Gvern Nazzjonalista ta' Gonzi irnexxielu jaqa' fl-agħar livell li qatt kien fih it-trasport pubbliku. Kellu jkun Gvern Laburista biex ħelisna mill-bużullotti li l-pajjiż wiret minn Gonz-iPN. Illum għandna servizz tat-trasport pubbliku denju ta' pajjiż modern.

Il-poplu Malti u Għawdxi jaf tajjeb li l-miżuri ta' dan il-budget ġeneruż la huma għal-lum biss u ċertament mhumiex tberbieq ta' flus il-poplu. Il-Maltin u l-Għawdxin fil-maġġoranza assoluta tagħhom jafu tajjeb liema partit għandu għal qalbu il-ġid tagħhom u tal-familji tagħhom, u liema partit mehdi biss fin-negattivita u li għalih xejn ma jimporta ħlief kif se jerġa' jaħtaf lura l-tmexxija tal-pajjiż.

Il-Maltin u l-Għawdxin jafuh dan u meta jasal il-mument se juru l-apprezzament tagħhom lejn il-Gvern Laburista tal-Prim Ministru Robert Abela – gvern li qalb soċjali tiegħu twassal għal aktar wens u ġid għall-familji tagħna.



# L-ISKOLA ST MICHAEL TAGĦLAQ 75 SENA (1)



ROBERT ALOISIO
robertaloisio@gmail.com



Kif intemmet il-Gwerra, il-Maltin setgħu jibdew jgħixu mill-ġdid. Iżda l-pajjiż kien għadu mfarrak. Kien hawn nuqqas ta' xogħol u livell baxx ħafna ta' edukazzjoni. Is-saħħa, il-kummerċ u t-trasport kienu għadhom lura ħafna. Il-ħerba li ħalliet warajha l-Gwerra, il-ħsarat fid-drenaġġ u l-ilma mniġġes ġabu magħhom ħafna mard. Malta kienet mimlija terrapien tal-bini mġarraf, skart u ħmieġ.

It-tfal tal-ħaddiema bilkemm kienu jattendu l-iskejjel primarji għax l-edukazzjoni ma kinitx obbligatorja u lanqas kien hawn biżżejjed skejjel. Waħdiet kienu jkomplu wara l-iskola primarja għax ħafna kienu jibdew jaħdmu billi ma kellhomx il-mezzi biex jissuktaw jimxu 'l quddiem. Kien ilu jinħass il-bżonn ta' bidla. "Tagħlim ta' bilfors missu ilu li sar u ma jistax ikun li nistennew iżjed għalih." (Programm Elettorali tal-Partit tal-Ħaddiema, 1945). Mingħajr poplu edukat, Malta ma tantx setgħet tagħmel progress.

"(Hekk) tfasslet il-liġi dwar l-edukazzjoni obbligatorja... li kienet tobbliga l-ġenituri kollha jiktbu lil uliedhom fi skola mill-età ta' sitt snin u jibqgħu jibagħtuhom sa ma jagħlqu l-erbatax-il sena... Dawn il-liġijiet daħlu fis-seħħ minn Settembru 1946 meta t-tfal kollha ta' Malta u Għawdex bejn l-età ta' sitta u erbatax-il sena kellhom jibdew jattendu skola (tal-gvern jew privata) bilfors.

Kienet, u għadha, liġi mill-iktar importanti għall-iżvilupp tal-edukazzjoni fil-gżejjer tagħna, il-pedament ta' dan l-iżvilupp, u... tat drittijiet u fetħet orizzonti ġodda lit-tfal u għenet lill-pajjiż biex jimxi 'l quddiem." (Zammit Mangion, Joseph, L-Istorja tal-Edukazzjoni f'Malta)

## Erba' rġiel tat-Tarzna jibdew skola

U kien propju ftit ġimgħat wara, f'Ottubru 1946 li erba' rġiel fl-aqwa tagħhom, ħaddiem u tliet apprentisti bieżla tat-Tarzna, persuni intelliġenti minkejja li qatt ma marru Università, l-erbgħa li huma soċji tal-Museum, iddeċidew minn jeddhom li jirriżenjaw mit-Tarzna u jissugraw kollox biex iwettqu ħolma li kienet ġejja mill-fervur tagħhom li jgħallmu s-sewwa lill-ġenerazzjoni żagħżugħa. Il-fitter tat-Tarzna Antonio Agius minn Ħ'Attard, u l-apprentisti Emanuel Damato miż-Żurrieq, Lorenzo Farrugia minn Santa Venera u Giuseppe Carbone miż-Żejtun bdew skola privata ġdida bil-barka tal-Fundatur tal-għaqda tagħhom, Dun Ġorġ Preca.

L-Iskola St Michael fetħet il-bibien tagħha għall-ewwel darba nhar l-4 ta' Novembru 1946. Iżda rridu mmorru lura mill-inqas erbgħin sena qabel biex jirnexxilna nifhmu l-ħsieb wara din l-"iskola speċjali" kif kien isejħilha Agius. Għax ma setgħet qatt teżisti l-Iskola St Michael mingħajr is-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. U ma seta' qatt jeżisti l-"Mużew" mingħajr il-qassis Ġorġ Preca li kebbes in-nar evanġeliku fil-qalb ta' dawn l-erbgħa ħaddiema u f'qalb mijiet oħra ta' żgħażagħ Maltin.

## Toni Agius

Trid tkun bniedem ta' kuraġġ mhux komuni u ta' viżjoni biex toħlom li tiftaħ skola privata f'Malta eżatt wara s-snin qliel tat-Tieni Gwerra Dinjija. Inkella tkun bniedem ta' fidi sħiħa u żonqrija, imsejsa fuq it-twemmin li tassew "Ħadd mhu qawwi daqs Alla" – Mica'el! Hekk kien is-Sur Toni Agius, soċju mibni b'saffejn u li ma jaqta' qalbu minn xejn.

Antonio Agius, l-ewwel Surmast tal-Iskola St Michael, twieled il-Ħamrun nhar it-13 ta' Lulju 1907, is-sena li fiha bdiet is-Soċjetà tal-Museum, li hu kellu jsir soċju ħabrieki tagħha ftit snin wara. Kien wieħed mill-ħdax-il wild ta' Ġużeppi, uffiċjal u bandist fir-Royal Malta Artillery (RMA) u Angela mwielda Zahra. Il-laqam tal-familja Agius kien "Tal-Bilibun". Kif jinnota l-istoriku Ray Mangion, "Antonio twieled u trabba fl-akkwati ta' parroċċa fil-benniena verament providenzjali għat-twaqqif tal-istituzzjonijiet tal-karità fosthom l-Istitut Fra Diegu u dak tas-Sorijiet iż-Żgħar tal-Fqar. Antonio għex l-ewwel snin ta' ħajtu f'ambjent u f'kuntest li fihom għaraf bilkbir it-triq li kellu jagħżel u jwitti."

Bħat-tfal ta' żmienu Toni rċieva edukazzjoni primarja u, wara xi żmien jaħdem, daħal it-Tarzna bħala apprentist. "... L-apprentisti fit-Tarzna kienu ħaġa magħrufa u stmati tgħidx kif u kemm. Ir-raġuni kienet li min kien jidħol apprentis it-Tarzna kien ikollu l-ġejjieni tiegħu assigurat, imħallas tajjeb u kundizzjonijiet ta' xogħol mill-aħjar għal dawk iż-żminijiet."

Eks-ħaddiem tat-Tarzna jiftakar x'kienet tfisser tidħol apprentist: "Jekk xi ħadd ikun daħal apprentist id-Dockyard, kulħadd kien imur jifraħ lil ommu. Qisu sar xi professur għax daħal id-Dockyard, allura għandu l-ħobża ta' kuljum għall-familja żgur. Anke t-tfajliet, lil dak kienu jkellmu, għax dak għandek futur miegħu."

Sodi quddiem il-perikli

Ħafna jiftakru lil Agius bħala karattru aħrax għalkemm irridu ngħidu



li huwa kellu l-lat emottiv tiegħu ukoll. L-ambjent iebes tat-Tarzna ssokta jħarrxu. Kien bniedem li ma jafx x'jiġifieri fsied. Kellu stamina kbira. Kien lest ibati u jaffronta kull saram u għawġ li jinqala'. Kien lest għal kull sagrifiċċju fiżiku u mentali. Karmenu Ellul Galea, awtur u ħaddiem tat-Tarzna, jagħti lista ta' ftit mill-perikli li l-ħaddiema tat-Tarzna kienu jgħixu fihom jew diżgrazzjatament imutu bihom:

Li wieħed jisma' li fit-Tarzna saret diżgrazzja u aktar u aktar fi żmien l-Ammiraljat meta kien hemm jaħdmu fiha mat-tnax-il elf ruħ, mhix xi ħaġa li biha jiskanta xi ħadd... Diżgrazzji kien hemm tgħidx kemm... Ma nafx jekk kienx hemm xi ħaddiem li f'xi ħin jew ieħor ma safax imweġġa' jew korrut... L-iżjed diżgrazzji koroh huma dawk bħal meta wieħed jaqa' fi stiva tal-vapur, jaqa' fil-baċir, jaqa' minn fuq pont, taħtaflu idejh il-magna, jgħaffġu l-krejn, jiżżarrat il-wajer bl-issikkar u jaqta' l-parti tal-ġisem li tintlaqat, jaqgħu għodod jew ħadid fuqu mill-għoli, jieħu riġlejh bil-lexxun, iħossu ħażin jew jifga bil-foga fit-tankijiet, jew bħal fil-każ tal-bugħaddas jitħabblulu u jinbarmulu l-pajpijiet, ħruq bi splużjonijiet minn ċilindri tal-ossiġnu jew gass f'kumpartamenti abbord il-bastimenti, jitlef id-dawl bl-irbaba tal-ħadid jew bronż li ttir mid-drilling machines, u ħafna u ħafna korrimenti oħra li barra mit-Tarzna ftit li nistgħu nkunu nafu bihom.

Interessanti x'kiteb student ta' St Michael, kważi erbgħin sena wara li Agius spiċċa mit-Tarzna, waqt żjara organizzata mill-Iskola proprju fit-Tarzna:

Nhar is-27 ta' Marzu 1990, il-klassi tagħna għamilna żjara t-Tarzna. Dħalna minnaħa ta' Għajn Dwieli, fejn sibna lis-Sur A. Camilleri li ħa paċenzja kbira jdawwarna fil-workshops u l-baċiri... Morna l-factory shop.. li fih ħafna tornijiet u trapani kbar. Il-ħaddiema t'hemm jissejħu fitters... Dan l-ambjent ma konniex imdorrijin fih u b'hekk sibnieh naqra stramb. Għaddejna minn fuq pjanċi u biċċiet tal-ħadid li kienu mal-art... Rajna l-ħaddiema tat-Tarzna kemm jaħdmu f'periklu jew ġol-vapur jew fl-għoli ħafna mal-arbli tal-vapur.

## L-Apprentisti tat-Tarzna

Bl-intelliġenza li kellu u l-karattru ta' leader, Toni Agius ma damx ma mexa 'l quddiem fix-xogħol tiegħu fit-Tarzna u laħaq special engine fitter fis-sezzjoni tal-petrol u tad-diesel ġewwa l-Motor Repair Shop. Agius baqa' affaxxinat bil-magni u t-teknoloġija tul ħajtu anke meta daħal fl-avventura ta' skola ġdida.

Kemm it-Tarzna tagħna minn dejjem kienet mgħammra tajjeb u bl-aqwa magni tal-aħjar materjal, biżżejjed ngħidu li kien hemm testing machine li tittestja ktajjen, ixkla, buzzelli tal-ħadid jew injam, ankri, wajer, bomi u kull xorta ta' tagħmir tal-arbli tal-bastimenti.

Kif jingħad, din hi l-unika waħda li hawn fit-tarzni tal-Mediterran. Ilha taħdem 84 sena, jiġifieri mill-1889. Il-kapaċità tagħha twassal sa 250 tunnellata.

Is-superjuri tiegħu fit-Tarzna raw f'Toni Agius persuna dinamika f'dik li hija edukazzjoni u ma damux ma fdawlu f'idejh l-istruzzjoni u l-formazzjoni tal-apprentisti. "Sa ftit snin wara l-1930, meta wieħed kien jidħol apprentis kienu jibagħtuh ma' ħaddiem biex jieħu ħsieb jgħallmu u jindukrah sa ma jgħaddu l-erba' snin." Hawn Agius beda jara mill-qrib il-ħtiġijiet taż-żgħażagħ. Fehem it-tiġrib u l-perikli li kienu jiltaqgħu magħhom u xtaq jagħmel xi ħaġa konkreta għalihom.

Sa minn żmien ilu, it-Tarzna kienet iddaħħal kull sitt xhur, għadd kotran ta' apprentisti. Għal dawn kien isir eżami kompetittiv. Kienu jersqu għalih dawk li jattendu d-Dockyard School u tfal oħra minn skejjel privati, bħal tal-Freres (Brothers ta' De La Salle)...

Ma' dawn, kien hemm ukoll l-iskola ta' Mr. Hall u oħra tas-Sur Vella f'Bormla; dik tas-Sur Schembri fi Strada San Lorenzo, il-Birgu; u mhux wisq qabel l-aħħar gwerra, il-kulleġġ tas-"St. Mary" li kien sewwa sew ħdejn il-Bormla Gate immexxi mis-Sur Ellul... F'dawk iż-żminijiet u sa ftit qabel l-1930, meta wieħed kien jgħaddi għal apprentes kien qisu laħaq xi ħaġa kbira, bilkemm mhux aqwa minn professjonist. Il-paga ta' tifel fl-ewwel sena tal-apprentistat tiegħu... fl-1930 kienet ħames xelini... Il-ħaddiema kienu mqassma fi tliet kategoriji: jiġifieri ħaddiema tas-sengħa, semi-skilled (titulars) u dawk ta' bla sengħa (labourers).

## L-Idea ta' Skola

L-idea ta' skola tas-Soċjetà (tal-Museum) kienet ilha ħafna f'moħħ il-membri tagħha u għad li fi żmien li qiegħed nikteb, St Michael School tinsab f'ċertu żvilupp, l-ewwel xintilla ta' entużjażmu kienet għall-ħabta tal-1924 meta fil-Qasam ta' Bormla, is-soċju Aronne Vella li kien skrivan id-Dockyard... kien jagħti xi lezzjonijiet skolastiċi nhar ta' Sibt waranofsinhar lil xi Magħżulin li kienu se jersqu għall-eżami tal-apprentisti fid-Dockyard.

Fil-bidu tas-snin tletin, Toni Agius, billi kif għedna kien Servjent tal-Magħżulin, kien jitkellem ma' ħafna tfal u żgħażagħ.

U beda jiltaqa' ma' ħafna li kienu mdejqin l-iskola. Irridu ngħidu li f'Malta bejn l-1934 u l-1939 ma kienet infetħet ebda klassi ġdida fl-iskejjel elementari "hekk li ħafna tfal kellhom jibqgħu barra mill-iskola u fil-livell sekondarju saħansitra għalaq il-Liċeo tal-Isla". Agius ġietu l-idea li jibda skola u qal b'dan lill-Assistent Superjur Ġenerali Karmenu Callus li dam daqsxejn biex ikkonvinċieh.

AGIUS: L-Iskola nista' ngħid li t-tfal għamluha. Fl-1930 jien kont sirt Servjent tal-Magħżulin, bdejt indur l-Oqsma, u bdew ikellmuni t-tfal u kienu ħafna mdejqin fejn kienu jmorru skola għax ma kienu organizzati xejn. U jien lill-Assistent Ġenerali Callus għedtlu, "Hemm bżonn nagħmlu skola!" Qalli, "Taf kemm hawn skejjel?" Ma qallix iwa mill-ewwel. Domt ħafna nissikkah. Imbagħad fl-aħħar konna fejn San Ġużepp, konna nitilgħu bil-mixi, nitkellmu u qalli, "Ara x'nagħmlu! Ejja nagħmlu kumitat. Agħżel in-nies int u jien nagħżel tiegħi. U għażilna kumitat. Dan kien qabel il-Gwerra. Il-Kumitat iltaqa' tliet darbiet.

Ġanni Schembri jgħid li Callus kien influwenzat ukoll mit-tagħlim tal-iskola li kien qed isir fil-Qasam tal-Museum ta' Bormla:

... it-tagħlim tal-iskola kien magħruf sewwa minn Callus peress li diversi drabi ġie fil-Qasam ta' Bormla anke matul il-ġimgħa.

Darba waħda ġie fil-Qasam u ra xi lezzjonijiet skolastiċi jsiru waqt l-assenjatur. Kien is-sajf, l-assenjatur jinqasam nofs qabel u nofs wara d-duttrina... Callus u Antonio Agius ftiehmu li jagħmlu xi ħaġa biex jibdew skola regolari matul il-jum u kuljum.

Fl-1 ta' Lulju 1937, Toni Agius, ta' bniedem determinat li kien, bagħat ittra bl-Ingliż miktuba b'idu lil-Logutenent Gvernatur ta' Malta Sir Harry Charles Luke li fiha applika biex jiftaħ skola b'żewġ klassijiet. Jiena u nqalleb fl-Arkivju Nazzjonali r-Rabat irnexxieli nsib propju din l-applikazzjoni storika:

Sir, I must respectfully beg to have the necessary permission to start private tuition in two classes: one, a preparation for Apprentices Dockyard Examination, and the other for infants. I have the Sir, Your obedient Servant, Antonio Agius.

# LEJL TA' MĦABBA MA' SAN LEOPOLDU



PATRI MARIO ATTARD OFM CAP

Kien jum it-Tlieta 27 ta' Lulju 2021. Wara li kilt mal-patrijiet filgħaxija, ħelu ħelu irħejtilha lejn kamarti l-għaliex l-għada, nhar l-Erbgħa t-28 ta' Lulju 2021, għall-ħabta tas-6.30 ta' filgħodu, kelli nitlaq l-ewwel xogħol lejn l-ajruport biex nirritorna Malta. Fra Giovanni ġentilment offrihieli li jwassalni sal-ajruport ta' Treviso.

Għall-ħabta tad-9.30 ta' filgħaxija intfajt ftit fuq is-sodda. Bejn l-għaliex dak il-jum, filgħodu, kont għadni ġej minn vjaġġ ta' sagħtejn u nofs bil-ferrovija minn Cesena u bejn minħabba s-sħana tal-ġurnata, il-Patri aqta' x'waħda ixxaħxaħ fuq is-sodda! Raqad raqda ċomba! Imma, għall-ħabta ta' nofsillejl neqsin kwart, ħassejt min iqajjimni! U, ħa ngħidilkom, qomt qisni farfett tafux! Jien li rrid parank biex niżżerżaq mis-sodda!

Għalhekk, kif qomt, donnu xi ħadd qalli kif kelli nqatta' dak illejl tassew speċjali. Mort ħdejn is-sink tal-ilma, ħsilt ħasla tajba wiċċi ħa niġi f'tiegħi, ilbist iċ-ċoqqa u ... għall-barra! ... Fejn imma barra? Barra l-kunvent? F'nofs ta' lejl ġewwa Padova? Mhux konsiljabbli! Mela int miġnun Patri? U le sieħbi! Barra kamarti! Barra z-zona tal-komfort tiegħi! Barra l-post fejn nagħmel lili nnifsi u l-bżonnijiet tiegħi alla.

Ħriġt mill-kamra, ħieles u ferħan, u irħejtilha s'isfel, ħdejn il-magna ippreferita tiegħi tal-ilma bil-gass. Iwa! F'nofs ta' lejl! Għax, la qaleb il-jum l-Erbgħa nini nini ikel għalija. Ħobż u ilma għax hekk tridni nagħmel is-Sinjura f'Medjugorje. Dik il-grazzja li rċevejt minn hemm nibża' għaliha daqs dawl għajnejja! Mela, ħadt l-ilma bil-gass, daqs, ngħidu aħna, erba' tazzi tal-plastik tal-kafè, u irħejtilha lejn l-ewwel sular. Jiġifieri lejn il-Kappella fejn San Leopoldu Mandìć, il-qaddis Kapuċċin prottetur ta' dawk li jqarru lin-nies, tagħna l-pazjenti tal-Onkoloġija u pijunier tal-ekumeniżu spiritwali għax ta' ħajtu b'offerta għall-għaqda bejn il-Knisja Kattolika u l-Knejjes Ortodossi, kien jitlob matul illejl.

X'ħin dħalt f'dan is-sular qgħadt b'seba' mitt għajn li ma nqajjimx lill-patrijiet li, imsieken, kienu qegħdin jorqdu raqda raqdun f'dak il-waqt! Għalhekk, kważi kważi fuq ponot subgħajja, irħejtilha lejn il-Kappella. Minħabba li d-dlam kien ċappa kelli nixgħel. U xegħel kuritur sħiħ! Imsarni f'dak il-ħin niżlu f'saqajja l-għaliex ħsibt li kont se nqajjimhom. Kemm tafu kemm dawk il-bozoz tal-kunvent tal-patrijiet jarmu dawl! Bil-ħasda li ħadt lil San Leopoldu, il-ħabib kbir tiegħi, għedtlu: Leo ħi! Ħu naqra ħsieb li jibqgħu jorqdu raqda fil-fond! Għax ma rrid inqajjem lil ħadd jien!

U, l-umli u l-ġeneruż Leopoldu semgħani! Għax ħadd, u proprju ħadd, ma qam. Jonħru kienu u jonħru baqgħu! Mela, x'ħin wasalt ħdejn il-Kappella, eżattament fuq il-bieb ta' barra, insib mitkub dan il-kliem: San Leopoldo Mandìć negli ultimi anni della sua vita celebrò la Santa Messa in questa cappella e durante la notte vi passava lunghe ore in preghiera. Jiġifieri: San Leopoldo Mandìć fl-aħħar ta' ħajtu kien iqaddes il-quddiesa f'din il-kappella u kien iqatta' ħafna sigħat jitlob matul il-lejl.

Dħalt fil-Kappella, xegħelt u bdejt inħejji għall-quddiesa. F'qalbi ħassejt li kelli nqaddes il-quddiesa li nqaddsu nhar il-festa ta' San Leopoldu Mandìć, li tiġi iċċelebrata nhar it-12 ta' Mejju. Ħejjejt kollox u, eżattament għall-ħabta tan-nofsiegħa, bdejt il-quddiesa. Hekk kif xrift 'il barra mis-sagristija ntbaħt li għajnejja kienu diġà imxarbin bid-dmugħ. Għax jien kont mort Padova proprju għalhekk, għal din l-esperjenza daqshekk speċjali!

X'ħin wasalt fuq l-artal u bistu ltqajt mal-ewwel rigal, l-antifona tad-dħul tal-quddiesa li kienet tgħid hekk: L-ispirtu ta' Sidi l-Mulej fuqi, għax il-Mulej ikkonsagrani, biex inwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin, bagħatni ndewwi l-qalb miksura; biex inħabbar il-ħelsien lill-imjassrin, u lill-ħabsin il-ftuħ tal-ħabs (Iż 61:1). Hawnhekk id-dmugħ aktar beda jitgelgel m'għajnejja. Għax, fil-qalba tal-qalb tiegħi, kont naf li din, permezz ta' San Leopoldu, kienet konferma tas-sejħa personali tiegħi ta' Patri Kapuċċin li nagħti ħajti għall-pazjenti fiċ-Ċentru tal-Onkoloġija Sir Anthony Mamo.

Imbagħad għaddejt għall-kolletta, jiġifieri għall-ewwel talba tal-ġemgħa li tintroduċi u tħeġġeġ għattisħib tal-ewwel mejda fil-quddiesa, dik tal-Kelma t'Alla. Din kienet tgħid hekk: O Alla, li int l-għaqda perfetta u l-għajn tal-imħabba, int għamilt lil San Leopoldu saċerdot mimli tjubija u ħniena lejn il-midinbin u imħeġġeġ li jippromovi l-għaqda bejn l-Insara. Agħtina, bit-talb tiegħu, li niġġeddu fl-ispirtu u fil-qalb biex inwasslu lil kull wieħed u waħda minn ħutna l-imħabba tiegħek u li nikkoperaw b'fiduċja għall-għaqda ta' dawk li jemmnu fl-għaqda tas-sliem. B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna, li hu Alla ...

Meta tlabt din it-talba qalbi aktar issuktat tinfetaħ għall-Ispirtu tal-Mulej fil-waqt li għajnejja aktar idemmgħu. F'dak il-waqt staqsejt lili nnifsi: Kemm jien, bħala saċerdot, mimli bit-tjubija u l-ħniena lejn min naqas? Qed nuri ħniena biżżejjed fiċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni? U, fiċ-Ċentru tal-Onkoloġija, kemm qed nippromovi l-wirt liturġiku u spiritwali Biżantin li għalih San Leopoldu taha ħajtu? Kemm qed inressaq lejn il-pazjenti, il-familjari u l-istaff l-ikoni mqaddsa li jdewwu l-feriti tal-qalb? Kemm qed norganizza aktar spiss u b'entużjażmu l-quddiesa Biżantina li tfejjaq il-qlub u tagħti serħan kbir li min jersaq lejha bi spirtu ta' tifel ċkejken?



U hawnhekk l-aħwa ġiet f'qalbi talba mill-isbaħ li, fil-quddiesa Biżantina, jien, flimkien ma' ħija Papas Martin Żammit, il-Kappillan tal-Parroċċa tad-Damaxxenu fil-Belt Valletta, nitolbu għalenija meta niċċelebraw il-quddiesa Biżantina li ħarġet mill-qalb ta' San Ġwann Krisostmu, fil-Kappella taċ-Ċentru tal-Onkoloġija Sir Anthony Mamo minn żmien għal żmien. Liema talba s-saċerdot jitlobha b'leħen baxx wara li d-djaknu jkun qara l-vanġelu:

Għalhekk jiena nitolbok bil-ħrara, lilek li Int biss Tajjeb u li dejjem lest biex tisma': Dawwar ħarstek lejja, il-qaddej midneb u ma jiswiex tiegħek, u saffili ruħi u qalbi minn kuxjenza ħażina. Agħtini l-ħila, bil-qawwa tal-Ispirtu qaddis tiegħek, imlibbes bil-grazzja tas-saċerdozju, li nieqaf quddiem din il-mejda qaddisa tiegħek u noffri s-sagrifiċċju tal-Ġisem qaddis u bla tebgħa tiegħek u tad-Demm għażiż tiegħek. Jiena lejk nersaq, b'rasi baxxuta, u nitolbok: La ddawwarx wiċċek minn fuqi, u lanqas twarrabni minn fost uliedek, iżda agħmel li jiena, il-qaddej midneb u ma niswiex tiegħek, ikun jistħoqqli noffrilek dawn id-doni.

B'din il-konvinzjoni ġewwiena ta' kemm ma jistħoqqlix inqaddes, għax midneb tassew u bil-provi, bdejt naqra l-ewwel qari li kien meħud mill-Ewwel Ittra ta' San Ġwann Appostlu, kapitlu 4, minn versi 7 sa 16. Il-kliem ta' din is-silta jgħid hekk:

Għeżież, ejjew inħobbu 'l xulxin, għax l-imħabba ġejja minn Alla, u kull min iħobb hu mwieled minn Alla u jagħraf lil Alla. Dak li ma jħobbx ma għarafx lil Alla, għax Alla hu mħabba. B'dan dehret l-imħabba ta' Alla fina, għax Alla bagħat lil Ibnu l-waħdieni fid-dinja, biex ngħixu bih. U hawn qiegħda l-imħabba; mhux għax aħna ħabbejna 'l Alla, imma għax ħabbna Hu u bagħat lil Ibnu biex ikun ta' tpattija għal dnubietna. Għeżież, jekk Alla ħabbna daqshekk, aħna wkoll għandna nħobbu lil xulxin. Lil Alla għadu ħadd ma rah, imma jekk inħobbu 'l xulxin hu jgħammar fina, u mħabbtu ssib il-milja tagħha fina. B'hekk nafu li aħna ngħammru fih u Hu fina, għax tana sehem mill-Ispirtu tiegħu. Aħna rajna, u nagħtu xhieda, li l-Missier bagħat lil Ibnu s-Salvatur tad-dinja. Kull min jistqarr li Ġesù hu l-Iben ta' Alla, Alla jgħammar fih u hu f'Alla. U aħna għarafna l-imħabba li Alla għandu għalina u emminnieha. Alla hu mħabba, u min jgħammar fl-imħabba jgħammar f'Alla u Alla fih.

Fih wisq x'tixtarr dan il-kliem ħbieb! U, tant kemm fih x'tagħrbel li aħjar nissokta niftaħ qalbi magħkom fuqu fil-ħarġa li jmiss ta' dan il-ġurnal ...

# ID-DIVERSITÀ U L-ARMONIJA RAZZJALI



LAIQ AHMED ATIF
President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta
amjmalta@gmail.com

"TABILĦAQQ, L-AKTAR NOBBLI MINNKOM QUDDIEM ALLA HUWA DAK L-AKTAR DEVOT FOSTKOM." "JEKK TIXTIEQU LI ALLA JKUN KUNTENT BIKOM FIS-SMEWWIET, INGĦAQDU FLIMKIEN DAQSLIKIEKU KONTU AĦWA MWELDIN MILL-ISTESS OMM."



L-inċident li seħħ fil-granet li għaddew fejn Jaiteh Lamin, immigrant mill-Gana, instab abbandunat mal-art mill-imgħallem tiegħu fil-Mellieħa, kien wieħed mill-agħar eżempji ta' diskriminazzjoni razzjali u trattament inuman. Huwa tħalla mormi bħala oġġett li ma jiswa xejn. Bla dubju, kull persuna sana u sensibbli li għandha qalb tħabbat f'sidru, definittivament ħass diqa kbira ġo qalbu.

## Superjorità u inferjorità

Il-punt huwa, għaliex jiġru dawn l-affarijiet? Għaliex aħna bħala bnedmin naħsbu li aħna aħjar minn ħaddieħor, jew jien superjuri u l-ieħor huwa inferjuri minni? Meta lkoll għandna l-istess kulur ta' demm għaddej fil-vini tagħna, ilkoll għandna l-istess bżonnijiet u sentimenti. Ikun liema jkun il-pajjiż li nappartjenu għalih, il-miġja tagħna f'din id-dinja u t-tluq lejn il-ħajja eterna hija eżattament l-istess. Allura għaliex aħna bħala bnedmin naħsbu lilna nfusna aħjar minn oħrajn? X'inhi r-raġuni ta' kburija egoista bħal din?

Kull sena jsiru ħafna laqgħat u konferenzi madwar id-dinja fejn jiġi diskuss is-suġġett tal-armonija razzjali; anke l-Ġnus Magħquda tiċċelebra kull sena l-Jum Internazzjonali dwar l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni razzjali bħala parti mill-kampanja biex tippromwovi l-armonija razzjali u l-ugwaljanza.

## Ir-razziżmu huwa velenu

Ir-razziżmu, għalkemm ikkundannat bil-qawwa minn kull nazzjon tad-dinja, għadu jeżisti u huwa fenomenu li jiżdied u jieħu forom ġodda. Dan il-velenu għadu qed jinfirex madwar id-dinja u ħoloq aktar diviżjonijiet u segmenti fost l-umanità.

Minflok ma tgħaqqad innies u toħloq dinja armonjuża permezz tal-bini ta' pontijiet fost il-bnedmin, ideoloġija diviżiva bħal din tikkawża aktar tifrik u tibni ħitan twal u għoljin fost l-umanità.

## L-umanità bħala l-familja waħda

L-Iżlam bħala reliġjon jitkellem ukoll ċar u tond dwar dan is-suġġett u jgħid li l-bnedmin kollha huma ndaqs. L-umanità kollha hija bħala familja umana kbira mibnija fuq id-diversità sħiħa.

Dan il-prinċipju jiġi mħeġġeġ b'manjiera distintiva ta' mħabba u għożża reċiproka, solidarjetà umana, tolleranza, armonija, paċi u sliem fis-soċjetà. Dan it-tagħlim universali u profond tal-Iżlam huwa intenzjonat li joħloq kultura umana universali, mibnija fuq l-ugwaljanza u l-ekwità tal-bnedmin kollha ta' kull żmien. Il-Koran Imqaddes jiddikjara:

"Ja bnedmin, aħna ħloqniekom minn raġel u mara; u qassamniekom fi tribujiet u fi tribujiet iċken ħalli ssiru tafu lil xulxin. Tabilħaqq, l-aktar nobbli minnkom quddiem Alla huwa dak l-aktar devot fostkom." (49:14)

Il-messaġġ ta' dan il-vers huwa ċar u tond. M'hemm l-ebda klassijiet soċjali jew supremazija razzjali, iżda n-nies kollha huma ugwali, mingħajr l-ebda diskriminazzjoni jew distinzjoni. Ir-razza sħiħa umana mhix ħlief familja waħda.

## Il-pedamenti tal-armonija razzjali

Fiż-żmien kontemporanju, meta d-dinja qed tiffaċċja ħafna problemi inkluż il-pandemija tal-koronavirus, u s-sitwazzjoni finanzjarja u ekonomika, hemm ħtieġa urġenti biex inwaqqfu kull xorta ta' mibegħda, intolleranza, u razziżmu, u minflok inqiegħdu l-pedamenti tal-imħabba, il-paċi u l-armonija razzjali.

Dan jista' jsir biss billi nirrispettaw kull xorta ta' sentimenti ta' xulxin, billi nwarrbu kull forma ta' razziżmu, billi ndawru r-razziżmu eżistenti fi ħbiberija u fratellanza.

Dan huwa l-fatt li llum id-dinja saret villaġġ globali, id-dinja ngħaqdet f'unità waħda minħabba mezzi veloċi ta' trasport u komunikazzjoni, u l-bnedmin resqu ferm qrib xulxin. In-nies ta' kull pajjiż, razza, reliġjon u kultura jinsabu kullimkien.

Nixtieq nikkwota millaħħar diskors tal-Qaddis Profeta Muħammad, il-paċi tkun fuqu, fejn huwa, f'termini ċari u b'leħen qawwi ta' regoli ġenwini għat-twaqqif ta' soċjetà ugwali u armonjuża, qal:

"Nies, Alla għamilkom aħwa ta' xulxin, għaldaqstant tkunux mifrudin. Kollha kemm intom ugwali. Il-bnedmin kollha, ta' nazzjonijiet u tribujiet differenti, u ta' pożizzjonijiet fil-ħajja diversi, huma kollha l-istess. Bħalma s-swaba' taż-żewġ idejn huma l-istess, hekk il-bnedmin huma ugwali għal xulxin. Ħadd m'għandu d-dritt, jew superjorità, fuq ħaddieħor. Intom kollha bħal aħwa."

## Aħna bħala aħwa mweldin mill-istess omm

Aħna rridu naċċettaw din ir-realtà li l-bnedmin kollha huma ugwali fir-rispett, fid-dinjità u fid-drittijiet, u ħadd ma għandu xi privileġġ jew superjorità fuq l-ieħor, u li d-diversità tal-bniedem qiegħda hemm għal skopijiet akbar ta' rikonoxximent, fehim, tagħlim minn xulxin u biex nikkompetu ma' xulxin f'xogħlijiet tajbin.

Dan il-messaġġ ta' armonija razzjali, ugwaljanza u fraternità umana ngħata aktar enfasi mill-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad, meta huwa qal:

"Jekk tixtiequ li Alla jkun kuntent bikom fis-smewwiet, ingħaqdu flimkien daqslikieku kontu aħwa mweldin mill-istess omm. Dak li jaħfer l-aktar it-trasgressjonijiet ta' ħuh ikun l-aktar nobbli fostkom. Sfortunat ikun dak li jwebbes rasu u ma jaħfirx."

# IR-RE TAL-MARĊI INGLIŻI

## KENNETH J. ALFORD JEW MAJOR F.J. RICKETTS



PETER PAUL CIANTAR



Nibda l-artiklu tiegħi b'mistoqsija: min huwa r-re tal-marċi Ingliżi, Kenneth J. Alford jew il-Maġġur F.J.Ricketts? L-istess: f'kelma waħda, l-istess persuna, u hemm raġuni. Nikteb dwar dan aktar tard f'dan l-artiklu.

Mingħajr dubju ta' xejn kulħadd jaf bil-mużika ta' dan il-kompożitur Ingliż għax il-marċi tiegħu għandhom fama internazzjonali. Pereżempju, min ma semax il-famuż marċ 'The Bridge on the River Kwai' li jiddomina dan il-film Ingliż mill-aqwa tas-sena 1957? Dan il-marċ huwa tal-Maġġur F.J.Ricketts, ir-re tal-marċi Ingliżi. Kien il-famuż direttur tal-baned militari Sir Vivian Dunn li sejjaħ lill-Maġġur Ricketts 'ir-re tal-marċi Ingliżi'. U dan bir-raġun għax l-ebda kompożitur tal-marċi Inglizi ma wasal għal-livell tant għoli tal-marċi ta' Ricketts.

Ricketts ikkompona numru sabiħ ta' marċi militari u kollha huma sbieħ u kollha popolari. Żgur li l-marċi tiegħu jżejnu l-parati militari mhux biss Ingliżi iżda anke parati militari ta' pajjiżi oħra.

Il-Maġġur F.J.Ricketts kien il-bandmaster tal-Armata Ingliża u d-direttur mużikali tar-Royal Marines. Iżda ħalli nibda mill-bidu nett.

Frederick Joseph Ricketts twieled fi Frar, 1881. Huwa kien ir-raba' wild minn ħamsa. Missieru miet meta huwa kellu biss seba' snin, filwaqt li ommu mietet meta Frederick kellu 14-il sena. Għaldaqstant tfulitu kienet iebsa sewwa … Ricketts kien mingħajr ġenituri.

Frederick ħa l-ewwel taħriġ mużikali tiegħu fuq il-pjanu u l-orgni. Kellu l-ewwel impjieg tiegħu bħala korista fil-Knisja Parrokkjali San Pawl f'Shadwell, fl-East End ta' Londra. Din il-knisja għadha teżisti sal-ġurnata tal-lum.

Bħala tifel, Frederick kien jissaħħar jisma' l-mużiċisti tat-triq idoqqu għall-pubbliku li jkun għaddej. Hawn huwa tfawwar l-aktar bil-ħoss tas-saksofon, tant li dan il-ħoss baqa' fih u aktar tard fil-karriera brillanti tiegħu introduċieh fil-baned militari Ingliżi. Insemmu wkoll li s-Salvation Army Band impressjonatu bis-sħiħ ukoll.

Imsaħħar b'dan kollu, Ricketts, b'ġenituri mejtin, kien determinat li jingħaqad ma' xi banda militari. Ir-nexxielu u minnufih beda jħaddem il-pinna mużikali tiegħu.

Frederick Ricketts l-ewwel li ngħaqad kien mar-Royal Irish Regiment bħala 'band boy'. Kellu 14-il sena, allura kellu jigdeb fl-età biex ġie aċċettat … kien għadu żgħir għar-riġment. Iżda ta' 26 sena huwa ngħata l-banda militari tiegħu u wieħed mill-ewwel marċi li kkompona kien 'The Tin Red Line'. Dan kien f'Lulju tas-sena 1908.

Il-popolarità ta' dan il-marċ wasslet biex isem Ricketts isir magħruf kemm bħala surmast tal-banda militari kif ukoll bħala kompożitur. Wara dan il-marċ ġew marci militari oħra tiegħu, fosthom 'Holyrood', 'Colonel Bogey', 'The Great Little Army' u oħrajn. Dawn komplew kabbru bis-sħiħ il-fama tiegħu, tant li bdew ġejjin kummissjonijiet biex Ricketts jiktbilhom il-marċi. Hawn huwa kellu joħloq isem ieħor (pen name). Forsi tistaqsuni: x'kienet il-ħtieġa għal dan? Ngħidilkom.

Ir-raġuni kienet li issa l-awtoritajiet militari Ingliżi ma kkonċedewx lil Ricketts li jagħmel parti mid-dinja kummerċjali. Riduh tagħhom biss; jikteb biss għall-banda militari tiegħu. Min-naħa l-oħra, il-Maġġur F.J.Ricketts kellu l-familja xi jmantni: il-paga tar-riġment ma kinetx biżżejjed. Il-marċi tiegħu bdew jieħdu fama kbira mhux biss fl-Ingilterra iżda mal-Ewropa kollha wkoll. Għalhekk ħoloq dan l-isem ta' Kenneth J. Alford, isem biex jaħbi l-veru isem tiegħu. Fil-fatt, Alford huwa kunjom ommu xebba, Joseph huwu t-tieni isem tiegħu u magħhom żied Kenneth. Hawn issa huwa ħassu liberu u seta' jbigħ il-marċi tiegħu lil diversi baned oħra.

Barra marċi militari, il-Maġġur F.J.Ricketts (jew inkella Kenneth J.Alford) ikkompona wkoll valzi, fantasiji mużikali, rapsodiji, dwetti strumentali u aktar.

Għamel ukoll diversi arranġamenti mużikali ta' opri, operetti u mużika klassika sabiex il-baned militari jkollhom xi jdoqqu fl-ispettakli mużikali li kienu jippreżentaw.

Ricketts irtira mir-Royal Marines f'Ġunju, 1944. Saħħtu bdiet sejra lura u miet sena wara fl-età ta' 64 sena. Kien għadu kemm ġie operat għall-kanċer li kellu.

Il-Maġġur F.J. Ricketts kellu karriera ta' 50 sena fis-servizz militari Ingliż. L-aħħar marċ tiegħu kien 'Eagle Squadron', miktub tliet snin qabel miet dan ir-'re tal-marċi Ingliżi'.

Nota finali

Ngħarraf lil-qarreja, li l-programmi mużikali li nippreżenta jiena fuq Radju Malta f'din l-iskeda tax-xitwa huma dawn-

'Għandi Pjacir Nippreżentalek' li jixxandar kull nhar ta' Tnejn fl-10.15 ta' bil-lejl .

'L-Opra tal-Ġimgħa' li jixxandar kull nhar ta' Ġimgħa fl-10.15 ta' bil-lejl.

Wara t-trasmissjoni l-programmi jkunu fuq 'on demand' tar-Radju tal-PBS

# "GĦAX RIEDET HI..."

## Il-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-lingwa



NADIA ABDILLA

Bla ma nidħol fil-mertu ta' każ partikolari li ġie rrapportat fil-mezzi tax-xandir dan l-aħħar dwar stupru ta' tfajla f'Paceville, ma nistax ma nirriflettix u ma naħsibx fuq il-lingwaġġ u l-espressjonijiet li nxteħtu minn numru ta' nies dwar dan il-każ fuq dak li llum ħa post iz-zekzik fil-pjazza; il-Facebook.

Il-vjolenza abbażi tal-ġeneru tkopri firxa wiesgħa ta' atti vjolenti u abbużivi. Tajjeb li nifmhu li ma tinvolvix biss każ ta' stupru iżda rridu nżommu f'moħħna li kwalunkwe att mhux mixtieq li jsir kontra persuna, speċifikament abbażi tal-ġeneru jista' jirriżulta fi ħsara u tbatija fiżika, emozzjonali, sesswali, psikoloġika jew anke dik ekonomika. Minbarra dawn, it-theddid u l-isfurzar kontra l-volontà u mingħajr il-kunsens tal-persuna, minimu kemm hu minimu l-att, huma wkoll atti abbużivi. Irrelevanti jekk iseħħux barra t-triq jew bejn l-erba' ħitan tad-dar.

Xtaqt l-ewwel nislet uħud mill-kummenti li l-aktar ħallewni mħassba. Kummenti pubbliċi dwar każ ta' possibbilment stupru f'Malta.

"U għalfejn marret?"

"Ħadha d-dar? Qabadha minn xagħrha tgħid?"

"X'marret tagħmel għandu? Mela kaxkara minn xagħrha, issa ħa toqod tnewwaħ."

"Marret għax riedet u daqsekk. Kienet mejta għalih u wara tgħid li abbuża minnha."

Hemm dawk ukoll li jħossu li f'dawn il-każijiet sensittivi u serji, għandhom idaħħlu kemxejn umoriżmu biex forsi jtaffi ftit mill-gravità tal-każ:

"Naħseb kif talbitu diska, żarma kollox u ġibidha mal-affarijiet u ma ndunax, u kif ra, dar u stuprha."

"Mhux ħadha, imma marret miegħu d-dar naħseb biex jgħamlila kafè."

"It takes two to tango."

Tiksaħ. Forsi m'għandniex kontroll assolut biex inwaqqfu atti bħal dawn iżda ħaġa li żgur għandna l-kontroll f'idejna hi kif nitkellmu u naħsbu dwar dawn l-atti u esperjenzi abbużivi.

Jien u naqra dawn il-kummenti, ma stajtx ninjora l-konnessjoni qawwija li teżisti bejn kif naħsbu dwar atti bħal dawn u kif nitkellmu dwarhom. Tajjeb li ndawwru ftit ħarsitna u niffokaw fuq il-lingwaġġ li jintuża, ħafna drabi mingħajr ħsieb u b'għafsa ta' buttuna.

Daqskemm il-lingwa u l-linwaġġ li nużaw jista' jgħaqqad, daqs tant ieħor jifred. Il-mod ta' kif nużaw il-kliem u t-ton li nitfgħu f'dak li ngħidu jinfluwenza u huwa wkoll influwenzat mill-mod ta' kif naraw d-dinja ta' madwarna. Ċarament, mingħajr ma nitfa' lil kulħadd f'keffa waħda, fejn jidħlu każijiet ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, l-atteġġjament u l-lingwaġġ li bih nesprimu ruħna qed ikompli jipproduċi u jirriproduċi l-istess attitudnijiet patrijarkali li għadhom jiddominaw u jaħkmu s-soċjetà tagħna.

Il-lingwaġġ dispreġjattiv li jingħad lejn il-vittma li tkun sofriet l-esperjenza t'abbuż, issaħħaħ l-ideat u d-diskors opressiv li jkompli jmantni l-istaus quo; partikolarment f'każijiet ta' vjolenza kontra n-nisa. Frażijiet bħal "għax riedet hi," ma jagħmlu xejn għajr ikomplu jitfgħu aktar piż u responsabbiltà falza fuq il-vittma. Bħallikieku hi, it-tfajla li kienet miexja lejn id-dar wara li ħarġet mal-ħbieb jew, hi, il-mara li kienet qiegħda bilqiegħda fuq Tal-Linja għall-affari tagħha, jew hi li marret ġirja ta' malajr bix-xorts qasir fis-sajf ... kellhom ikunu huma li jieħdu l-prekawzjonijiet kollha biex ħaddieħor ma jagħtihomx fastidju.

Imma "għax riedet hi!"

Il-mod ta' kif nużaw il-kliem, jipproġetta wkoll azzjoni li permezz t'hekk jista' jwassal għall-għaġna differenti tal-mod kif nħarsu lejn is-soċjetà tagħna. Dan iffisser li, permezz tal-lingwa, nkomplu nsaħħu l-perċezzjoni reali li l-ħtija hija tal-persuna li sofriet l-att vjolenti, "għax riedet hi".

Il-lingwa li nużaw biex nitkellmu jew nirreaġixxu għall-każijiet ta' vjolenza fuq in-nisa hija mera ta' dak li aħna u tas-soċjetà li ngħixu fiha. Meta r-responsabbiltà tinxteħet fuq il-persuna li bagħtiet minflok fuq il-persuna li għamlet l-azzjoni, bid-diskors li nużaw, nkunu qegħdin niġġustifikaw dik l-azzjoni – bħala mhux ħażina. Il-fatt li mara forsi tagħżel li tiltaqgħa ma' raġel iżda mbagħad iddawwar il-ħsieb, ma jagħti l-ebda poter u lanqas dritt lir-raġel biex jinsisti, u aktar minn hekk jabbuża mis-sitwazzjoni u minnha stess. Il-ħażin, allura, mhux li l-mara għamlet l-għażla li tiltaqgħa imma proprju li nsista li jagħmel li jrid hu mingħajr il-kunsens tagħha.

Bil-mod ta' kif jitpoġġa d-diskors, fejn t-tort jiġi ttimbrat fuq il-mara – "għax riedet hi" – kull ma jagħmel hu li jkompli jsaħħaħ din it-tip ta' mentalità fqira. Mentalità li toħloq ambjent ta' permessibilità u kontinwazzjoni ta' atti vjolenti. Mentalità li tkompli tiġġustifika l-azzjoni mingħajr ebda ħtija. Anzi, agħar minn hekk, inkunu qegħdin inżommu lill-vittma ħatja tal-azzjoni ta' ħaddieħor – għax mhux hu... imma hi.




# IL-MAĦLUT TA' TKABBIR TAL-ĦXEJJEX TAL-BORMA B'MOD ORGANIKU

## PREPARAZZJONI TAL-ĦAMRIJA

MARIO SALERNO

**Sketċ ta' Għalqa 1 u Għalqa 2 juru familji f'raddi differenti**

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1T | 1 | 1 | 1 | 1T | 1 | 1 | 1 | 1 | 1T |
| 1 | 2 | 15 | 14 | 13 | 12 | 11 | 10 | 24 | 1 |
| 1 | 3 | Fabacea | Brassicacea | Alliacea | Solancea | Asteracea | Apiacea | 23 | 1 |
| 1T | 4 | Fabacea | Brassicacea | Alliacea | Solancea | Asteracea | Apiacea | 22 | 1T |
| 1T | 5 | Fabacea | Brassicacea | Alliacea | Solancea | Asteracea | Apiacea | 21 | 1T |
| 1 | 6 | Fabacea | Brassicacea | Alliacea | Solancea | Asteracea | Apiacea | 20 | 1 |
| 1 | 7 | 8 | 9 | 10 | 16 | 17 | 18 | 19 | 1 |
| 1T | 1 | 1 | 1 | 1T | 1T | 1 | 1 | 1 | 1T |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1T | 1 | 1 | 1 | 1T | 1 | 1 | 1 | 1 | 1T |
| 1 | 2 | 25 | 24 | 23 | 22 | 21 | 20 | 19 | 1 |
| 1 | 3 | Cucubitaceae | Poaceae | Malvaceae | Valerianaceae | Chenopodiaceae | Poly- | 18 | 1 |

It-tkabbir tal-ħxejjex jeħtieġ ħamrija tajba li trid ikollha kemm in-nutrijenti kollha li jeħtieġu l-pjanti, kif ukoll il-kompożizzjoni, l- istruttura u it-tessura tal-ħamrija tajba, fejn il-partiċelli tal-ħamrija li jriedu jkunu mpoġġija sew fuq xulxin u ħdejn xulxin f' ħart tajjeb, waqt li t-tessura tal-ħamrija trid tkun fina, ħafifa u ventilata bl-arja li joħloq ambjent idejali għat-tkabbir tal-mikro-organiżmi benefiċjali bħal mikrofawna u mikroflora li jgħixu taħt il-wiċċ tal-ħamrija.

Meta l-ħamrija tkun maħduma sewwa għax il-ħart issir bil-galbu u jkollha demel aħdar li jkattar il-ħumus, fejn jitkattru mikro-organizmi u makro-organizmi li jkissru l-elementi kemikali li nagħtu jew bħala demel organiku inkella bħala fertillizant organiku. Bis-saħħa tas-saff tal-ħumus li huwa d-dar naturali għall-ħlejjaq li narawhom biss permess ta' mikroskopju, dawn jiffurmaw saff bijotiku li jfarrak l-elementi maġġuri bħal Nitrat, Fosfru, Putassa u elementi minuri bħal ħadid, Boron etc u għax ikunu mfarrka b' mod bijoloġiku, dawn l-elementi jiffurmaw miljuni ta' "IONs" fl-ilma tal-ħamrija u jittieħdu b'faċilta mill-għeruq tal-ħxejjex. Din hija n-newba naturali.

Dejjem il-produttur tal-ħxejjex għandu jkun jaf il-ħamrija tiegħu billi jieħu analiżi tagħha u jkun jista' jieħu l-miżuri skont il-bżonnijiet tal-ħamrija. Min ma jasalx waħdu, għandu jfittex parir professjonali. Fil-bijodiversita semmejt l-importanza li noħolqu pjanti ta' akkumpanjament, li joħolqu tip ta' affinita bejniethom u b'mod ċar u sempliċi wieħed irid joħloq ekosistema u dan jista' jitwettaq billi:

1. Tipprepara il-burdura ħadra madwar l-għalqa fejn diversi ġeneri ta' pjanti jitħawwlu u

2. Il-bijodiversita tirnexxi kemm il-produttur jkun kapaċi jifhem il-bżonnijiet tal-għalqa tiegħu.

Jekk wieħed se jaħdem fir-raba' saqwi huwa totalment differenti minn ħidma fir-raba' bagħli, għaliex l-ilma fis-saqqi jilgħab rwol determinanti fil-produzzjoni tal-ħxejjex. Anke x'tip ta' ħamrija u kemm hija fonda jiddependi x'tip ta' ħxejjex jitkabbru u l-istennija tal-produttur trid tkun rejalistika skont il-fatturi li ssawwru l-ekosistema tal-għalqa li jkun se jaħdimha!

Billi llum huwa ħafna faċli li jinġiebu żriegħ anke bil-posta, il-produttur għandu jkabbar diversi ħwawwar u fjuri li huma msemmiha aktar hawn taħt, li jiffurmaw burdura biex jitkabbru insetti benefiċjali li jnaqqsu l-insetti danużi kemm għax ta' l-ewwel jiekluhom u anke hemm xitel li jkerrex insetti li jagħmlu il-ħsara lil uċuħ li nkabbru fl-għalqa. Metodu effiċjenti hu li tinżera' ż-żerriegħa tal-ħwawwar f'reċipjenti li jkollhom kompost sterillizzat u meta jikbru għat-taħwil, għandha l-art tkun maħduma b'mod li n-newba tkun fl-aqwa tagħha biex tagħti mill-ewwel dawk in-nutrijenti lix-xitel. Kull taħwil, qlugħ u ċaqliq mill-pots, jitlob li l-għeruq jinġibdu l-isfel u ma jkunux mdawwrin minħabba li l-pots ikunu tondi u l-għeruq jieħdu l-qagħda tagħhom, w allura l-għeruq jieħdu dik il-forma ċirkulari. Meta t-tubba bix-xitla tinħareġ mill-pot, għandhom bis-swaba jitniżlu l-għeruq 'l isfel sabiex dawn ssibu ħamrija umda fejn l-għeruq jinferxu b'mod vertikali u mhux b'mod orizzontali u li jsibu in-nutrijenti maħlulin biex jittieħdu mill-ewwel mill-pjanta.

Bħala ħwawwar, wieħed għandu jfittex li jkun hemm dawk il-ħwawwar u anke pjanti ornamentali li jagħmlu fjuri bħal "African Marigolds – Tagetes u Margerita – Calendula " li jgerrxu l-insetti li jagħmlu il-ħsara. Hemm ħwawwar bħal tursien u pjanti ornamentali bħal qronfol tork (Tagetes sp.) jew il-margerita (Calendula sp) li huma anwali, jitkabbru kull sena waqt li hemm pjanti oħrajn li huma ta' sentejn jew ta' aktar snin eżempju il-Faqqus il-ħmir li joħloq il-post idejali għan Nannakola u din ix-xitla għalkemm tikber selvaġġa, għandha posta fuq il-ħitan tas-sejjieħ. Tajjeb ukoll li bejn il-ħajt tas-sejjieħ u r-raddi tax-xitel, naħsbu biex ikollna strippi ta' xgħir sabiex inżidu mal-bijodiversita kif ukoll filliera xgħir iżżomm lura il-bebbux li jaqsam mill-ħitan tas-sejjieħ għal fuq il-ħxejjex tal-borma.

Il-burdura il-ħadra titkabbar minn xitel ta' familji differenti, li għandhom riħa differenti u li għandhom forom ta' għeruq differenti minn xulxin, li jgħaqqdu iċ-ċinturin madwar l-art li se tintuża għall-taħwil tal-ħxejjex tal-borma.

Il-burdura l-ħadra tiġbed ukoll insetti benefiċjali bħal żnażan li jbidu fuq insetti dannużi jew ħanfus bħal Nannakola, u meta dawn iż-żnażan / ħanfus ma jkollhomx fejn jieklu insetti għeddewwa, dawn l-insetti predaturi u parasittiċi jfittxu il-pollen (id-dakkir tal-fjuri) biex jieklu u jibqgħu ħajjin. Mela il-pjanti dekorattivi joħolqu sorz ta' ikel għal dawk l-insetti benefiċjali meta ma jkollhomx insetti għeddewwa x'jieklu. Li kieku ma jkollhomx x'jieklu, dawn l-insetti benefiċjali jaħarbu u jitilqu 'l hemm biex ifittxu l-ikel x'imkien ieħor. Għalhekk huwa għaqli li ddaħħal pjanti dekorattivi mal-ħwawwar fil-burdura biex ikollok alternativa għal meta jiskarsa l-ikel għal insetti benefiċjali. Ix-xitel tal-ħwawwar fil-burdura jitħawwlu skont l-istaġun tagħhom u jridu jkollhom spazju bejn waħda w oħra biex ikollhom fejn jimirħu.

Fejn ikun hemm problemi bil-bebbux, huwa pass bażiku li jsir żriegħ tax-xgħir bejn il-burdura l-ħadra u l-ħajt tas-sejjiegħ. Wara sena ta' xgħir,

is-sena ta' wara jista' jintuża l-qamħ, b'sena oħra ta' avena u jekk ikun hemm l-ilma jista' jinżera' il-qaraboċċ jew qamħarrun fis-sajf. Dawn huma kollha ċereali li jiffurmaw purtiera għall-bebbux biex ma jmurx fuq il-ħwawwar u fuq il-ħxejjex tal-kċina.

F'ekosistema kompleta, tajjeb li l-produttur tal-ħxejjex joħloq vaska bl-ilma biex insetti benefiċjali jimirħu. Tista' ssir għadira artifiċjali li toffri wkoll ilma lil annimali oħra bħal żring, gremxul, għanfud, kamaljonte, sriep w 'oħrajn li jieklu insetti, ġrieden u pests.

Bħala ħxejjex tal-kċina, dejjem fittex dawk il-varjetajiet li huma adattati għar-raba' tiegħek u li se jkun hemm il-bejgħ għalihom. Il-post ta' fejn huwa r-raba', kif kien jintuża u jinħadem qabel, jekk hemmx xi forma ta' tittlu fuq ir-raba' u x'permessi hemm fuq ir-razzett – dawn huma parti mir-rekords talgħalqa. Li tkun taf jekk kienx hemm problemi b'xi mard fuq xi ħxejjex, dejjem jgħin biex inti tfittex varjetajiet li huma reżistenti għall-mard bħal ġlata fuq il-patata.

Ukoll il-produttur tal-ħxejjex irid ikun jaf kemm iddum jikber il-prodott u meta se jlaħħqu mhux biss minħabba raġuni tassuq, imma wkoll biex tkun ppreparat x'se tħawwel wara l-prodott li jkun laħaq. Għall-ewwel jidher diffiċli, imma wara l-ewwel sena, is-sistema timxi b'mod faċli u biż-żmien tiffranka ħafna flus fix-xiri ta' bexx u ta' fertilizzanti organiċi minħabba l-fatt li l-ħamrija tieħu ħsieb lilha nnifisha u toħloq ekosistema unika fl-għalqa tiegħek, li b'ħidmietek tasal għaliex kull bniedem jaħdem differenti, tkun ekosistema unika u li trendi. B'hekk il-bijodiversita twassal għall-metodi sostenibli.

Ħawn taħt qed nipproponi manniġġ ta' għalqa, li għandha aċċess għall-ilma, fejn it-tisqija tkun bil-qtar – drip irrigation. Ukoll biex inkabbar il-ħxejjex tal-borma, se nuża' l-membrane degradabli biex inrażżan it-tkabbir talħaxix selvaġġ li ma nkunux inridu joħloq kompetizzjoni għall-uċuħ li nrid inkabbar ta' kwalita, fejn huwa possibli l-anqas qatra bexx ma nuża' għajr l-użu tal-kuprita biex nipprevedi l-mard tal-moffof. Rigward l-insetti, nrid nuża' pjanti 'companion plants' li jakkumpanjaw lil xulxin u jħarrsu lil xulxin minn kull ħsara ta' insetti għeddewwa. Madwar u barra mil-burdura, ikun għaqli li nagħmlu radda ta' metru wiesa' ta' xgħir biex il-bebbux jieqaf lil hemm u ma jmurx fuq il-burdura tal-ħwawwar, li ħafna minnhom se nsib il-bejgħ tagħhom bħala "delicatessen" fil-kċina mediterranja. Ħawn min jagħmel il-ġir flok ix-xgħir, imma l-ġir jinġarr bl-ilma! Anke il-weraq tal-prinjol li jniggez li bħal qxur tal-bajd jista' jintuża bħala buffer li jdejjaq il-bebbux, il-bugħarwien u l-bugħarrat.

Fl-isketċ qed ikun imniżżel numru li juri x'tip ta' pjanta tinżera' / titħawwel kif muri hawn isfel:

1= xghir; iservi kemm bħala buffer (periferija) bejn il-ħitan tas-sejjiegħ u r-raddi tal-ħxejjex għall-bebbux kif ukoll jilqa' u jnaqqas issaħħa tar-riħ;

1T = siġar bħal Żebbuġ , il-Luq ,ir- Rant , is-Siġra ta' Ġuda , is-Siġra tar-Rummien li jiġbed għasafar li jieklu l-insetti bħal pittirossi, bufful w oħrajn. Bit-taħwil tassiġar mal-periferija tax-xgħir, inkunu qed noħolqu post għall-għasafar li ma jagħmlux ħsara lil ħxejjex għax jieklu d-dwied, il- bajd tal-insetti. B'hekk noħolqu ambjent aktar naturali w ekosistema kompluta.

Ħwawwar jew pjanti li huma rakkomandati u li huma mniżżlin fl-isketċ talgħalqa 1 u 2: bħal 2 = Lavender ; 3= Iklin ; 4= Salvia ; 5= Sagħtar ; 6 =Rant ħelu ; 7= Fidloqom ; 8= Busbiez ; 9 = Coriander ; 10 = Filfell aħmar ; 11= Origano ; 12 = Ċinnamon ; 13 = Cardamom ; 14 = Rant komuni ; 15 = Ġinġer ; 16 = Kamomila ; 17 = Ħabaq ; 18 = Kemmum ; 19 = Saffron ; 20 = Sumak ; 21 = Tarragon , 22 = " Yarrow " ,23 = Merqtux jew inkella dawn Marjoram , " Chervil " , " Caraway " , " Oyster plant ", "Cloves ", " Juniper berries ", " Bee balm ", " Lemon balm ", 24 " Calendula ", 25 " Tagetes ".

Ħxejjex tal-Borma li nistgħu ndaħħlu f'raddi bi 30 cms passaġġ bejn kull radda, imma nistgħu ndaħħlu raddi kemm inridu skont il-wesgħa u t-tul tal-għalqa. Importanti li nifhmu sewwa x'tip ta' familja ta' ħxejjex nkunu qegħdin nużaw biex inkabbru. Bħal eżempju qed nagħżel diversi familji differenti li fihom wieħed issib diversi ħxejjex li jintużaw fid-dieta mediterranja. Dawn il-familji tal-ħxejjex tal-borma jew inkella jisgħu jittieklu bħala insalata huma mfissra hawn taħt:

Fabacea ( legumi )- Din il-familja tiġbor diversi uċuħ tal-mizwet, fejn fosthom wieħed jista' jiżra' Fazola, Piżelli, Ful, Ċiċri, Għażż u li jħallu n-nitrat permezz tal-kapaċita tal-għeruq tagħhom. In-nitrat li jħallu warajhom, igawdi minnhom xi pjanta li tifforma l-weraq li aħna nieklu bħal kabboċċi / ġidra / pastard / broccoli / brussel sprouts.

Brassicacea ( il-Kromp ) – Din il-familja għandha uċuħ b'weraq grass u li ħafna drabi għandhom effett lassativ bħal Kabboċċi, Pastard, Brokkoli, Ġidra, Arugula, Sabauda ( Kale ). Billi hemm friefet li jattakkaw lil din il-familja, ikun għaqli li ħdejn din ir-radda jkun hemm radda tal-familja Alliacea u tal-Asparagaceae , li r-riħa tagħhom jgerxu l-friefet aparti t-tulliera li taqbad ukoll ilbrimb aħmar.

Alliacea tiġbor fiha il-basal, it-tewm, il-kurrat u " chives " waqt li l-Asparagceae tiġbor l-Asparagus. Kemm it-tewm kif ukoll il-basal fil-viċinanza tal-ħabaq li għandu postu wkoll fil-burdura l-ħadra idejjaq ukoll il-farfett tas-susa tal-patata u t-Tuta absoluta tat-tadam. Allura ħdejn il-filliera tat-tewm nizra' l-patata mill-familja tas-Solanaceae jew xi speċi oħra tal-familja skont listaġun.

Solanaceae hija familja kbira u tiġbor it-tadam, il-patata, il-bżar filfel u aħdar, brunġiel u " cherry tomatoes ". Varjetajiet li huma reżistenti kontra l-mard tal-ġlata għandhom ikunu preferuti. Ukoll il-bżar filfel jista' jinżera' wkoll mal-burdura l-ħadra jekk ma jkunx ukoll mħawwel fir-radda paralleli mar-raddi tal-ħxejjex jkun hemm il-familja tal-Asteraceae. Aparti t-tisqija bin-nutrijenti, il-presenża ta' ħwawwar bħal ħabaq, nagħnieħ, merqtux idejjqu l-insetti għeddewwa.

Asteraceae hija l-familja li tiġbor fiha ħass, indivja, għeruq taċ-ċikwejra, qaqoċċ, kardun, artiċoks w oħrajn bħal pjanta nazzjonali ta' Malta li ssebbaħ il-burdura l-ħadra li tattira insetti tad-dakkir bil-lejl. Dawn l-insetti tad-dakkir jikkumplimentaw dawk li jdakkru uċuħ umbellifera li huma tal-familja Apiaceae.

Apiaceae tiġbor fiha iż-żunnarija, it-tursin, il-karfus, il-bużbież, ix-xibt (Dill) u li huma wkoll uċuħ li jakkumpanjaw uċuħ tal-familja Chenopodiaceae u tal-Polygonaceae li jiġbru fihom isselq, il-pitravi, is-spinaċi u r-Rabarbru.

Cucurbitaceae tiġbor fiha l-ħjar, bettiegħ, dulliegħ, qara' tork, qara' bagħli w oħrajn. Il-bħajra titkabbar bil-kbir f'pajjizna u wieħed irid dejjem iħares prattiċi agrikoli tajbin u bħala pjanti li huma meqjusa bħala "companion plants " insibu anke l-arbuxella taż-żejt tar-riġlu " Castor oil plant " li taħdem bħala repellent għall-insetti għedewwa kif ukoll tnaqqas il-moffa tal-mell dqiqi.

Familji oħra tal-ħxejjex huma Valerianaceae, Malvaceae, Poaceae u Convolvulaceae li jiġbru fihom il-ħass tal-ħaruf, okra, qamħ ħelu u patata ħelwa.

Il-patata ħelwa tiġi millbogħod mill-patata komuni, għalkemm il-patata ħelwa qegħda fil-Convolvulaceae bħall-leblieb w'oħrajn waqt li l-patata komuni qegħda fis-Solanaceae. Iż-żewġ familji jmorru taħt l-ordera tas-Solanales. Il-patata ħelwa kienet teżisti fis-selvaġġ ġewwa l-Amerika t'isfel xi 3000 sena QK. Interessanti l-fatt li l-ġenome tal-patata ħelwa għandha sekwenzi ta' DNA ġej mill-Agrobacterium, bilġenes espressi mill-pjanti. Studju xjentifiku rriżulta li l-patata ħelwa li hija kkultivata kienet l-ewwel eżempju ta' ħaxix transġeniku naturali minħabba t-transġenes li ġew osservati mill-qrib kemm fil-patata ħelwa ta' żmien ilqedem kif ukoll tal-varjetajiet imkabbra fil-preżent.

Il-ħass tal-ħaruf li jittiekel bħala insalata tmur fil-familja tal-Valerianaceae, hija pjanta annwali li għandha tlett darbiet vitamina Ċ daqs iż-żunnerija, il-ħass kif ukoll B6, ħadid u putassa. L-aħjar żmien tal-ħsad għall-ikel ikun qabel jiftħu l-fjuri.

Il-qamħ ħelu jmur fil-familja tal-Poaceae li bħalma huma ċ-ċerejali, huwa ħaxix imfittex mill-annimali. Ir-ruminanti jiekluh u barra l-valur nutrijentiv li għandha l-familja taċ-ċerejali, iż-żerriegħa tindaħan u tintuża mhux biss bħala għalf għall-bhejjem imma wkoll għall-produzzjoni tal-ħobz.

L-okra tikber f'pajjiżi differenti fejn varjetajiet differenti jirnexxu fi klimi kemm sħan kif ukoll kesħin. Il-frott jixbaħ ħafna il-miżwet aħdar tal-qara' bagħli. Fi klimi kesħin il-pjanta li togħla xi 2 metri tikber anwali, waqt li fi klimi sħan il-pjanta tikber fuq medda ta' snin għaliex hija pjanta perennjali. Il-partijiet tal-okra instabu li għandhom valur fil-qasam tal- farmaċewtika u aparti li tittiekel bħala ħaxix tal-borma, kemm il-weraq kif ukoll iż-żerriegħa għandhom attribwiti mediċinali fosthom li jnaqqsu d-diabete.

## Vantaġġi tal-Biodiversità

Il-vantaġġi tal-biodiversità jiżbqu bil-kbir prattiċi agrikoli oħra, għax il-produzzjoni tħares il-prinċipju ekoloġiku fejn wieħed immur man-natura, juża ċ-ċikli naturali tal-Karbon, tan-Nitroġenu, tal-Fusfat u tal-Putassa.

Il-ħxejjex u l-ħlejjaq għandhom karatteristiċi differenti u l-bżonnijiet differenti tagħhom huma reġenerati b'modi naturali li l-ħamrija taħseb li tissupplixxi. Tinħoloq ekosistema flgħalqa li tkun unika, li tkun tiegħek u għax inti persuna speċjali toħloq ambjent speċjali li tissejjaħ ekosistema. Din hija t-triq sostenibbli!

# CAMERATA! ... RUMANZ ĠDID TA' ALEKS FARRUGIA

## Rumanz mill-aktar intriganti, li la darba taqbdu f'idejk ma tkunx trid titilqu

SKS Publishers tħabbar it-tnedija u pubblikazzjoni ta' Camerata!, ir-rumanz ġdid ta' Aleks Farrugia. Dan ir-rumanz, li diġà ntlaqa' tajjeb mill-kritiċi, għandu laqta' polizjeska u hu ambjentat fis-snin 30 tas-Seklu 20.

F'Camerata!, Aleks Farrugia jlaqqagħna ma' Salvu Camilleri, spettur li l-hena tiegħu huma l-għawm u s-sajd. Camilleri mhuwiex l-ispettur tipiku li mdorrijin niltaqgħu magħhom f'rumanzi polizjeski – imma lanqas Camerata! mhuwa rumanz tipiku polizjesk. Fl-isfond tal-ġrajja ewlenija, fejn l-ispettur Camilleri jingħata missjoni importanti għas-sigurtà tal-pajjiż, l-awtur jeħodna fl-imgħoddi tal-ispettur u jlaqqagħna mad-dimonji kollha li jżommu lil Camilleri milli jorqod bil-lejl.

Kif issa drajna naqraw fil-kitba ta' Aleks Farrugia, Camerata! jidħol f'temi storiċi biex jesplora l-imgħoddi daqs kemm il-preżent. It-tradiment, l-inġustizzja u d-disprament li ġġib magħha, il-korruzzjoni, il-ħelsien u d-dilemmi morali huma fost l-aspetti li jiddominaw dan ir-rumanz.

Ir-rumanz jiftaħ bi pjan tal-Italja Faxxista għall-invażjoni ta' Malta. Vjaġġ f'Ruma, sett ta' pitturi suspettużi, ktieb aħmar li Salvu Camilleri jrid jakkwista akkost ta' kollox; id-dell ta' raġel maqtul intortament, ta' prostituta misjuba mbiċċra fi Strada Stretta, ta' omm li tilfet il-ħeġġa li titkellem; relazzjonijiet mimlija tensjoni, wegħdi mhux miżmuma u mistoqsijiet mhux imwieġba. Dawn huma ftit mill-ingredjenti li jagħlu Camerata! rumanz mill-aktar intriganti, li la darba taqbdu f'idejk ma tkunx trid titilqu.

Il-poeta, kritiku u lettur Norbert Bugeja, dwar Camerata! jgħid: "Ir-rumanz Camerata! jitfagħna b'ruħna u ġisimna fil-kurrent ta' ġrajjiet imqanqla daqskemm hu mqanqal il-perjodu storiku li fih ibbażat ir-rumanz – mument li fih, f'għajn il-ħakma tal-qawwiet il-kbar Ewropej, hemm jilgħab id-destin ta' pajjiż daqskemm ta' kontinent sħiħ. L-istorja li jagħtina Farrugia tiżvolġi permezz tal-intrigu, it-tradiment, l-intreċċ politiku u dak sesswali, u fuq kollox il-ħeffa li biha l-azzjoni tiċċaqlaq bla sforz ta' xejn bejn ix-xewqat u t-twegħir l-aktar intimu tal-bnedmin u l-kunflitt storiku li fih maqbuda Malta fid-dell tad-Duċe u l-imperu Ingliż. L-Ispettur Salvu Camilleri jkollu jitħabat mal-qawwa ta' imgħoddi li għadu jqalleb il-preżent bl-avvenimenti mċajpra tiegħu u t-tensjonijiet li jibqa' joħloq. Hawn qed isseħħ avventura umana li, aħna u mixjin magħha, l-azzjoni tkun diġà qed isseħħ ġo fina qabel biss nintebħu. Ir-rumanz il-ġdid ta' Farrugia jfakkarni f'waqtiet minn Stendhal, Eco u Chandler magħġuna flimkien – fi trama induttiva li żżommok fuq ponot subgħajk, u li kultant iġġiegħlek titfixkel intix qed tqalleb il-paġni tal-ktieb, jew dawk ta' ħajtek."

Min-naħa tiegħu, il-Professur John Portelli, kittieb u edukatur, jistqarr: "F'Camerata!, b'Malti mirqum u mexxej, Aleks Farrugia joħloq storja ferm intriganti u ta' suspens dwar Malta qabel it-tieni gwerra dinjija. Il-karattri huma ħajjin u enerġetiċi, u bi djalogu fin u niggieżi, jirriflettu dwar mentalitajiet ta' korruzzjoni, ġibdiet ta' passjoni, il-ġlieda għall-verità u għall-ġustizzja, u fl-istess ħin juruna li ċertu affarijiet fil-ħajja ma jitbiddlu qatt! B'deskrizzjonijiet dettaljati u friski Farrugia jdaħħalna sewwa ħafna fl-atmosfera tal-epoka tar-rumanz, u fl-istess ħin inħoss li Farrugia mhux kittieb magħluq f'kamra waħdu, imma juża lenti fina ħafna biex joqrosna dwar dak li qed jiġri madwarna llum bil-vuċi u kostruzzjonijiet ta' 90 sena ilu li għadhom wisq relevanti għalina llum. Farrugia huwa kittieb ta' stoffa u raffinezza kbira li ma jaċċettax il-kompliċità f'kull forma li niltaqgħu magħha. Ilni ħafna ma naqra rumanz ta' tant livell għoli u fl-istess ħin iġiegħlek tkompli taqra u taqra, u tinsa torqod ukoll!"

David Aloisio, huwa wkoll kritiku u lettur, dwar Camerata! jgħid: "Dan ir-rumanz jista' jitqies bħala eżerċizzju effettiv ta' retrospezzjoni daqskemm bħala opportunità għall-qarrejja biex jixtarru r-realtà soċjali li jgħixu fiha llum il-ġurnata – realtà li, bħal dik li għex l-Ispettur Salvu Camilleri, tant tleqq li tgħammex l-għajnejn u ma tħallihomx jagħrfu x'hemm moħbi taħtha."

Camerata! se jkun imniedi fid-29 ta' Ottubru fil-Valletta Design Cluster, fis-7.00 p.m. Il-pubbliku huwa mistieden u mfakkar biex iġib miegħu ċ-ċertifikat tal-vaċċin.




Doing to and being with
MALTA DEMENTIA SOCIETY

**MALTA DEMENTIA SOCIETY TNIEDI**

**SUPPORT GROUP 'REACHING HANDS'!**

Dan is-servizz, li huwa mingħajr ħlas, ħa jibda fid-9 ta' Novembru 2021 fl-4pm u miftuħ għal kulħadd.
Fejn: The Imperial, Triq Rodolfo, Tas-Sliema.
Parking Imperial Garaxx fit-Triq Santa Marija.

**u**

**ħa jibdew Talks fuq id-Dimenzja**

*fil-Kunsill Lokali ta' Ħal- Safi, 40, "Dar il-Kunsill", Triq L-Iskola, Ħal-Safi*

| | |
|---|---|
| Talk 1<br>Is-Sibt 6 Novembru 2021 - 10.00am | Introduzzjoni ghad-Dimenzja |
| Talk 2<br>Is-Sibt 15 Jannar 2022 – 10.00am | Kif tipprevjeni id-Dimenzja |
| Talk 3<br>Is-Sibt 12 Frar 2022 – 10.00am | L-aspetti psikologici fid-Dimenzja |
| Talk 4<br>Is-Sibt 12 Marzu 2022 – 10.00am | Aspetti Legali fid-Dimenzja |

Il-Maskli iridu jitlibsu u iċ-ċertifikat tal-COVID u l-Karta ta' L-Identita' għandhom jintwerew.

**Booking tas-Support Group u it-Talks:**
Ibagħat email lill info@maltadementiasociety.org.mt jew ċempel jew ibgħat sms lil Anne fuq 99451625.

Website: www.maltadementiasociety.org.mt
Email: info@maltadementiasociety.org.mt
Facebook: https://www.facebook.com/groups/maltadementiasociety/?fref=ts
https://www.facebook.com/maltadementiasociety?fref=ts

# LEJN KOSTRUZZJONI INTELLIGENTI, AMBJENTALI U INKLUSSIVA





minn **CYRUS ENGERER**
Membru Parlamentari Ewropew

Dawn l-aħħar sena u nofs ta' pandemija ma kienu faċli għal ħadd. M'inix ser nidħol mill-lat ta' saħħa fiżika, għax lkoll nafu u rajna kemm taf tkun kiefra din il-marda qattiela. Kienu bosta wkoll li batew mentalment, kawża tal-inċertezzi li ġarrbu f'ħafna setturi ekonomiċi, u ma nistgħux ninsew ukoll dawk kollha li sofrew waħidhom, affetwati mis-solitudni minħabba r-restrizzjonijiet u l-'lockdowns.'

Però, jekk ma ħareġ xejn tajjeb minn din l-esperjenza, nazzarda ngħid li ħafna minna bdejna naħsbu mill-ġdid fuq l-mod kif ngħixu l-ħajja tagħna ta' kuljum, u jekk għandniex nbiddlu ċertu stili ta' ħajja. Kellna ċ-ċans nirriflettu u naħsbu, u f'dan iż-żmien fejn il-kuntatt mal-bqija tas-soċjetà kien pjuttost maqtugħ, ħafna minnha reġgħu skoprew l-importanza li nkunu f'armonija man-natura ta' madwarna. Mhux biss mill-lat xjentifiku, għall-fini tal-kriżi tal-klima, imma anka mill-lat tal-benessere komuni.

Nitkellem għalija, f'dan iż-żmien ta' pandemija saħħaħt il-fehma li bħala Unjoni Ewropea, għandna bżonn nfasslu strateġija ġdida ta' kif ngħixu ħajjitna b'mod integrali mal-protezzjoni tal-ambjent, għas-saħħa tagħna kif ukoll ta' dawk li ġejjin. Biex nirrealizzaw dan l-għan, rridu nkunu kapaċi nwaqqfu l-effetti tat-tibdil fil-klima, it-tniġġiż tal-arja u tan-natura, b'mod effettiv u radikali. U huwa hawn fejn jidħol n-'New European Bauhaus', inizzjattiva li ġiet mfassla mill-Kummissjoni Ewropea bħala parti mill-pjan Ewropew għall-irkupru mill-pandemija.

Il-moviment Bauhaus imur lura għas-sena 1919, li nħoloq minn Walter Gropius, b'viżjoni progressiva għall-futur. Gropius ried isib medju fejn il-fondazzjonijiet tal-arti, disinn u arkitettura, jsiru ħaġa waħda max-xjenza u l-iżvilupp sostennibli. Il-Bauhaus ma kienx jinkorpora biss l-artisti u l-inġiniera, imma ttransforma f'idealoġija fejn l-iżvilupp strutturali li jista' jkun verament avant-garde u sostennibbli fl-istess ħin, u ħaġa waħda mal-komunità u n-natura. Filfatt, nsibu l-iktar eżempju famuż t'arkitettura Bauhaus proprju ġo Tel Aviv, fl-Iżrael - l-kwartier magħruf bħala l-'White City' li jmur lura għaż-żmien 1930s u li llum hu meqjus bħala sit ta' wirt storiku mill-UNESCO.

Fi żmien ta' kriżi tal-klima, s-salvagwardja tal-ambjent u l-biodiversità kif ukoll l-bżonn li jkollna stil ta' ħajja marbuta man-natura mexxew l-Kummissjoni Ewropa biex terġa' tqajjem l-kunċett tal-Bauhaus. Dan bil-għan li terġa' tagħti l-ħajja lil xi żoni u siti madwar l-kontinent li kienu dlonk abbandunati u minsijin, b'mod sostennibbli, ambjentali, inklussivi u b'sens li jgħaqqad l-komunitajiet tagħna madwar n-natura.

Huwa fatt li ħafna minna jiddarsu jaraw ċertu siti jinbnew, mingħajr l-ebda kunsidrazzjoni għan-natura u għall-biodiversità. Speċjalment hawn Malta, fejn diġà huwa diffiċli li jikbru xtieli u siġar mill-ġdid minħabba l-ġeografija tagħna, kif ukoll n-nuqqas ta' xita li ma tgħinx s-sitwazzjoni. Ma nistgħux ninsew l-anqas li l-popolazzjoni tagħna qiegħda dejjem tikber, allura għandna bzonn aktar postijiet biex joqogħdu n-nies. Fl-istess ħin, għad fadal ħafna siti u propjetajiet fi stat t'abbandun.

In-'New European Bauhaus' jindirizza dawn l-isfidi, u jittrasformahom f'soluzzjonijiet fejn dawn is-siti abbandunati jerġgħu jingħataw ħajja ġdida, u fl-istess ħin jikkontribwixxu lejn il-miri klimatiċi tal-Unjoni Ewropea fid-disinn arkitetturali tagħhom. Fl-istess ħin, nassiguraw ukoll li dawn s-siti jitgawdew miċ-ċittadini kollha u jkompli jitqajjem sens ta' għaqda kommunitarja madwarhom. Nistgħu naraw eżempji ta' dawn fi Spanja u d-Danimarka, fejn arkitetti speċjalizzati fl-iskola tal-Bauhaus rnexxilhom jittransformaw żoni diżabitati u abbandunati f'ċentri kommunali bellezza.

Għandna opportunità tad-deheb biex nindirizzaw ċertu nuqqasijiet fil-mod kif organizzajna s-soċjetà, u nirranġaw l-effett li kellu l-bini u l-infrastruttura tagħna fuq t-tibdil tal-klima u t-tniġġiż tal-arja. Il-Kummissjoni Ewropea filfatt għadha kif ħarġet l-ewwel skema sabiex tiffinanzja proġetti spirati mill-kunċett tal-Bauhaus madwar l-UE, b'pakket ta' 25 miljun ewro biex jitqassmu fost 5 proġetti piloti.

Hekk kif ħerġin mill-pandemija u nidħlu f'realtà ġdida, nemmen li għandna nieħdu din l-opportunità u ngawdu l-benefiċċji tagħha. Kellna ċ-ċans nirreflettu fuq l-passat u nippjanaw il-futur. Ejjew nimxu lejn futur li jgħaqqad l-forma u l-funzjoni flimkien, u nikkreaw spazji urbani li jindirizzaw l-problemi ta' kuljum ukoll. Huwa għalhekk li fil-Parlament Ewropew ser nkun qiegħed nkompli nsostni fuq l-importanza tan-New European Bauhaus u nappoġġja l-inizzjattivi mahruga mill-Kummissjoni Ewropea għall-fondi għall-iStati Membri.

# ILKOLL INDAQS ILKOLL DIFFERENTI




Jekk hemm xi ħaġa sabiħa fin-natura hija d-diversità. U din mhux inqas il-umanità. Nimmaġinaw kieku konna lkoll l-istess il-ħajja kemm kienet tkun aktar monotona? Allura l-aktar punt fundamentali li nara jiena, aktar milli l-enfasi għandu jkun fuq min hu differenti huwa l-punt fundamentali li lkoll kemm aħna differenti minn xulxin. Jekk is-soċjeta ma tkunx aċċessibli għal kulħadd, mhijiex allura soċjeta' inklussiva. Fis-soċjeta' jkun hemm nuqqas. U tajjeb li ngħidu, li dan il-bżonn mhuwiex ta' xi persuna, mhuwiex ta' xi kategorija ta' nies imma huwa tagħna lkoll. Għaliex lanqas aħna ma nibqgħu l-istess. Dik it-tarġa li llum jiena nista' naqbiżha, għada pitgħada nista' ma nkunx nista'.

Is-soċjetà tal-lum qed tintebah ukoll li jekk tinvesti finnies, flok tiddiskrimina, jekk tinkludi flok teskludi, tkun qed tirbaħ. U għalhekk huwa kruċjali li sa miċ-ċokon mhux biss li jinħoloq għarfien dwar bżonnijiet edukattivi differenti imma ninvestu fittfal tagħna irrispettivament mill-bżonn speċjali tagħhom. Dawn il-kotba li qed nippreżentalkom illum jilħqu b'mod tajjeb dan l-għan.

Tfal b'dislessja ngħidu aħna, jsibu diffikulta' biex jaraw imma grazzi għal kotba bħal Fra Mudest u l-Figolla tal-Pirjol u Fra Mudest u ċ-Ċagħaq u Rigal lil Samantha dawn l-isfidi jbdew jiġu indirizzati. Il-karta ngħidu aħna tkun ta' kulur isfar kif ukoll saret attenzjoni għat-tipa illi tintuża. Hawn qed nagħti biss ftit eżempji. Nixtieq pero' nieħu spunt biex nagħmel appell:

a) Riżorsi (fosthom kotba kif inhu f'dan il-każ) inklussivi jfisser li tajbin għal persuni kollha u mhux għal kategorija partikolari ta' persuni. Dawn kotba tajbin għal kulħadd.

b) Aktar ma naħsbu b'mod inklussiv aktar it-triq nagħmluha faċli anke għal dawk kollha li jingħaqdu f'dan l-ispirtu u joħolqu riżorsi simili.

Dawn il-kotba huwa pubblikazzjoni Merlin.

## Ħija jiġri wara d-dinosawri

Ta' Giacomo Mazzariol bi traduzzjoni ta' Ludvic Azzopardi Ferrando

Fost l-esperjenzi sbieħ li kelli u li nirrakonta b'ċerta emozzjoni kienu meta kelli x-xorta li persuni b'diżabilta' jassistuni f'xi ħaġa. Jeżistu forom differenti ta' arti wkoll mit-teatru sal-kċina (għax it-tisjir jista' jkun forma ta' arti wkoll) fejn nies għomja ngħidu aħna jkunu qed jaqduk u allura inti tkun qed tifhem id-diżabilta' b'mod li inti f'dak il-ħin ikollok dik in-nuqqas ta' "abbilta'" biex tissokta b'dak li tkun qed tagħmel. Waqt li fil-każ tiegħi dawn kienu għażliet, mhux dejjem ikun il-każ għaliex is-sitwazzjonijiet tal-ħajja tagħna ibiddluna. Lil hinn mir-retorika u distakk mir-realta', il-ġenituri li jintebħu li t-tarbija tagħhom hija down syndrome kif inhu fil-każ ta' dan il-ktieb, ser jinħasdu, ser jaraw kif iridu jhejju ruħhom, u kif it-tarbija ser tbiddel il-pjani tal-ħajja tagħhom. Ngħiduha kif inhi kull tarbija ġġib magħha kemm ferħ u dak il-ferħ jiżboq kull diffikulta', imma wkoll numru ta' sfidi. U li laqatni f'dan il-ktieb huwa li jitlaq mill-għarfien imma ma jeħilx hemm. Ibbażat fuq il-prinċipju bażiku tal-inklussivita' fid-diversita' imma ma waqafx hemm. Kif it-tfal ser ihejju ruħhom għal dan ħuhom?

Dan il-ktieb huwa mibni fuq mumenti li jġibulek tbissima u għaldaqstant jagħti pjaċir lit-tfal li qed jaqrawh. In-narratur ta' din l-istorja huwa Giacomo, imma l-karattru prinċipali huwa Giovanni, tifel simpatiku ħafna.

Min hu dan Giovanni. Nislet mill-introduzzjoni biex nagħti togħma ta' dan il-qari:

Giovanni li jmur jieħu ġelat

"Cone jew tazza?"

"Cone!"

"Imma int il-cone ma tiklux."

"Allura? Lanqas it-tazza ma niekol" (p.7)

L-istorja tibda mill-eċitament meta kien ser jitwieled ... propju mill-ġirja li ħa l-papa' forsi ftit aktar milli jmissu biex iwassal fil-ħin. Għandna tliet aħwa żgħar u issa jiskopru li ser ikollhom ħuhom. U jiddiskutu x'ser isemmuh. Imbagħad il-ġenituri jgħidulhom li mhux biss ser ikollhom ħuhom tifel imma ser ikun speċjali. U l-immaġinazzjoni tat-tfal bi "speċjali" jifhmu li ser ikollu poteri kbar, u ser ikun supereroj. Jiddeċiedu li ser ikun jismu Giovanni. Biżżmien jitgħallmu l-kelma Down.

Imma kif tgħaddi l-adoloxxenza tintebah li li l-mod kif immaġinajt lil ħuk filbidu nett ma kienx għalkollox żbaljat. Dan Giovanni b'dik it-tbissima kif tista' ma tħobbux. Lil ħutu l-bniet imur fil-ġnien u jġibilhom il-fjuri, anke nixfin meta ma jsibx. U tasal għall-konklużjoni li forsi iva, ħuk tassew huwa supereroj. Hu x'inhu, tirrealizza li hu l-akbar ħabib tiegħek. U xi ngħidu għall-praspar! Jiżfen fil-pjazza ,darba ħa kappell mingħand raġel u jitlaq jiġri, imur iċ-ċinema ma' ħabiba u meta jmur lura d-dar jgħidlhom li kien miżżewweġ! Imma fuq kollox iħobb wisq id-dinosawri kif ukoll il-kulur aħmar. U jiżfen fil-pjazza!

Li hemm sabiħ fdan ilktieb huwa li jirrakonta l-esperjenza tat-tfal, kif jgħixuha t-tfal. Imwassla bl-istess lingwaġġ. Aspett ieħor huwa li jitlaq mill-esperjenza u allura jitbiegħed mir-retorika. Din hija storja vera, li tissorprendik, tqabbdek għafsa ta' qalb, iddaħħqek u ġġiegħlek tirrifletti.

## Rigal għal Samantha ta' Carmel G. Cauchi (Stqarrija għall-istampa)

Is-sena l-oħra l-kotba Fra Mudest u l-Figolla tal-Pirjol u Fra Mudest u ċ-Ċagħaq imlew vojt fis-suq tal-kotba għat-tfal: stejjer maħbuba interpretati b'lingwaġġ iżjed sempliċi u bi preżentazzjoni viżiva li tgħin lil dawk ittfal li forsi jbatu xi ftit biex jaqraw bil-Malti. U fil-fatt iż-żewġ kotba kienu suċċess enormi tant li wasslu għal talba biex ikun hemm kotba simili b'livell ta' qari ftit ogħla. U għalhekk il-Merlin Publishers għadhom kif ħarġu ktieb ieħor f'din is-sensiela ta' kotba b'għajnuniet għall-qari: Rigal għal Samantha. Din id-darba storja fantastika mill-pinna ta' Carmel G. Cauchi.

Samantha u l-kuġini, u l-familji tagħhom, iltaqgħu għal ħarġa Kennedy Grove. Waqt li kienu qed jilagħbu Noli, meta mess lil Samantha ssib lill-oħrajn, ma setgħet issib lil ħadd minnhom. Fejn kienu marru u x'kienu qed jagħmlu? Meta mbagħad ġew lura sabuha titkellem ma' tifel liebes ilbies stramb. Min

kien dak il-ħabib ġdid ta' Samantha? U x'ried mingħandhom?

Dak it-tifel kellu isem stramb ukoll, Meżaringo, u meta sema' lill-kuġini jirrakkontaw dak li kienu ppruvaw jagħmlu, baqa' skantat bl-għemejjel tagħhom. Samantha kienet differenti u għalhekk dan it-tifel kellu rigal speċjali għaliha bħala premju għall-imġieba tagħha. U finalment dan il-ġest serva ta' tagħlima għal kulħadd.

Din-sensiela ta' kotba hi mfassla apposta b'ħafna għajnuniet għall-qari. Fosthom, test aktar sempliċi, karta safranija li r-riċerka turi li sserraħ l-għajnejn waqt il-qari, użu ta' tipa speċjalizzata apposta b'leġġibbiltà faċli ta' għajnuna għal tfal bid-dislessja (imma mhux biss) Rigal għal Samantha huwa livell ta' qari ftit ogħla għal dawk it-tfal li wara l-istejjer tal-Fra lesti jippruvaw il-livell tal-qari li jmiss.

Rigal għal Samantha hija storja oriġinali ta' wieħed mill-awturi tat-tfal l-aktar maħbuba tul is-snin u mal-ġenerazzjonijiet kollha, Carmel G. Cauchi. L-illustrazzjonijiet huma ta' Frank Schembri, monument ieħor fix-xena Maltija tal-kotba għat-tfal.

Dan il-proġett ġie kofinanzjat mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu.

Rigal għal Samantha jinsab għall-bejgħ mill-ħwienet tal-kotba kollha jew direttament mis-sit merlinpublishers.com

## Is-Sħaħar ta' Petut: Għand Rebus Totall ta' Clare Azzopardi b'illustrazzjonijiet ta' Deandra Scicluna

Is-Sħaħar ta' Petut: Għand Rebus Total huwal-ewwel ktieb bil-Malti għat-tfal li juża font maħluqa apposta għal qarrejja b'dislessja.

Mhux faċli daqskemm wieħed jista' jiimmaġina, li ttir fuq xkupa. Trid tieħu l-qagħda, titgħallem kif tqiegħed saqajk u jdejk, u tipprattika … ħafna, ħafna u ħafna. Imbagħad, jekk tinzerta tkun mill-familja Ta' Petut - familja magħrufa ta' sħaħar tul is-sekli - il-pressjoni tkun ikbar biex ma twaqqax għaċ-ċajt l-unur tal-familja.

Terġa' u tgħid, kapaċi li l-mamà u n-nanna jkunu fost l-iprem sħaħar. Biex tgħaxxaq!

Din hi l-ħajja ta' Pinzett, saħħara ċkejkna għadha qed titħarreġ, tgħix m'ommha, man-nanna u mal-qattus tagħha n-Naxxar.

Imma jum wieħed, il-ħajja kwieta tagħha tinbidel. Sam, wieħed mill-ġirien, li ġej minn waħda mill-familja ta' nies li mhumiex sħaħar imma nies bħali u bħalek, iħallilha messaġġ sigriet. Rebus Totall, is-saħħar il-kattiv, qed iħejji pjan biex jeqred lil Ta' Petut kollha! U issa, x'se tagħmel Pinzett? Tgħid il-poteri maġiċi tagħha se jkunu biżżejjed biex issalva l-familja tagħha? U Sam, li m'għandux poteri imma jrid ilaħħaq ma' ħabibtu, kif se jirnexxilu jgħinha?

Is-Sħaħar Ta' Petut hija sensiela ġdida fjamanta dwar is-sħaħar li jgħixu flimkien man-nies l-oħra f'belt Maltija, u dwar l-avventuri li jsibu ruħhom fihom. Għand Rebus Totall huwa l-ewwel ktieb f'din is-sensiela, pubblikazzjoni Merlin Publishers u kitba ta' Clare Azzopardi.

Għand Rebus Totall hu illustrat, kollu bil-kulur, mit-talent ġdid Deandra Scicluna. Il-livell ta' qari huwa perfett għal dawk it-tfal li għadhom kif bdew jaqraw waħidhom kotba qosra: kapitli qosra, storja mexxejja u karattri li ssir tħobbhom mill-ewwel.

Riċerkaturi barranin ħolqu Easy Reading, font riżultat ta' riċerka u studji estensivi u applikati minn diversi pubblikaturi ewlenin internazzjonali. Ovvjament, il-Merlin Publishers kienu tal-ewwel hawn Malta li addottaw dan il-font, għal dan il-ktieb immirat għal tfal bejn 7 u 9 snin.

Is-Sħaħar Ta' Petut huwa stampt b'flexi-binding, qoxra iżjed iebsa biex isservi iżjed f'idejn it-tfal anki ħdejn il-baħar f'dawn ix-xhur tas-sajf.

Il-ktieb jinsab għall-bejgħ mill-ħwienet tal-kotba kollha jew direttament online minn merlinpublishers.com






# IMĦUĦ INFERNALI

KARISTU ABELA

Minn ġurnata għal oħra f'ħajjitna nesperjenzaw eluf ta' sitwazzjonijiet li wħud f'radda ta' salib jaffettwawlna ħajjitna drastikament, tant li filli nkunu għaddejjin qisu xejn m'hu xejn u ftit mumenti wara nispiċċaw taħt madmad qisna qlajna daqqa ta' karozza. Meta ħajjitna tkun ward u żahar u mingħalina li nkunu qed ngħixu fil-kwiet, naħsbu li l-ħajja ser tibqa' għaddejja mingħajr intoppi, biss ħafna drabi dak li ma nkunux qed nistennew narawh jibdlilna ħajjitna bħal-leħħa ta' berqa u jpoġġina wiċċ imb'wiċċ ma' realtà ġdida għal ħajjitna.

L-agħar weġgħa tkun meta min ma jgħaddix minn esperjenzi ta' tbatija jaħseb li dawn huma biss xeni biex tiġbed is-simpatija.

L-egoiżmu huwa l-bażi ta' ħafna mit-tbatijiet ta' min ikollu jġorr is-salib, allavolja għada jistgħu jkunu l-egoisti stess jew uliedhom li jġorru s-salib. Qatt ma tista' tinsa li int potenti kemm int potenti, il-mard ma jħarisx lejn uċuħ. Għalxejn tipprova tagħlaq widnejk għall-karba tal-marid għax xorta jkollok tismagħha anke jekk tinjoraha. Qatt ma trid tinsa' li jekk illum int tinjora l-karba tal-oħrajn, għada jistgħu jinjoraw il-karba tiegħek.

Is-solidarjetà bejn il-membri ta' soċjetà hija t-tarka biex ħadd ma jpoġġi l-bżieq fuq imnieħer ħaddieħor għax fl-għaqda hemm is-saħħa. Infatti, il-Malti jgħid 'ifred u saltan' għax min isaltan ma jridx jikkonfronta l-massa, iżda l-waħdiet. Ħafna drabi dan narawh isir b'ħafna tidwir mal-lewża u b'ħafna żelu biex min irid jifred ma jurix li qiegħed jagħmel dan.

Meta l-lupu jilbes ta' nagħġa jibda l-inkwiet speċjalment meta ħadd ma jinduna b'dan, aktar u aktar meta tibda tinstema l-iskuża klassika 'dan qed nagħmlu għall-ġid tiegħek', iżda fir-realtà għal ġid ta' min ikun qed isir?

Ħafna drabi tibda tara madwarek l-avvenimenti jiżviluppaw qishom logħba chess bl-għan ewlieni li jitfawk f'rokna fejn ma' tistax tiċċaqlaq aktar. Is-soċjetà trid toqgħod attenta minn dan l-immanuvrar ta' wara l-kwinti u ma tħallix lill-manipulaturi jieħdu vantaġġ fuq it-tjubija tan-nies. Infatti, dawn il-manipulaturi l-aktar ħaġa li jippruvaw jippromwovu hi li jpoġġu lin-nies kontra xulxin sabiex in-nies jispiċċaw moħħhom f'xulxin u jinjoraw dak li l-istess manipulaturi jridu.

Jekk wieħed ipoġġi ftit bilqegħda jista' jifhem il-logħba ta' dawn l-imħuħ infernali li ħlief kliem ħelu ma jippromwovux sempliċiment għall-gwadann personali tagħhom. Dawn huma dawk li jfittxu d-debbolizzi ta' l-individwi sabiex fuqhom jibnu imperu. Dawn il-ftit huma dawk li kapaċi jinfluwenzaw lil min ikun f'pożizzjoni influwenti sabiex iwasslu l-aġenda tagħhom fejn jixtiequ huma kemm-il darba l-kotra ma tindunax bil-logħba tagħhom.

Din hija l-ġlieda bejn t-tajjeb u l-ħażin, bejn min għandu żaqqu mimlija u ma jixba qatt, u min jittewweb għal-loqma. Il-futur huwa f'idejna u kemm-il darba nibqgħu passivi u nħallu kollox qisu xejn mhu xejn, il-ġenerazzjoni li jmiss ma ssib xejn għajr tifrik, ġuħ u mard. Fl-imkien irridu nibnu l-futur għax l-individwaliżmu ma jwassal imkien għajr kulħadd jiġbed lejn xawwatu. Ħafna drabi l-waħdiet huma dawk li jibdew isaffru s-suffara. Għalkemm min ikollu s-suffara f'idu ħlief swar quddiemu ma jarax, m'għandux jaqta' qalbu peress li xejn m'hu insormontabbli kemm-il darba tkun fit-triq it-tajba peress li is-swar jiġġarrfu gradwalment u s-soċjetà tingħaqad kontra l-użurpaturi.

Din hi ġlieda perpetwa, biss fejn hemm l-għaqda l-ġustizzja vera tirrenja u bil-mod il-mod tneżża' l-maskra ta' dawk li jilagħbuha tal-paladini biex jisfruttaw lill-miskin. Dan huwa dak li għallmitna l-istorja; kull




meta l-poplu ngħaqad dejjem wasal fejn ried hu anke kontra s-setgħana. Għaliex? Għax min hu mexxej ta' vera, biex iżomm l-appoġġ tal-kotra dejjem ikun lest li jimmodifika dak li hu neċessarju biex il-kotra taċċettah anke jekk xi waħdiet jibqgħu isabbtu saqajhom u jgħidu 'le' biex jippreservaw l-interessi personali.

Is-suppervja ta' dawn l-imħuħ infernali fil-bidu tista' tibda tikseb l-appoġġ tal-massa, biss bil-mod il-mod il-makkjavelliżmu tagħhom jibda jinkixef u l-kotra tqum u b'leħen wieħed titlob ġustizzja. Diffiċli biex xi ħadd jibqa' jilludi lill-kotra fit-tul.

Aktar ma titwal aktar jibda' jkun hemm min jirrifletti u jibda jiftaħ għajnejh għax jinduna b'dak li jkun qed iseħħ madwaru. Infatti, l-umanità dejjem tipprevali basta bil-paċenzja. Il-paċenzja hija l-virtù li tibdel kollox u min ikollu l-għamad quddiem għajnejh bil-mod il-mod jibda jwarrbu u jkun jista' jerġa' jara r-realtà kif inhi. Ħafna drabi l-għamad jintiseġ minn dawk li nibnu fiduċja fihom għax suppost huma l-esperti, biss azzjonithom tkun imsawra madwar dak li jaqbel lilhom ħalli jibqgħu f'sitwazzjoni dominanti sabiex huma u dawk ta' madwarhom jibqgħu jiggwadanjaw għas-skapitu ta' min jinsab bla vuċi.

Dan huwa kontra dak li n-natura sawret u nisġet biex l-umanità fin-natura ssib is-soljev għall-weġgħat tal-ħajja.

Fost l-akbar rigali li n-natura tatna nsibu l-pjanta tal-qanneb li l-bniedem bil-mod il-mod skopra kemm tista' tkun t'għajnuna għall-ħajtu speċjalment meta tgħallem jipproduċi ż-żejt arrikkit bil-Cannabidiol, liema sustanza kapaċi toħorġok mill-infern li l-mard iġib miegħu. Permezz tal-liġi l-ġdida li tirregola l-użu tal-Cannabis, ser issir ġustizzja ma' daż-żejt u ma jibqax jitqies bħala sustanza narkotika għalkemm għad hemm min ma jridx li dan iż-żejt ikun f'idejn Ċikku l-Poplu allavolja ġie klassifikat bħala ikel mill-UE. Għaliex? Mhux ser nirrispondi jien...inħalli lilek tirrispondi.

# "IL-KUNTATT MAN-NIES JIBQA' DEJJEM PRIJORITÀ"

## – Cyrus Engerer – Membru Parlamentari Ewropew





Ilkoll nafu kemm il-politika f'pajjiżna tinkludi lil kulħadd. Nafu kemm tinvolvi mpenn u bir-raġun. Ikun hemm ukoll nies li jgħidulek 'jien ma jimpurtanix mill-politika'. Nifhmu li dawk ikunu qed jirreferu għad-dibattiti li jkunu għaddejja b'mod kontinwa bejn nies ta' fehma differenti. Imma rridu niftakru, li rridu jew ma rridux, il-politika tinvolvi lil kulħadd u tolqot lil kulħadd.

Il-politika hija ċ-ċentru tal-għixien tagħna. Li tgħix ħajja aħjar hija bbażata fuq il-politika. Anke jekk ma tinteressakx. Il-politika se ttejjeb jew bil-kontra, il-kwalità tal-ħajja. Sew jekk il-pajjiż hux miexi 'l quddiem, sew jekk hux relazzjoni diplomatika ma' pajjiżi barranin, sew jekk il-ħajja tibqax stabbli... kollox huwa bbażat fuq il-politika.

"Hekk ukoll il-mediċini, is-saħħa, id-drittijiet tal-bniedem u iżjed. Il-lista ma tispiċċa qatt. Rajna biċ-ċar anke waqt il-pandemija Covid-19, fejn permezz ta' politika għaqlija, Gvern Laburista kien kapaċi jwitti t-triq għal tama u fl-aħħar mill-aħħar, serħan il-moħħ, fin-negozjar tal-vaċċin lejn pajjiżna tant li apparti li poġġiena fl-ewwel post ta' kif immaniġġajna l-għoti tal-vaċċin, konna kapaċi ngħinu wkoll pajjiżi barranin. Iżjed importanti mill-klassifikazzjoni fejn ġejna, hemm il-poplu, li kien minn tal-ewwel li tlaqqam fid-dinja kollha. Finalment, dan għen biex illum ninsabu fejn qegħdin", sostna l-Membru Parlamentari Ewropew Cyrus Engerer.

F'Settembru li għadda, Engerer kompla jiltaqa' mal-Maltin u l-Għawdxin f'lokalitajiet differenti. Hu qal li l-kuntatt mill-viċin man-nies hu l-aktar li jtih sodisfazzjon fix-xogħol tiegħu bħala Membru tal-Parlament Ewropew. Mhux biss għaliex iħossu qrib dak li jkun, iżda wkoll għaliex jisma' l-weġgħat, is-suġġeriment u s-sodisfazzjoni ta' kull persuna biex b'hekk, ikun jista' jkompli jibni fuq it-tajjeb li qed isir, iwassal il-proposti tan-nies u jgħin fit-twettieq tagħhom. Cyrus Engerer saħaq li l-kuntatt man-nies huwa dejjem importanti u għalhekk jisħaq li dan irid ikun b'mod kontinwu mhux lejlet elezzjoni biss, fatt li jemmen, li qed jinbidel għaliex in-nies iridu u hekk għandu jkun, kuntatt prima facie ma' min jirrappreżentaħhom.

Is-Sindku tal-Floriana Davinia Sammut Hili, li flimkien ma' Engerer dahret diversi toroq u organizazzjonijiet fil-lokalita tagħha qablet mal-mod kif jirraġuna Cyrus Engerer u sostniet li "ħafna jargumentaw li l-Membri Parlamentari Ewropej huma xi ftit nieqsa mir-realtajiet Maltin, iżda dan mhux minnu. L-MEP Cyrus Engerer tul din is-sena li ilu jirrappreżentana baqa' dejjem viċin il-komunitijiet. Ħadt ħafna gost meta avviċinani sabiex jinżel fit-toroq jiltaqa' mar-residenti u mal-għaqdiet sabiex jisma' l-ilmenti tan-nies u jkun jista' jwassal l-ilment fuq skala Ewropea. Tul iż-żjara fil-lokalita' tal-Floriana iddiskutejna l-pjanijiet futuri kif ukoll x'sar kemm ilni fis-sindikat. Inħares 'il quddiem sabiex inkomplu nesploraw kif l-MEP Engerger jista' jagħti kontribut sabiex ikollna ambjent ħafna aħjar fil-lokalita' tagħna".

Hekk għamel ukoll is-Sindku tal-Imqabba Omar Farrugia li tenna li "l-kuntatt kontinwu man-nies hija ċ-ċavetta sabiex inkomplu nibnu l-politika tagħna. Fi żjara li għamel l-MEP Cyrus Engerer fl-Imqabba, smajna u fhimna l-polz tal-poplu u dik għandha tkun il-qofol tal-ħidma tagħna ta' kuljum kemm fil-lokal, fuq livell nazzjoanli u fuq livell Ewropew."

Dan juri li l-Membru Parlamentari Ewropew Cyrus Engerer huwa tassew impenjat favur min eleġġieh, fejn huwa qed juża' l-enerġija pożittiva tiegħu biex iwassal il-leħen tal-poplu Malti u Għawdxi kollu saħansitra, anke ma' min forsi ma jaqbilx dejjem miegħu. Engerer qal li jemmen fis-sħiħ li kulħadd għandu dritt għal opinjoni, sakemm din tkun ibbażata fuq kritika kostruttiva għall-ġid ta' kulħadd u ta' pajjiż żgħir bħal tagħna.

Spikka wkoll il-kumment dwar il-ġenwinità ta' Engerer minn fost il-persuni li ltaqgħu miegħu tant li qalu li hu ammirevoli ma jiddejjaqx jitkellem anke fuq suġġetti li forsi sal-lum għadhom jitqiesu bħala taboo. Hekk għamel fil-passat meta dejjem kien voċiferu favur id-drittijiet ta' persuni LGBTIQ+, mentri llum, ħa r-raġun dwar kemm huwa importanti li kulħadd ikun inkluż fejn is-soċjetà Maltija tilqa' lil kulħadd għaliex wara kollox dan huwa dritt uman li għandu dritt għalih kull ċittadin.

L-istess fehma kellu Sandro Craus, Sindku tar-Rabat fejn qal li "l-MPE Cyrus Engerer għoġbu jagħmel żjara fil-binja tal-Kunsill fejn apprezzajna ferm il-preżenza tiegħu. L-ewwel waħda ta' din ix-xorta minn Membru Parlamentari Ewropew. F'din il-laqgħa ddiskutejna diversi temi ta' interess. Fost il-ħafna temi ddiskutejna rwol taż-żgħażagħ fil-lokalità, l-ambjent, l-emarġinazzjoni, l-integrazzjoni u l-esklużjoni soċjali. Rajna wkoll li naqsmu ideat fejn l-onorevoli jista' jgħin fil-ħidma tal-Kunsill. Apprezzajt immens l-opportunità li hu ser jagħti lil żgħażagħ biex jiksbu esperjenza fil-ħidma ta' din l-istituzzjoni u wkoll b'mod prattiku fl-uffiċċju tiegħu. Inħares il-quddiem b'ottimiżmu għal aktar opportunitajiet u ħidma fil-qrib mal-onorevoli Engerer."

"Hekk kont, hekk għadni u hekk beħsiebni nibqa'... viċin u f'kuntatt kontinwu mal-poplu Malti u Għawdxi kollu", temm jgħid Cyrus Engerer.

cyrus.engerer@ep.europa.eu
www.socialistsanddemocrats.eu
S&D

# INĦARSU 'L QUDDIEM B'OTTIMIŻMU




Kemm huwa sabiħ li tgħix f'pajjiż li ma jaħsibx biss fil-ġenerazzjonijiet tal-lum, iżda li jkollu viżjoni għall-ġenerazzjonijiet li jmiss, ta' wliedna u t'ulied uliedna. Dan kollu qed isir grazzi għall-fiduċja li l-poplu Malti wera kontinwament f'din l-amministrazzjoni Laburista. Gvern, li sena wara oħra, qed jagħżel li jibni u jsaħħaħ miżuri soċjali, li diġà għamlu bidla kbira fil-ħajja tan-nies. Il-Budget preżentat għas-sena d-dieħla mhux se jkun eċċezzjoni. Huwa fatt innegabbli li tul l-aħħar xhur, kull settur tas-soċjetà fehem aħjar kemm dan il-Gvern verament jidħol għal kulħadd, meta jkun hemm il-bżonn.

Dan nagħmluh għax nemmnu fil-potenzjal li għandhom il-gżejjer Maltin u kif jistgħu jissaħħu, jisbieħu u jkunu aktar ġusti ma' kulħadd. Assistejna għat-tieni Budget f'pandemija u għal darb'oħra, b'wiċċna minn quddiem se nkunu qed nimplimentaw Budget ieħor soċjalment b'saħħtu. Dan mhuwiex Budget ta' qabel l-elezzjoni, kif konna drajna taħt gvernijiet Nazzjonalisti. Dan huwa kontinwazzjoni tat-triq li qbadna tmien snin ilu, fejn għażilna li ninċentivaw u nsaħħu l-qagħda soċjali u finanzjarja, tal-familji u l-pensjonanti tagħna.

Inħarsu 'l quddiem b'ottimiżmu, għaliex għandna wkoll 'track record' pożittiv, fattwali, u li verament laħaq l-aspirazzjonijiet tan-nies. Il-Ministeru Soċjali waħdu, diġà wettaq 95% tal-Manifest Elettorali. U għalhekk aħna fdati biex għas-sena d-dieħla jkollna allokazzjoni ta' madwar €1.2 biljuni fuq benefiċċji soċjali biss.

Benefiċċji li minnhom se jgawdu t-tfal, il-familji, dawk bi dħul baxx, il-pensjonanti u persuni b'diżabiltà, fost oħrajn. Dan huwa possibbli grazzi għar-reżiljenza li flimkien urejna bħala poplu, Nazzjon magħqud. Kburin bikom, kburin bil-poplu Malti u Għawdxi għax flimkien għamilna biċċa xogħol ferm aħjar minn pajjiżi ħafna ikbar minna. Gvern li nefaq €1.5 biljuni biex jissalvagwardja l-familji kollha, u biex il-ħaddiema setgħu jżommu xogħlhom. Għamilna dan, għax nemmnu kemm fil-preżent kif ukoll fil-futur ta' wliedna. Din hija Malta li rridu nħallu lil uliedna, Malta ħabrieka u Malta li ma tibżax, Malta soċjalment ġusta.

Flimkien mal-familji, il-pensjonanti kienu għal darb'oħra mwieżna, għax dan il-Gvern verament huwa grat għax-xogħol li wettqu fil-passat u għax-xogħol siewi li għadhom jagħtu meta jgħinu lit-tfal tagħhom irabbu lil uliedhom. Il-maġġoranza tan-nefqa soċjali matul is-sena d-dieħla fil-fatt se tmur fuq pensjonijiet lil madwar 95,000 pensjonant. Dan hu Gvern li dejjem żamm kelmtu mal-pensjonanti kollha u kulħadd jaf fejn qiegħed magħna. Mis-sena d-dieħla kull pensjonant se jkun qed igawdi minn żieda ta' €5 fil-ġimgħa, €3.25 li hija ż-żieda addizzjonali u €1.75 li huma ż-żieda għall-għoli tal-ħajja.

Quddiem dan kollu, u b'sens ta' għaqda nazzjonali, dan il-Gvern jinsab kommess li jħalli pajjiż ferm aħjar minn dak li sab. Permezz ta' dan il-Budget erġajna wrejna fejn tħabbat qalbna u kif darba wara oħra, erġajna dħalna għal dawk l-aktar vulnerabbli mingħajr ma daħħalna l-ebda piż fuq in-nies. Nemmnu li l-poplu se jkompli jiġġudika b'responsabbiltà u maturità. Tul l-aħħar ħames snin, rajna tim magħqud li ma ddejjaq xejn jerfa' responsabbiltajiet li ma kinux faċli li jittieħdu, kemm fuq livell intern u anke dak Nazzjonali.

Dan l-istil ta' tmexxija kapaċi jagħmel id-differenza fil-ħajja tan-nies. Kieku ma kienx hekk, illum ħafna familji spiċċaw f'sitwazzjoni mwiegħra, mingħajr dħul sostenibbli biex jgħixu ħajja ta' kwalita' aħjar. Ksibna ħafna, imma mhux se nieqfu hawn, irridu li nkomplu niġġeddu u niksbu riżultati aħjar, kemm fis-soċjal, fl-ekonomija u anke fl-ambjent ta' madwarna.

Dan hu Gvern li għal darb'oħra reġa' wera li huwa l-moviment tal-ideat, tal-ġejjieni fejn inkomplu ntejjbu lil pajjiżna. Magħqudin flimkien bħala Tim Malta. Dan huwa l-legat li rridu nħallu l-uliedna u se nagħmlu dan b'ottimiżmu, għax nemmnu fil-potenzjal tal-poplu Malti u Għawdxi kollu.

Dik hi l-Malta li rridu nħallu lil uliedna.

# Investiment bla preċedent fil-Qasam tal-Ġustizzja



Dan il-Gvern se jibqa' magħruf bħala dak li wettaq riformi Kostituzzjonali u Istituzzjonali bla preċedent. Il-Ġustizzja, il-Buon Governanza u s-Saltna tad-Dritt, se jibqgħu sinonimi miegħu, kienu pilastri importanti li ngħataw saħħa fil-baġit tas-sena 2021. Għas-sena 2022 ġew allokati xejn anqas minn 48 miljun Ewro, sabiex dan is-settur ikompli jissaħħaħ u jwettaq. Il-ħidma u l-investiment f'dan il-qasam huma xhieda ħajja ta' kemm dan il-Gvern verament jemmen fil-Ġustizzja, il-Buon Governanza u s-Saltna tad-dritt.

## Is-sena 2021 – x'wettaqna

Matul l-2021 komplejna naħdmu sabiex niżguraw li Malta tikkonforma mar-rakkomandazzjonijiet dwar governanza tajba u s-saltna tad-dritt imressqa mill-Kummissjoni Venezja u l-GRECO.

Ġew imgħoddija aktar minn 45 abbozz fil-Parlament dwar il-Ġustizzja u s-Saltna tad-dritt. Liema abbozzi saħħew ir-reputazzjoni ta' Malta barra minn xtutna u permezz tagħhom l-Aġenziji ta' kreditu Barranin komplew jgħatu l-aqwa ratings lil Pajjiżna.

Ħdimna biex insaħħu l-istruttura tal-Uffiċċju tal-Irkupru tal-Assi b'miżuri li jipprovdu għall-irkupru tar-rikavat mill-kriminalità fosthom b'investiment ta' 'l fuq minn 2.2 miljun ewro.

Tressqu bosta liġijiet sabiex jinbena qafas ta' liġi aktar b'saħħtu kontra l-ħasil tal-flus, il-kriminalità organizzata u l-iffinanzjar tat-terroriżmu. Hawnhekk illum nistgħu ngħidu li għandna qafas legali li ssibu fl-aktar pajjiżi avvanzati fl-Ewropa u fid-dinja. Dan ma sarx biss permezz ta' liġijiet li daħħlu kunċetti ġodda fid-dritt tagħna, iżda permezz t'investiment fl-Avukat Ġenerali, fl-Avukat tal-Istat, fil-Pulizija Eżekuttiva, FIAU u oħrajn, kif ukoll f'binjiet ġodda sabiex ikun hemm dik li nsejħulha 'effectiveness of action'.

Komplejna wkoll bl-implimentazzjoni tar-riformi tal-ġustizzja fejn fost oħrajn, ġiet estiża l-età tal-irtirar tal-Imħallfin u l-Maġistrati, kif ukoll, għamilna ħatriet ġodda fil-bank tal-Ġudikatura biex issa għandna l-akbar bank tal-Ġudikatura li qatt kellna f'pajjiżna.

Flimkien mad-diġitalizzazzjoni totali tal-Awli kollha f'Malta u Għawdex, investejna fi proprjetà biswit il-Qorti sabiex tigi konvertita f'binja li tospita erba' awli ġodda u 25 uffiċċju addizzjonali biex jospitaw membri ġodda tal-Ġudikatura u l-istaff tagħhom.

Saħħaħna l-għajnuna legali, b'aktar profesjonisti fil-qasam bi speċjalizzazzjoni fil-vjolenza domestika, kif ukoll uffiċini ġodda.


Ritratt: Pierre Sammut (DOI)

## Baġit 2022 – x'se nkomplu nwettqu?

### Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat

2 miljun ewro ġew allokati lill-uffiċċju tal-Avukat tal-Istat sabiex ikompli jissaħħaħ u jinvesti f'proġetti ġodda. Ġew allokati wkoll 2.25 miljun, żieda ta' 32% mis-sena 2021 sabiex dan l-uffiċċju jkompli jinvesti fl-operat tiegħu.

### Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali

Żieda konsiderevoli ta' 78% fl-allokazzjoni tal-operat fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, dan sabiex jiġi assigurat li dan l-uffiċċju huwa mgħammar b'riżorsi adattati sabiex jindirizza l-ammont ta' xogħol li għandu l-uffiċċju.

Se nkomplu naħdmu sabiex l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali jkompli jieħu aktar funzjonijiet ta' prosekuzzjoni addizzjonali f'koordinament mal-Pulizija bil-għan li jiġi żviluppat servizz ta' prosekuzzjoni speċjalizzat fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, filwaqt li l-Pulizija tkun iktar iffukata fuq investigazzjoniiet tal-offiżi u dan bl-għan li jiġi offrut servizz ta' prosekuzzjoni ta' kwalità aħjar u nnaqqsu d-dewmien fis-sistema ġudizzjarja kriminali.

### Aġenzija għas-Servizzi tal-Qorti

Din l-Aġenzija ġiet allokata 20% aktar mis-sena l-oħra preċiżament 21.5 miljun biex issaħħaħ l-operat tagħha.

Biex inkomplu nagħtu prijorità lill-effiċjenza fil-proċeduri ġudizzjarji, l-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qorti se tkompli toffri l-aħjar appoġġ lill-membri tal-ġudikatura u wkoll servizz effiċjenti u effettiv liċ-ċittadini li jirrikorru għas-servizzi tal-Qrati tagħha. Se naħdmu wkoll sabiex tinbena awla ġdida fil-bini preżenti tal-Qorti ta' Malta li permezz tagħha huwa stmat li kull sena jkun hemm żieda ta' 5,180 seduta li tfisser żieda ta' kważi 4% fl-ammont ta' seduti fis-sena.

L-Aġenzija se tkompli wkoll bil-proċess ta' diġitalizzazzjoni biex tiskennja l-proċeduri kriminali kollha. Din hija inizjattiva maħsuba biex ittejjeb is-servizz ta' kwalità li l-Aġenzija toffri biex tiffaċilita aċċess aħjar għall-atti tal-proċedimenti.

### Għajnuna Legali

L-allokazzjoni f'dan l-operat żdiedet għal 630 elf ewro jiġifieri żieda ta' 7% fuq is-sena li għaddiet.

Se nkomplu ninvestu fl-għajnuna legali sabiex noħolqu sistema diġitali fejn il-klijenti prospettivi eliġibbli għall-għajnuna legali jkunu jistgħu japplikaw online, kif ukoll, mill-entitajiet u servizzi Governattivi li jinsabu fir-reġjuni Maltin.

### Asset Recovery Bureau

Sabiex dan l-uffiċċju jinvesti fi proġetti ġodda ġew allokati 5 mitt elf ewro, żieda ta 150% fuq is-sena 2021.

Wara li għaddejna l-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità (Proceeds of Crime Act), se nkomplu ninvestu fl-Uffiċċju tal-Irkupru tal-Assi billi nipprovdu teknoloġiji ġodda għall-iskambju, il-ġestjoni u l-irkupru t'informazzjoni. Se nkomplu bix-xogħol fuq il-proġett ambizzjuż relatat mal-kostruzzjoni ta' binja speċjalizzata li tkun mgħammra bl-aħħar teknoloġija biex tospita laboratorju ta' traċċar ta' assi u spazju adegwat għall-preservazzjoni t'assi konfiskati. L-ewwel offerti għal xogħlijiet infrastrutturali mistennija joħorġu dalwaqt.

## Konklużjoni

Il-ħidma f'dan il-qasam qed tiġi rikonoxxuta barra minn xtutna kemm fuq livell Internazzjonali u anka Ewropew. Ġejna rikonoxxuti saħansitra mill-President tal-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea, Ursula Von der Leyen fl-indirizz li hi tat fl-Istate of the Union.

Dan huwa l-Gvern tar-riformi, l-Governanza t-tajba u d-Drittijiet – dan huwa l-Gvern tal-bidla veru. Dan huwa l-Gvern li permezz ta' dan il-Baġit qed jaħdem u jinvesti f'Malta li rridu nħallu lil uliedna.

# IKOMPLU JĦAFFRU L-ĦOFRA

**EVARIST BARTOLO**
Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej

Dan l-aħħar iltqajt mill-inqas ma' żewġ persuni li mhux biss dejjem ivvutaw għall-PN minn kemm ilhom jivvotaw, iżda ħadmu fih u anke kellhom ħatriet pubbliċi f'ismu. Imma issa ddeċidew li mhux se jkomplu jappoġġjaw lill-PN, aħseb u ara kemm jaħdmu fih.

"Għamilt 12-il sena naħdem fil-PN u tajt ħafna minn ħini u mill-enerġija tiegħi. Imma issa tlaqt għax inħoss li huwa ħela ta' ħin. Ma nistax naħdem iżjed f'partit daqshekk mifrud u li jara kollox ħażin fil-pajjiż."

Hekk qaltli persuna li ġiet tarani ħmistax ilu. Ma naħsibx li din il-persuna u l-oħra li qaltli kważi l-istess huma waħedhom li jħossuhom hekk. Il-PN għandu problema kbira biex iżomm miegħu anke nies li dejjem ivvotawlu u ħadmu għalih.



Aħseb u ara xi problema għandu biex jiġbed lejh nies ġodda u li s'issa qatt ma appoġġjawh. Fl-istħarriġ pubbliku, il-PN jinsab xi 12% taħt il-PL. Bernard Grech jinsab sa 24% taħt Robert Abela. Mill-inqas 11% tal-partitarji tal-PN m'għandhomx fiduċja f'Bernard Grech biex imexxi l-pajjiż.

Flok jagħmel eżami tal-kuxjenza u jara kif se jirranġa u jikseb il-fiduċja lura, l-ewwel tal-partitarji tiegħu, imbagħad tal-maġġoranza tal-Maltin u l-Għawdxin, il-PN ikompli jħaffer il-ħofra li jinsab fiha. Biżżejjed tara l-mod isteriku kif qed jattakka l-Budget 2022. Il-maġġoranza tal-Maltin iridu Prim Ministru u Gvern li bil-fatti juru li kapaċi jmexxu għall-ġid tal-Maltin u jieħdu ħsieb li l-ġid jitqassam għall-għajxien tajjeb u s-saħħa tal-Maltin.

## Lejn nisa u rġiel indaqs fit-tmexxija

Fil-15 ta' Ottubru 1920, 12-il raġel waqqfu l-Partit Laburista. Kienu kollha rġiel. Seklu ilu n-nisa kienu meqjusa inqas mill-irġiel u kienu jitħallew 'il barra mill-ħajja pubblika u minn postijiet ta' tmexxija. Bħal ħafna ħaddiema u nies bla proprjetà u bla skola kienu anki tħallew bla vot.

Kellu jkun il-Partit Laburista li 74 sena ilu ġġieled favur li n-nisa jingħataw vot bħall-ħaddiema kollha. Il-vot ma baqax biss għall-irġiel tal-flus u ta' skola. Il-vot ingħata lil kulħadd u hekk twieldet id-demokrazija f'pajjiżna. L-ewwel darba li vvutaw in-nisa Maltin kien fl-Elezzjoni Ġenerali li saret bejn il-25 u s-27 ta' Ottubru 1947. Il-politikanta Laburista Agatha Barbara kienet l-ewwel mara li ġiet eletta fil-Parlament.

Iddedikat ħajjitha għall-ħelsien ta' pajjiżna u favur l-edukazzjoni u l-ġustizzja soċjali għall-poplu biex dawk ta' bla flus ikollhom dritt jimxu 'l quddiem daqs dawk tal-flus. Inħatret ukoll l-ewwel ministru mara u mbagħad saret ukoll l-ewwel mara li saret President tar-Repubblika.

Imma fadlilna ħafna x'naħdmu u x'nagħmlu biex ikollna ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-politika.

## Sas-sena 2121 Malta jkollha xi darba Prim Ministru mara?

Fis-seklu li għadda, mill-1921 'l hawn, mindu bdiet teżisti din il-ħatra f'pajjiżna kellna 14-il Prim Ministru. Kollha rġiel. Mhux biss għadu qatt ma kellna Prim Ministru mara imma għandna wkoll disa' nisa biss minn Parlament ta' 67.

Minn 192 pajjiz ninsabu fl-149 post bħala nisa fil-Parlament – 13% biss.

Mill-elezzjoni li jmiss se nagħmlu pass serju lejn l-ugwaljanza fil-politika għax se jitilgħu sa 40% tan-nisa fil-Parlament u hekk ningħaqdu ma' 19-il pajjiż ieħor li m'għandhomx daqshekk nisa fil-Parlament. Għandna bżonn iżjed nisa fit-tmexxija ta' kull qasam tal-ħajja. Ma nifilħux żgur naħlu jew narmu t-talent u l-enerġija ta' nofs il-poplu tagħna.



Il-politikanta Laburista Agatha Barbara kienet l-ewwel mara li ġiet eletta fil-Parlament

> "Il-maġġoranza tal-Maltin iridu Prim Ministru u Gvern li bil-fatti juru li kapaċi jmexxu għall-ġid tal-Maltin u jieħdu ħsieb li l-ġid jitqassam għall-għajxien tajjeb u s-saħħa tal-Maltin."

# IL-BIDU TAT-TMIEN ŻODJAKU TA' SCORPIO

Mit-23 ta' Ottubru sal-21 ta' Novembru 2021




### Aquarius mill-20 ta' Jannar sat-18 ta' Frar




F'dan il-bidu tat-tmien żodjaku ta' Scorpio għalik Aquarius se jfisser aktar iffokar lejn il-qasam ġdid li int dħalt fih. Però għalkemm riesqa lejn din id- direzzjoni ġdida trid tagħraf iddaħħal aktar kunfidenza fil-madwar tiegħek sabiex b'hekk tagħraf ikollok riżultati sodisfaċenti. Tajjeb li tagħmel riflessjoni. *L-aktar jum ideali għalik għal din il-ġimgħa huwa l-Erbgħa. Iż-żodjaku l-aktar li tħossok komdu miegħu ġej minn Libra. Aquarius huma magħrufin għall-flessibilità tagħhom.*

Namaste

### Leo mit-23 ta' Lulju sat-22 ta' Awwissu




F'dan il-bidu tat-tmien żodjaku ta' Scorpio għalik Leo se tibda tagħraf x'taqsam jew x'ma taqsamx ma' dawk ta' madwarek speċjalment minn dak li int esperjenzajt ftit tal-ġimgħat ilu. Din l-esperjenza għanda sservik ta' linja gwida sa fejn int għandek tasal f'dak li int trid twettaq. Huma dawn l-esperjenzi li sejrin jimmaturawk. *L-aktar jum ideali għalik għal din il-ġimgħa huwa l-Ġimgħa. Iż-żodjaku l-aktar li tħossok komdu miegħu ġej minn Taurus. Leo huma magħrufin għall-attenzjoni li jagħtu.*

Namaste

### Pisces mid-19 ta' Frar sal-20 ta' Marzu




F'dan il-bidu tat-tmien żodjaku ta' Scorpio għalik Pisces se jurik li r-responsabbilità mhux biss għandha tkun bħala ħsieb iżda trid tagħraf tagħmilha aktar fattibbli u dan ġej għax il-ħajja ta' madwarek kemm dik fil-karriera u anke personali se tkun qed tesperjenza direzzjoni ġdida li żgur għandha tkun ta' tkattir stabbli. *L-aktar jum ideali għalik għal din il-ġimgħa huwa s-Sibt. Iż-żodjaku l-aktar li tħossok komdu miegħu ġej minn Sagittarius. Pisces huma magħrufin li huma nies attivi ħafna.*

Namaste

### Virgo mit-23 ta' Awwissu sat-22 ta' Settembru




F'dan il-bidu tat-tmien żodjaku ta' Scorpio għalik Virgo se jagħmlek tagħraf aktar il-pożizzjoni finanzjarja tiegħek. Għalkemm li qiegħed tara xi sinjali negattivi, dan mhux allarmanti għax dan huwa t-taqlib li ġej minn sitwazzjonijiet li ma tantx kellek kontroll fuqhom. Għalhekk la issa bdejt tagħraf dan tajjeb li twettaq pjan finanzjarju ġdid. *L-aktar jum ideali għalik għal din il-ġimgħa huwa t-Tnejn. Iż-żodjaku l-aktar li tħossok komdu miegħu ġej minn Aquarius. Virgo huma magħrufin għall-istabbilità tagħhom.*

Namaste

### Aries mill-21 ta' Marzu sad-19 ta' April




F'dan il-bidu tat-tmien żodjaku ta' Scorpio għalik Aries se jwasslek għal aktar mumenti pożittivi u dawn se jibdew jinħassu l-aktar fil-ħmistax li ġejjin. Għalkemm dan jaf joħloq xi ftit ta' tensjoni minħabba li ma kontx ippreparat għal dan, bil-karattru tiegħek int se tagħraf iżżomm kontroll u jirnexxilek taddatta tajjeb għal dan. *L-aktar jum ideali għalik għal din il-ġimgħa huwa t-Tnejn. Iż-żodjaku l-aktar li tħossok komdu miegħu ġej minn Leo. Aries huma magħrufin għall-indipendenza tagħhom.*

Namaste

### Libra mit-23 ta' Settembru sat-22 ta' Ottubru




F'dan il-bidu tat-tmien żodjaku ta' Scorpio għalik Libra se jkun żmien ta' valutazzjoni kompluta. Jaf ikun riesaq dak il-mument bħal meta dik il-bużżieqa li tonfoħ u tonfoħ fl-aħħar tinfaqa'. Ovvjament issa ilek għal żmien twil iżżomm ġewwa fik u taf tinfaqa', iżda għaraf biss li int tkun imħejji għal dak li iseħħ wara dan. Irrifletti. *L-aktar jum ideali għalik għal din il-ġimgħa huwa l-Ħamis. Iż-żodjaku l-aktar li tħossok komdu miegħu ġej minn Pisces. Libra huma magħrufin għall-burdata stabbli tagħhom.*

Namaste

### Taurus mill-20 ta' April sal-20 ta' Mejju




F'dan il-bidu tat-tmien żodjaku ta' Scorpio għalik Taurus se jagħmlek tagħraf jekk l-imħabba li int esperjenzajt fil-passat kinitx waħda fundamentali jew le. Dan huwa l-mument li int trid tagħraf eżatt xi trid mill-passat li mbagħad ma tkunx tiflaħ għalih. Mur biss lura lejn il-passat jekk int lest sew għalih u jekk le ħares biss lejn toroq ġodda. Irrifletti. *L-aktar jum ideali għalik għal din il-ġimgħa huwa l-Ġimgħa. Iż-żodjaku l-aktar li tħossok komdu miegħu ġej minn Cancer. Taurus huma magħrufin għall-abbilità organizzata*

Namaste

### Scorpio mill-23 ta' Ottubru sal-21 ta' Novembru




F'dan il-bidu tat-tmien żodjaku ta' Scorpio għalik l-istess Scorpio se jkun dak il-mument li tagħraf tirrifletti ftit aktar fuq dak li kont qed tesperjenza. Dan se jkun sabiex int tagħraf fejn int stajt kont aħjar jew le, aktar u aktar issa hemm bżonn li tirrifletti aktar fuq il-madwar komplut tiegħek. Għalhekk wettaq analiżi profonda. *L-aktar jum ideali għalik għal din il-ġimgħa huwa t-Tlieta. Iż-żodjaku l-aktar li tħossok komdu miegħu ġej minn Capricorn. Scorpio huma magħrufin kemm huma umli.*

Namaste

### Gemini mill-21 ta' Mejju sal-20 ta' Ġunju




F'dan il-bidu tat-tmien żodjaku ta' Scorpio għalik Gemini se jkun mument li fl-aħħar tibda twettaq dak il-pjan partikolari li int tant ilek tħejji u tippjana għalih. Dan se joffrilek dak is-sodisfazzjon li tħoss li kollox ikun hemm raġuni għal dak li jiġri fil-ħajja ta' madwarna fil-mument magħżul u attwat. Għaraf sew dan. *L-aktar jum ideali għalik għal din il-ġimgħa huwa l-Ħamis. Iż-żodjaku l-aktar li tħossok komdu miegħu ġej minn Virgo. Gemini huma magħrufin għall-ispontanjetà tagħhom.*

Namaste

### Sagittarius mit-22 ta' Novembru sal-21 ta' Diċembru




F'dan il-bidu tat-tmien żodjaku ta' Scorpio għalik Sagittarius se jkun il-mument fejn int ser tagħraf tkun ta' gwida għal dawk ta' madwarek. Dan it-talent li int għandek fik innifsek issa trid tagħraf twasslu b'aktar attenzjoni meta se tidħol f'sitwazzjoni ta' bżonn ta' aktar pariri għal dawk ta' madwarek. Għaraf aħseb sew qabel twettaq xi direzzjoni. *L-aktar jum ideali għalik għal din il-ġimgħa huwa s-Sibt. Iż-żodjaku l-aktar li tħossok komdu miegħu ġej minn Gemini. Sagittarius huma magħrufin li jservu ta' pont.*

Namaste

### Cancer mill-21 ta' Ġunju sat-22 ta' Lulju




F'dan il-bidu tat-tmien żodjaku ta' Scorpio għalik Cancer se jagħmlek tagħraf aktar dawk il-persuni li int għandek tafda u dan għaliex f'dawn il-ġimgħat li ġejjin int se tesperjenza tibdil. Se tagħraf li bdiet dieħla ċertu għira u dan ħa jikkomplika l-ħajja ta' madwarek. Wasal iż-żmien li tpoġġi lil dawk ta' madwarek taħt eżami. Għaraf dan sew. *L-aktar jum ideali għalik għal din il-ġimgħa huwa t-Tlieta. Iż-żodjaku l-aktar li tħossok komdu miegħu ġej minn Aries. Cancer huma magħrufin għall-abbiltà u t-twemmin fihom infushom.*

Namaste

### Capricorn mit-22 ta' Diċembru sad-19 ta' Jannar




F'dan il-bidu tat-tmien żodjaku ta' Scorpio għalik Capricorn se jagħmlek tagħraf aktar ir-responsabbiltà ta' dak li int trid twettaq aktar 'il quddiem. Dan il-pass trid tibqa' tkattru sakemm int tagħraf li wasalt fil-massimu li int tkun wettaqt dak li xtaqt. Għalhekk ħu żmien kollu li tixtieq. Tajjeb li twettaq riflessjoni profonda. *L-aktar jum ideali għalik għal din il-ġimgħa huwa t-Tlieta. Iż-żodjaku l-aktar li tħossok komdu miegħu ġej minn Virgo. Capricorn huma magħrufin bħala li huma persuni emozzjonali ħafna.*

Namaste

KOMPETIZZJONI:

L-ewwel premju ntrebaħ minn: **JULIAN ATTARD** minn **RAĦAL ĠDID** filwaqt li t-tieni premju ntrebaħ minn **MARICA TANTI** mill-**MOSTA**.

Id-domanda għal din il-ġimgħa hi: Meta jibda t-tmien żodjaku ta' Scorpio, fit-23, fis-27 jew fil-31 ta' Ottubru?

Ibgħat it-tweġiba postali tiegħek lill: PaulJon, Kompetizzjoni t-TORĊA, Po Box 27, Paola.




**L-ewwel Premju:** L-ewwel Premju: Voucher ta' skont fuq il-pubblikazzjonijiet kollha ta'PaulJon flimkien ma' tifkira tal-Kalendarju Żodjaku 2020.

**It-tieni Premju:** Voucher bi skont għaltrattament tas-sbuħija, mogħti minn Angels and Crystals Beauty Wellness Salon Marsascala, flimkien ma' tifkira tal-Kalendarju Żodjaku 2020.

# KATRIN TAL-BIRGU



JOSEPH SERRACINO
serracinoj@gmail.com

"Katrin, Salvu reġa' ġie lura. TKunx belha! Oqgħod attenta minnu. Tafdaħx! Naħliflek li hu qatt ma ħabbek u naċċertak li f'Lixandra għandu familja oħra. Dak qatt ma kien fidil miegħek. Naf sewwa x'jien ngħidlek."

Katrin dehret sfajra u għajjiena aktar mis-soltu. Għalkemm kienet għadha kemm għalqet il-50 sena, l-imsejkna mara kienet tidher akbar. L-għelm u t-tiġrib ta' ħajja iebsa għaksuha tant li l-bixra ta' wiċċha kienet turi sinjali ta' xjuħija bikrija. Hekk hi l-ħajja. Waqt li ma' xi wħud hi ħelwa u sabiħa, ma' oħrajn hi iebsa u kiefra.

Katrin daqet il-ħelu u l-morr li taf tagħti l-ħajja. Minn żgħożija hienja u sinjura f'dar ommha, bħala mara miżżewġa sabet ħajja iebsa u fqira. It-tilwim ma' żewġha, il-marda tal-ażżma, li sfortunatament ħakmitha kmieni fil-ħajja, u l-għejja kontinwa kkawżata mix-xogħol iebes ta' ħassiela għand in-nies dewquha l-morr tal-ħajja u għamlulha ħajjitha infern.

Jum fost l-oħrajn, l-imsejkna mara dehret imħassba aktar mis-soltu. Ħsieb tqil li kien ilu żmien itanbar f'moħħha kien qed idejjaqha u jnikktilha qalbha. It-tislima ta' kajmana ta' Grezz ta' biswitha ħasditha u nebbħitha li kienet waslet wara l-bieb. Katrin, maħsuda minħabba l-aljenazzjoni tagħha, kienet pronta dawret ħarsitha mifxula lejn il-ġara tagħha u, waqt li tbissima sfurzata dehret tħarrkilha xufftejha minn taħt l-ilsien, staqsietha, "kif sebaħ Karmnu llum, Grezz?"

"Dan il-lejl ma raqad xejn. Fejn taf kemm hu muġugħ!" weġbitha mħassba l-ġara. "Kieku t-tabib qalilna li m'għandu xejn serju iżda ngħid jien, dan l-uġigħ minn fejn hu ġej? Dalgħodu għandu jiġi l-kappillan biex iqarbnu, iżda milli jidher se jiddawwar aktar mis-soltu," issoktat tgħidilha bil-mod Grezz, hekk kif b'tixjira ta' rasha għamlitilha sinjal li żewġha kien qed jistrieħ fil-kamra tal-ġenb.



Katrin ikkonfondiet x'taqbad tgħidilha biex tipprova ssabbarha.

"Issa nibgħat lil Anni tfakkru," qaltilha bil-mod Katrin hekk kif daħħlet idejha fil-but tal-fardal u minnu ħarġet muftieħ imdaqqas. Daħħlitu fit-toqba tas-serratura u waqt li bi sforz qawwi bdiet tipprova ddawru lejn il-lemin tagħha, b'irkoppitha bdiet timbotta l-bieb 'il ġewwa sakemm fl-aħħar irnexxielha tiftħu. "Saħħa, Grezz! Jekk ikollok bżonn xi ħaġa għajjatli mill-bitħa," qaltilha mill-ġdid Katrin biex isserħilha moħħha, hekk kif bi tbatija kbira refgħet il-qoffa mill-art u daħlet bil-mod fl-intrata.

Wara li għalqet il-bieb warajha, Katrin intasbet bilqiegħda fuq l-ewwel siġġu li sabet quddiemha u fil-ħemda ta' madwarha qagħdet tistrieħ mill-għejja kbira li kienet ħakmitha. L-imsejkna mara kienet ilha minn sbieħ il-jum barra, u bħas-soltu l-aħħar waqfa tagħha kienet għand is-Sinjura Amalja, omm il-Kappillan tal-Birgu. Lil din ix-xwejħa twajba, barra l-ħasil tal-ħwejjeġ, kienet ukoll toħodilha ħsieb ix-xirja ta' kuljum, u darbtejn fil-ġimgħa kienet tgħinha tagħmel passejn fil-ġardina li kellha wara d-dar, peress li l-imsejkna kienet ilha snin tbati bin-nuqqas ta' ċirkolazzjoni.

Katrin ħarset madwarha u ġibdet nifs qawwi. Fl-aħħar, wara ħafna xhur ta' qtigħ il-qalb, irnexxielha tieħu deċiżjoni, forsi wkoll l-akbar deċiżjoni ta' ħajjitha: dik li tieqaf mix-xogħol ta' ħassiela għand in-nies. B'hekk, fl-aħħar qatgħet xewqet uliedha li kienu ilhom ix-xhur jitolbuha biex tieqaf mix-xogħol li kien qiegħed ikiddilha saħħitha.

Iżda l-ħsieb li wliedha setgħu joġġezzjonaw li tkompli tgħin lis-Sinjura Amalja baqa' jtanbar f'moħħha. Katrin kienet ilha tmur għandha madwar 15-il sena, u matul dan iż-żmien kollu ż-żewġ nisa kienu draw lil xulxin tant li saru jinħabbu qishom omm u bint.

Fis-Sinjura Amalja, l-imsejkna mara mhux biss sabet omm twajba li taf tħobb u tagħder iżda wkoll qalb ġeneruża li b'imħabba kbira waqfet magħha fil-ħtiġijiet tagħha, b'mod speċjali b'għajnuniet ta' flus li xi kultant kienet tagħtiha u li permezz tagħhom setgħet tkompli tgħajjex kif jixraq lil uliedha wara t-tluq ta' żewġha lejn Lixandra. Din ir-rabta intima ġegħlitha taħsibha mill-ġdid, iżda fl-aħħar, fis-skiet ta' qalbha, iddeċidiet li sakemm tibqa' b'saħħitha hi tkompli tieħu ħsiebha u tgħinha fil-bżonnijiet tagħha.

Katrin kellha tlett ulied. Ġużeppi, il-kbir, kien qed jitrabba minn oħtha Saverin li kienet miżżewġa negozjant Belti u li meta ntebħet li ma setgħetx ikollha tfal talbitha biex irabbuh huma. Għall-ewwel, l-imsejkna omm ħaditha bi kbira għax ma xtaqitx tinfired minn binha iżda, meta għarblet sewwa ċ-ċirkostanzi li sabet ruħha fihom u x'futur sabiħ seta' jkollu Ġużeppi li kieku kellha trabbih oħtha, ikkuntentat bil-kundizzjoni li għall-inqas darba fil-ġimgħa tniżżlu għandha l-Birgu biex iqatta' ġurnata magħha u ma' ħutu l-bniet.

Ġużi, kif kien iħobb isejjaħlu zijuh tar-rispett, kien tifel intelliġenti ħafna. Meta tfarfar, zijuh daħħlu f'kulleġġ privat, u minn hemm baqa' miexi 'l quddiem sakemm għadda mill-eżamijiet kollha u wara seta' jkompli l-istudji tiegħu fl-Università għal avukat. Zijuh Pawlu, barra l-flus,

kellu wkoll ħafna ħbieb, u għalhekk bl-għajnuna ta' xi wħud minnhom huwa seta' jindieħes ma' bosta avukati, fosthom l-Avukat Giovanni Borg, avukat imsemmi ħafna li, meta ltaqa' ma' Ġużeppi u għaraf l-intelliġenza tażżagħżugħ, offrielu post miegħu fl-uffiċċju li kellu l-Belt maġenb il-Qorti.

Ġużeppi, għatxan għat-tagħlim u għat-taħriġ meħtieġ għall-professjoni tiegħu, mill-ewwel aċċetta l-offerta tal-avukat anzjan u mill-għada stess beda t-taħriġ tiegħu bħala l-assistent personali tal-Avukat Borg. F'qasir żmien, hu mhux biss irnexxielu jikseb dik l-esperjenza li għamlitu avukat tajjeb iżda rnexxielu wkoll jikseb l-ammirazzjoni u l-fiduċja ta' bosta avukati oħra li ta' spiss kienu jfittxuh biex jgħinhom f'kawżi u f'pariri legali.

Karmni, il-fustanija, kienet sentejn akbar minn oħtha Anni. Huma baqgħu jgħixu ma' ommhom u ta' spiss kienu jmorru magħha jgħinuha fil-ħasil. Għalkemm moħħhom ma kienx tajjeb daqs ta' ħuhom, xogħolhom kienu jagħmluh bil-galbu u sal-inqas tentufa. Minn ċkunithom huma tgħallmu josservaw kollox u ma jħallu xejn jaħarbilhom. In-nuqqas ta' ħtiġijiet neċessarji u s-sagrifiċċju kbir li kienet qed tagħmel ommhom għalihom biex trabbihom tajjeb dewquhom l-iebes tal-ħajja, iżda mażżmien dan servihom ta' ġid għax seddaqhom fl-għaqal u għamilhom beżlin.

Iż-żewġt aħwa kienu jinħabbu ħafna. Meta kibru, u daħlu jaħdmu bħala qaddejja mas-Sinjura Elda, huma talbu lil ommhom biex tieqaf mix-xogħol ta' ħassiela u tawha kelma li setgħu jżommuha d-dar u ma jkun jonqosha xejn. Għall-ewwel Katrin ma aċċettatx it-talba tagħhom, għax ħasset li kienet se tkun ta' piż kbir fuqhom, iżda meta Karmni talbet lil ħuha biex ikellimha hu wkoll, l-imsejkna omm baxxiet rasha għax-xewqa ta' wliedha.

* * *

Is-Sinjura Elda kienet tilfet lil żewġha kmieni fil-ħajja. Għalkemm kienet għadha fl-aħjar tagħha, beżgħet terġa' tiżżewweġ, u għalhekk iddeċidiet li tibqa' ħielsa minn kull irbit. Sakemm kienet għadha b'saħħitha, ħajjitha għaddietha tivvjaġġa f'diversi pajjiżi Ewropej fil-kumpanija ta' żewġt iħbieb Beltin li issa, għax ħassuhom li kibru u ma baqgħux jifilħu għall-istrapazz li jġib miegħu l-ivvjaġġar fit-tul, inġabru f'istitut tas-sorijiet, bil-konsegwenza li Elda sfat waħedha, bla qraba u bla ħbieb.

F'Karmni u f'Anni, is-Sinjura Elda sabet żewġt iħbieb ġodda. Maż-żmien tant drathom li saret tħobbhom daqslikieku kienu l-qraba tagħha. Biex turihom kemm kienet tirrispettahom u tqishom daqs ta' ġewwa, kull meta kienet tinżel tqatta' t-tliet xhur tas-sajf fid-dar kbira li kellha f'Wied il-Għajn, hi dejjem talbithom biex magħhom iniżżlu wkoll lil ommhom u b'hekk ma tibqax waħedha d-dar u moħħha fihom. Meta xi kultant iż-żewġ tfajliet kien ikollhom bżonn joħorġu, Elda u Katrin kienu jintasbu f'pultruna fit-terrazzin li kien jagħti għal fuq il-baħar, u hemm kienu jintilfu jitħaddtu u jirrakkontaw ġrajjiet żgħożithom, b'nostalġija ta' tifkiriet sbieħ u koroh li kienu għaddew minnhom.

Iżda, kif jgħid il-Malti, il-kliem bħaċ-ċirasa. Kif jiġri dejjem, waqt kull taħdita, id-diskors jinbidel kemm-il darba u xi kultant il-kliem jaqa' fuq xi suġġett li lanqas biss tkun ħsibt fuqu. Is-Sinjura Elda kienet tieħu pjaċir ħafna bil-kumpanija ta' Katrin għax fiha kienet tara xempju ħaj ta' omm twajba li b'kuraġġ kbir issagrifikat ħajjitha biex trabbi lil uliedha. Iżda meta maż-żmien bdiet tinnota li fit-taħdit ta' bejniethom hi ma ssemmix lil żewġha, li kien telaqhom wara t-twelid ta' Anni, bdiet titħasseb ħafna.

Iżda l-aktar ħaġa li kienet tinkwieta lil Elda u tkiddha qatigħ kienet kull meta l-kliem jaqa' fuq iż-żwieġ. Hawnhekk kienet tinnota li Katrin tant ma kinitx tieħu pjaċir titkellem fuq dan is-suġġett li mill-ewwel kienet tinfixel u turiha li ma kinitx tħossha komda li tkompli titkellem fuqu u li kliemhom idawruh fuq xi suġġett ieħor. Meta ma kienx jirnexxilha ddawwar is-suġġett, għajnejha kienu jfuru bid-dmugħ, fommha jintebaq, kliemha jitqal u bla kliem u bla sliem kienet tqum minn fuq il-pultruna u b'pass mgħaġġel tirtira f'kamritha fejn kienet tingħalaq waħedha sal-għada filgħodu.

L-atteġġjament stramb ta' Katrin beda jħasseb ħafna lil Elda għaliex ma setgħetx tifhem kif mara dħulija bħalha setgħet twaqqaf kull tentattiv li permezz tiegħu setgħet tibni ħajjitha mill-ġdid u b'hekk tgħix aktar kuntenta. Kien kollu għalxejn li ppruvat tkellimha mill-ġdid u tfehimha bil-ħsieb tagħha, għaliex Katrin baqgħet taġixxi bl-istess mod billi tingħalaq f'kamritha u ma tkellem lil ħadd sal-għada filgħodu.

Għall-ewwel, Elda tħassbet u ddeċidiet li tgħid b'kollox lil ulied Katrin. Iżda meta l-għada filgħodu kienet terġa' tiltaqa' magħha waqt il-kolazzjon u tosservaha kalma, kienet terġa' taħsibha mill-ġdid u ma turihom b'xejn. B'danakollu, l-atteġġjament konfuż ta' Katrin beda jqabbadha attakk nervuż għaliex f'moħħha beda jberren il-ħsieb li ħajjet l-imsejkna mara kienet imdawra b'xi misterju li kien qed inikkitilha qalbha u jittorturalha ħajjitha. Iżda, ħaġa tal-għaġeb, dan it-tħassib u l-qtigħ il-qalb kienet tħossu jisfuma fix-xejn kull meta kienet issib ruħha fil-kumpanija taż-żewġt aħwa, li kienet tħosshom jhennulha ħajjitha u jġibulha l-paċi f'qalbha.

Is-Sinjura Elda ma kellha lil ħadd fid-dinja għajr lil dawk iż-żewġ xbejbiet dħulin li maż-żmien saru l-uniku skop ta' ħajjitha. Kultant hi kienet tħoss li dak li kienet qiegħda tagħmel magħhom kien kollu l-ħsieb t'Alla, u li permezz tagħha hu kien qed jippremjahom għas-safa ta' ruħhom u għall-imħabba kbira li biha huma kienu jħobbu lil ommhom.

Karmni, il-kbira, kellha 20 sena. Kienet twila, imżejna b'figura żnella, b'wiċċ ċkejken kulur il-ħawħa, b'għajnejn kbar kannella u b'kappa xagħar sewdieni. Anni kienet sabiħa bil-bosta. Għalkemm ma kinitx twila daqs oħtha, persunitha kienet perfetta, imżejna b'wiċċ bajdani mtebba' b'wardiet roża, b'għajnejn koħol u xagħar dehbi li kien jaqa' nnukklat għal fuq daharha. Barra dan il-ġmiel naturali, dawn iż-żewġt aħwa kienu mżejnin b'karattru sod u b'natural ferrieħi.

Lil Elda kulħadd kien jafha bħala mara twajba u tar-ruħ iżda, bħal kull mara oħra, kellha wkoll id-difetti tagħha. Għalkemm lil Katrin kienet dratha ħafna, u maż-żmien saret tirrispetta s-skiet tagħha, b'danakollu hi kienet toqgħod attenta għal kull moviment li tagħmel forsi fl-aħħar jirnexxilha ssir taf x'kien il-misterju li l-imsejkna mara kienet qed taħbi minnha.

Mhux l-ewwel darba nnutat li kemm Karmni kif ukoll Anni kienu jitnikktu qatigħ kull meta ommhom kienet tħaddanhom magħha. Wara kull tgħanniqa, Katrin kien jagħtiha bħal ħass ħażin. Il-bixra ta' wiċċha kienet tinbidel f'waħda ta' niket kbir u minn fommha kienet toħroġ ġeġwiġija ta' kliem maqtugħ li ma jinftehimx. Din l-emozzjoni qawwija ta' Katrin bdiet saħansitra tħasseb ħażin lil uliedha u ġġegħlhom jirriflettu sewwa l-qagħda tagħha u l-ħtieġa li jkellmu tabib biex jieħu ħsiebha.

* * *

Hekk kif irritornaw il-Birgu, Katrin marret tagħmel żjara lil omm il-Kappillan. Kienet ilha madwar siegħa titkellem magħha u tirrakkontalha l-vaganza sabiħa li għaddiet mas-Sinjura Elda f'Wied il-Għajn, meta f'daqqa waħda ftakret li dakinhar kellu jinżel għandha binha Ġużeppi. Għalhekk, waqt li skużat ruħha magħha u weġħditha li kellha terġa' tmur taraha l-għada filgħodu, sellmitilha u bil-mod qabdet triqtha lejn darha.

Kif waslet quddiem l-Oratorju ta' San Ġużepp, ħasset lil xi ħadd itaptpilha fuq spallitha. Katrin inħasdet. Kif dawret wiċċha sabet raġel twil wieqaf quddiemha, liebes ilbies maħmuġ, iħares ċass lejha, u fuq fommu kellu tbissima sfurzata. Għal ftit sekondi t-tnejn baqgħu jħarsu lejn xulxin bla ma jlissnu kelma, iżda f'daqqa waħda Katrin ħassitha tistordi, u li kieku r-raġel ma kienx ħafif biżżejjed li ħatafha minn qaddha u żammha tajjeb, kieku l-imsejkna kienet taqa' għaxwa fl-art.

"Kif tħossok, Katrin?" staqsieha bil-ħatfa r-raġel, hekk kif ta ħarsa madwaru biex jara min kien qed iħares lejhom. Katrin ma weġbitux. Għalkemm kienu għaddew is-snin, wiċċu kien baqa' stampat f'moħħha u ħarstu ħassitha tkexkixha. Ir-raġel bl-għaġġla ressaq fommu ma' widnitha, u b'vuċi baxxa iżda ċara daqs il-kristall qalilha, "Katrin, Salvu reġa' ġie lura. Tkunx belha! Oqgħod attenta minnu. Tafdahx! Naħliflek li hu qatt ma ħabbek u naċċertak li f'Lixandra għandu familja oħra. Dak qatt ma kien fidil miegħek. Naf sewwa x'jien ngħidlek!"

Mal-aħħar kelma baxxa rasu lejn l-art u, waqt li għal darb'oħra reġa' ta ħarsa madwaru biex jaċċerta ruħu li ħadd ma kien qed jagħti kasu, sellem bl-għaġġla lil Katrin u għeb qalb in-nies li kienu telgħin u neżlin lejn ix-Xatt ta' San Lawrenz. Katrin, storduta bil-ħasda li ħadet, baqgħet wieqfa qisha statwa f'nofs ta' triq tħares mibluha lejn it-taraġ li jagħti għax-Xatt u thewden fuq il-kliem li qalilha r-raġel. Ħarsitha kienet mifxula, u l-imsejkna kellha rogħda kbira fuqha. F'dawk il-ftit sekondi Katrin għaddiet minn esperjenza tal-biża', fejn ittaqtigħa ħarxa bejn il-bxara ta' ferħ li żewġha kien għadu ħaj u reġa' rritorna u dik li qatt ma kien fidil lejha kienu qegħdin itertqulha moħħha u jnikktulha qalbha.

Xi nies li kienu jafuha u nzertaw għaddejjin minn

>> Tkompli f'ħarġa oħra

## Numri flok ittri

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| B | D | A | C | 80 |
| C | C | A | B | 105 |
| B | D | C | D | 88 |
| A | A | D | B | 47 |
| 63 | 97 | 89 | 71 | |

■ Poġġi numri flok l-erba' ittri li jidhru hawnhekk. Kull numru fuq barra huwa t-total tal-erba' numri bi drittu, kemm weqfin kif ukoll mimdudin.

## Ittri u numri

| | | |
|---|---|---|
| A | M x Q | 10 |
| B | C + X | |
| C | R - N | |
| D | U x M | |
| E | R ÷ Q | |
| F | Q + M | |
| G | Z - Y | 9 |
| H | P + S | |
| I | F x N | 21 |
| J | T - N | 23 |
| K | F + F | |
| L | D - N | |
| M | W ÷ G | |

| | | |
|---|---|---|
| N | O - H | |
| O | E x E | |
| P | Z ÷ M | 12 |
| Q | E + S | 5 |
| R | E x Q | 20 |
| S | B - Z | |
| T | U + Y | |
| U | D ÷ M | |
| V | E + M | |
| W | N x V | |
| X | Z ÷ N | |
| Y | D - F | |
| Z | E x V | 24 |

■ L-ittri mill-A saż-Z għandhom numru, mill-1 sas-26. X'uhud min-numri assoċjati mal-ittri jidhru diġà fit-tielet kolonna fuq il-lemin. Ara jirnexxilekx issib liema huma n-numru assoċjati mal-ittri l-oħrajn bl-għajnuna tat-tagħrif li hemm fil-kolonna tan-nofs..




## Djamant maqsum

■ Liema taħseb li trid tuża minn dawn il-biċċiet biex tgħaqqad id-djamant immarkat Nru. 2?

## Kaxxi bin-numri

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 6 | 2 6 | 1 2 | | | | | |
| 4 3 | 6 5 | 4 3 | | | | | |
| 4 3 | 5 2 | 1 5 | | | | | |
| 2 6 | 1 5 | 4 3 | | | | | |
| 6 5 | 6 2 | 4 3 | | | | | |
| 1 3 | 1 4 | 5 2 | | | | | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | 21 |
| | | | | | | 20 |
| | | | | | | 22 |
| | | | | | | 22 |
| | | | | | | 21 |
| | | | | | | 20 |
| 22 | 24 | 16 | 23 | 20 | 21 | |

■ Poġġi l-kaxxi bin-numri fejn suppost jiġu fil-kaxxa l-kbira biex it-total ta' kull sitt numri bi dritt xulxin, kemm weqfin kif ukoll mimdudin, ikun jaqbel ma' dak ta' barra.






**SIGURTÀ FIT-TRIQ**
Kompetizzjoni bi Premju
mal-**PERIT AUDREY**





**Hemm x'għabbejt Ġuż?!**
Tagħbija ma tistax tesporġi fuq quddiem jew 'il barra mill-ġnub tal-vettura, ma tistax tesporġi aktar minn kwint tat-tul tal-vettura.

**Tagħbija ma tistax tkun tmiss mal- _ _ _**

Ibgħat it-tweġiba, ismek, kunjomok, numru tat-telefon u l-indirizz tiegħek hawnhekk:

**Kompetizzjoni SIGURTÀ FIT-TRIQ**
it-TORĊA, Workers' Memorial Building, Triq Nofsinhar, il-Belt Valletta.
Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni tal-ġimgħa l-oħra hija: Elaine Marie Borg mill-Qala, Għawdex.
Tista' tiġbor il-premju mir-*reception* tal-General Workers' Union, il-Belt.

# €797 miljun fl-edukazzjoni



JUSTYNE CARUANA
Ministru tal-Edukazzjoni




Il-budget annwali huwa mument importanti fit-tmexxija tal-pajjiż. Huwa t-test għall-gvern u għall-oppożizzjoni u kulma jintqal miż-żewġ naħat irid ikun evalwat fuq il-kredibilità. Din il-ġimgħa kellna opportunità konkreta biex niżnu ż-żewġ naħat. L-oppożizzjoni għal darb'oħra tilfet iċ-ċans li turi jekk hijiex kredibbli, għax kompliet bil-lanja ta' tmaqdir. Flok offriet alternattivi fattibbli, irrikorriet għal ripetizzjoni ta' wegħdiet li n-nies ilhom li injoraw.

## IL-KREDIBILITÀ FUQ KOLLOX

Il-Prim Ministru Robert Abela, mhux biss wera kemm tasew il-poplu jaf fejn hu qiegħed mal-gvern, imma kompla jikxef beraħ il-faqar ta' oppożizzjoni li għandna f'pajjiżna. Kien diskors awtorevoli, b'argumenti ta' kuraġġ u, fuq kollox, ta' mexxej politiku li verament iħobb lil pajjiżu Dr Abela kompla jagħti prova wara l-oħra kemm it-tfal tagħna huma tassew għal-qalb il-Gvern Laburista. Ma setax jonqos li jfisser b'importanza l-miżuri ġodda fis-settur tal-edukazzjoni, li realment ipoġġu l-prijorità għalina li nippjanaw l-aħjar Għawdex u Malta bħala wirt għal uliedna.

"Aħna ma nħallu lil ħadd waħdu!" Għalija din l-istqarrija deċiża tal-Prim Ministru tiġbor fiha l-ħsieb u l-miri kollha tal-budget għall-2022. Tfittex fejn tfittex fil-budget issib dejjem it-twemmin sod tagħna fil-valuri tal-ġustizzja soċjali u dan norbtuh fuq il-futur ta' wliedna - futur li jiddependi ħafna fuq l-edukazzjoni ta' kwalità li tkun aċċessibli u ekwa għal kulħadd.

## ŻIEDA SOSTANZJALI

L-estimi għan-nefqa tal-gvern, skont policies u miżuri studjati, tkun raġunata fid-dawl taċ-ċirkostanzi li jkun għaddej minnhom il-pajjiż. L-ikbar miżura ta' kejl għan-nies hija l-iskala tal-ġustizzja soċjali, għax kulħadd ikejjel kif mar s'issa u kif se jmur. In-nies u l-familji jkejlu skont is-sitwazzjoni tagħhom b'mod individwali, imma jaraw ukoll ix-xenarju kollu biex jevalwaw kif il-piż u l-ġid jitqassam b'mod ġust. L-istess jagħmel il-gvern li anzi jkollu veduta ġenerali imma ċara ta' kull kategorija ta' nies u jħoss l-obbligu li jindirizzahom kollha u jipprovdi għalihom kollha.

Hekk jaġixxi Gvern Laburista, ispirat kontinwament mill-ġustizzja soċjali li tant stinka għaliha u li għaliha twaqqaf mitt sena ilu. Hekk ukoll jaġixxi fil-qasam tal-edukazzjoni li mill-bidunett qiesu prijorità indispensabbli. Għas-sena d-dieħla qed nistmaw u nippjanaw li ninvestu xejn inqas minn €797 miljun, żieda konsiderevoli ta' €68 miljun fuq is-sena li qegħdin fiha. Ngħid 'ninvestu' għax din hija nefqa bi skop li ssaħħaħ u ttejjeb is-servizz li nagħtu lil uliedna, allura investiment dirett fihom.

## MIŻURI B'SAĦĦITHOM

Ammonti hekk kbar ikunu jkopru n-nefqa rikorrenti, bħalma huma l-pagi ta' eluf ta' edukaturi u impjegati f'livelli varji tas-settur edukattiv, kif ukoll spejjeż normali ta' manutenzjoni, konsum u twettiq ta' skemi diġà stabbiliti lil kategoriji varji ta' studenti. Hemm ukoll in-nefqa kapitali - li hi essenzjalment investiment, għax tkopri r-riżorsi neċessarji biex inwettqu l-proġetti u nimplimentaw il-ħafna inċentivi ġodda, li għall-2022 huma b'saħħithom u kuraġġużi.

Ħsibna għat-tfal kollha, miċ-childcare sal-livelli terzjarji b'mod li nkunu ta' appoġġ akbar għalihom u għall-familji tagħhom. It-tagħlim hu l-bażi ta' kollox fil-ħajja u għalhekk nibdew minn kmieni biex uliedna jkollhom bażi tajba li tippreparahom b'mod sostnut sal-ogħla livelli għal ħiliet ġodda li jwassluhom għad-dinja tax-xogħol.

## GĦAWDEX U MALTA GĦAL ULIEDNA

F'dan il-budget komplejna fil-mixja tal-aħħar tmien snin u tajna prijorità lis-sekwenza bejn l-edukazzjoni u l-impjiegi. Jekk l-edukazzjoni hija dritt fundamentali, daqstant ieħor huwa x-xogħol li jagħti dinjità u indipendenza lit-tfal li nkunu ffurmajna f'ċittadini responsabbli.

Meta ħaddieħor kien jipprova jbeżża' li l-Labour se jneħħi l-istipendji, aħna rġajna żidna l-istipendji għall-istudenti f'livell terzjarju, din id-darba b'10%. Qisna wkoll li ħafna studenti jilħqu jsibu impjieg part-time matul il-kors u għalhekk irridu li jibqgħu intitolati għall-istipendju meta jaħdmu sa 25 siegħa fil-ġimgħa. Bl-istess raġuni qed insaħħu l-iskemi ta' apprendistat u placements adegwati għall-istudenti f'korsijiet vokazzjonali u oħrajn.

## SOLIDARJETÀ BIL-FATTI

Il-Prim Ministru fakkar f'realtà oħra li dan il-budget qed jindirizza. Saħaq li "spiċċa ż-żmien li t-tfal tagħna jbatu fis-skiet!". Għalhekk se nagħtu sa €10,000 lill-kapijiet tal-iskejjel biex jgħinu studenti li, għal xi raġuni jkunu neqsin mill-ikel jew neċessitajiet bażiċi oħra. Dan hu wkoll rikonoxximent lil edukaturi dedikati li ġieli jgħinu tfal bħal dawn minn buthom.

Żgur li fl-edukazzjoni nsibu l-iktar sinjifikat ċar tal-ħsieb dominanti f'dan il-budget - Malta li rridu għal uliedna! Uliedna l-istudenti u l-familji jiżnu kollox u jafu jagħżlu bejn impenn serju u wegħdiet fiergħa. Fil-budget u tul is-snin tal-leġislatura, tal-lum u ta' għada, il-qofol ta' kollox hija l-kredibilità tagħna li kapaċi nwettqu dak li ngħidu għax tassew nemmnu fih!

# L-AMBJENT FIĊ-ĊENTRU TAL-BUDGET 2022



**RAY ABELA**
Kandidat Laburista




L-ambjent jikkontribwixxi bil-kbir għall-kwalità tal-ħajja li ngħixu u aktar ma jgħaddi ż-żmien qed ikompli jikber fl-importanza tiegħu. Dan huwa fatt li Gvern Laburista fehem u qed jaġixxi b'mod konkret biex jiggarantixxi futur sostenibbli għall-poplu Malti. Il-gvern qed jaġixxi bil-fatti biex sal-2050 nilħqu l-mira aħħarija ta' żero karbonju u għaldaqstant il-bżonn li nnaqqsu l-emissjonijiet u ngawdu kwalità ta' arja aħjar minn dik li għandna llum.

Kif pajjiżna ffaċċja pandemija u għaraf jidentifika l-opportunitajiet minnha, hekk ukoll se jkun qed jagħmel mill-fenomenu globali tat-tibdil fil-klima. Kif stqarr riċentament il-Prim Ministru, Robert Abela: "it-tkabbir ekonomiku u l-ambjent huma l-faċċata tal-istess munita li jeħtieġu jimxu id f'id biex tiġi assigurata l-kwalità tal-ħajja tal-Maltin u l-Għawdxin." Tassew, l-gvern mhux jara l-ambjent bħala piż, iżda opportunità.

Huwa għalhekk li l-miżuri ambjentali mħabbra fil-Budget huma bbażati fuq il-viżjoni tal-Gvern għas-snin li ġejjin, il-Malta ta' għada. Huma wkoll miżuri li jwittu t-triq għal ekonomija ħadra u reżiljenti. Fuq kollox, il-miżuri mħabbra, mistennija jħallu effett fiż-żmien li ġej u għodda biex tiġi implimentata l-viżjoni li ħabbar il-Prim Ministru Robert Abela ftit tal-ġimgħat ilu, viżjoni li tpoġġi l-ambjent, l-ekonomija u l-qasam soċjali fuq l-istess livell.

Il-Budget imħabbar fil-11 ta' Ottubru huwa opportunità biex verament nagħmlu differenza fil-qasam tal-ambjent. Hu opportunità biex verament nagħmlu differenza f'ħajjet in-nies permezz ta' miżuri ċari u immirati għall-preżent u l-futur tas-soċjetà Maltija.

Il-miżuri mħabbra jirreflettu l-ħsieb tiegħi fuq diversi temi li importanti li għandhom impatt fuq il-pajjiż u wisq aktar fuq ir-residenti tal-ewwel u t-tielet distrett. Huwa għalhekk li nilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva mħabbra mill-gvern biex ikun hemm intensifikazzjoni ta' interventi ta' din ix-xorta fuq diversi siti, fosthom dawk fejn ix-xogħol inbeda diġà bħal Magħluq ta' Marsaskala.

Hi tassew pożittiva l-inizjattiva mħabbra fil-Budget 2022 li se jiġu introdotti smart bins b'aċċess ikkontrollat u b'sorveljanza kontinwa sabiex entitajiet kummerċjali jkunu jistgħu jisseparaw l-iskart f'kull ħin tal-ġurnata. Dan se jsir b'kollaborazzjoni mal-Kunsilli Lokali. Nemmen li din l-inizjattiva se tkun qed tgħin ħafna kemm fuq livell lokali kif ukoll fuq livell nazzjonali.

Għaqlin kienu wkoll il-miżuri mħabbra mill-gvern biex jiġi riabilitat il-Park tal-Inwadar li jestendi minnaħa tax-Xgħajra saż-Żonqor billi jsir tħawwil ta' għexieren ta' eluf ta' siġar ġodda adattati għat-tipoloġija tal-inħawi. L-għan ta' dan il-proġett huwa li mhux biss tingħata dehra estetika differenti fid-dehra ta' Malta kif tidher fuq il-mappa imma se jwassal ukoll biex dan isir il-Park Nazzjonali, park b'masġar li jkun akbar minn dak tal-Buskett u li jkun jista' jitgawda minn kulħadd u jservi wkoll bħala attrazzjoni turistika. Il-proġett se jinħadem fuq medda ta' 5 snin b'investiment ta' €20 miljun li jaċċerta wkoll s-sostenibbiltà tiegħu b'mod partikolari fl-immaniġġjar tal-ilma u anke l-ħarsien tal-bijodiversità tal-Inwadar.

Nilqa' wkoll b'sodisfazzjon l-inizjattiva mħabbra mill-gvern għal aktar proġetti vertikali (green walls), ġonna fuq soqfa (green roofs) bħal dak li qed isir fuq il-Liċeo San Ġorġ Preca, it-tisbiħ ta' ġonna bħal Ġnien Romeo Romano, Ġnien Spencer u Ġnien Belveder kif ukoll il-proġett tat-tisqif tat-Triq Reġjonali f'Santa Venera. Ambizzjuż huwa wkoll l-inizjattiva tal-gvern biex ikomplu l-studju biex issir l-pedonizzazzjoni permanenti f'forma ta' ġnien matul Triq Sant'Anna fil-Floriana.

Il-proġett ambjentali tal-gvern se jwassal għal kwalità ta' arja aħjar ukoll permezz ta' skemi mirati fosthom skema mill-Malta Enterprise maħsuba biex tassisti intrapriżi jibdlu vetturi li jaħdmu bil-fjuwil għal vetturi li jaħdmu b'mod elettriku u soluzzjonijiet oħra. L-iskema se tkun qed tkopri parti mid-differenza fl-ispiża ta' bejn vetturi li jaħdmu bil-fjuwil u vetturi li jaħdmu b'mod elettriku. L-intrapriżi se jkunu qed jibbenefikaw minn din l-iskema meta jibdlu vetturi eżistenti għal vetturi elettriċi ġodda. Il-gvern se jkun qed jintroduċi wkoll skema għall-vetturi li jiġu installati l-pannelli fotovoltajiċi.

Dan huwa tassew gvern li bil-fatti, jpoġġi l-ambjent fiċ-ċentru tal-politika u l-viżjoni tiegħu biex tassew itejjeb il-kwalità tal-ħajja ta' kull wieħed u waħda minna. Dan huwa Budget li verament se jistimola l-ekonomija l-ħadra, se jikkontribwixxi biex il-gvern jilħaq il-miri stabiliti f'dan is-settur u fuq kollox, se jagħmel differenza f'ħajjet kull wieħed u waħda minna.

Dan huwa l-Gvern Laburista. Gvern li ma jwegħedx duħħan imma viżjoni konkreta b'miri konkreti. Dan huwa għalfejn fil-vjaġġ politiku tiegħi qed nikkontribwixxi biex in-nies tal-ewwel u t-tielet distrett igawdu minn ambjent aħjar. Dan huwa għalfejn fix-xhur li ġejjin se nkun qed naħdem qatigħ biex dak li ġie mwiegħed fil-11 ta' Ottubru, jitwettaq biex verament intejbu l-ħajja tal-familji Maltin u Għawdxin.

# SKEMA EDU FAST FERRY



Il-Ministru għall-Edukazzjoni, Justyne Caruana, ħabbret inċentiv monetarju ieħor, sa massimu ta' €250 fis-sena, li se jingħata lill-edukaturi u lill-istudenti Għawdxin li ta' kuljum ikollhom jaqsmu bejn iż-żewġ gżejjer.

Din il-miżura li tħabbret fil-Bağit bit-tema Malta li rridu għal uliedna, se tkompli ttaffi l-ispejjeż addizjonali lil elf u tlett mitt Għawdxi li jkollhom iħallsu biex jgħallmu u/jew isegwu t-tagħlim.

Dan l-inċentiv monetarju, se jingħata, bla ma jitmissu dawk l-inċentivi monetarji li bdew jingħataw fl-aħħar snin mill-Ministeru għal Għawdex. Din l-iskema hija maħsuba biex inkomplu nħeġġu trasport aktar nadif u fl-istess ħin jonqos il-ħin tat-traġitt.

Dawk l-istudenti li jsegwu xi kors fil-Junior College; l-Università ta' Malta jew fl-MCAST, u l-għalliema Għawdxin li jgħallmu f'istituzzjoni edukattiva f'Malta, huma eliġibbli għal dan l-inċentiv.

Ir-rimbors se jingħata lil kull min juża l-Fast ferry, irrispettiv ma' liema operatur jaqbad il-vjaġġ.

Biex ikun eliġibbli, wieħed irid japplika onlajn fuq applikazzjoni li se tittella' fuq il-websajt tal-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-applikazzjonijiet jagħlqu fit- 3 ta' Novembru 2021.

L-operaturi tal-fast ferry se jagħtu EDU Fast Ferry Card lil kull minn huwa eliġibbli u li japplika. Dil-card tkun trid tintuża meta wieħed ikun se jagħmel użu tas-servizz.

Ir-rimbors li se jingħata se jkun għal kull vjaġġ li jsir bil-fast ferry, vjaġġ li jsir f'dawk il-ġranet li jingħata tagħlim matul is-sena skolastika.

Il-ħlas isir bil-lura, kull tlett xhur u l-vjaġġatur m'għandux għalfejn iżomm il-biljetti għaliex sar ftehim bejn il-Ministeru għall-Edukazzjoni u ż-żewġ operaturi, li din il-verifika ssir b'mod elettroniku.

Fit-tnedija ta' din l-iskema, il-Ministru Justyne Caruana semmiet kif "dan il-baġit, ikompli jibni fuq ta' qablu, jinvesti bis-sħiħ fl-istudent u l-edukatur. U dan għaliex l-istudent huwa l-futur ta' pajjiżna, filwaqt li l-edukatur qed jindokra lill-istudent biex b'mod olistiku jkun iċ-ċittadin ta' Malta ta' għada. Kien għall-hekk li f'dan il-baġit qed ninvestu tmien mitt miljun ewro fil-qasam edukattiv. Dan huwa l-mod konkret kif dan il-Gvern qed jaħdem għal "Malta li rridu għal-Uliedna".






# PROSPERITÀ ĠDIDA... INĦARSU B'OTTIMIŻMU GĦAŻ-ŻMIEN LI ĠEJ



L-Avukat **CHRIS BONETT**
Kandidat Laburista

F'pajjiż demokratiku, il-poplu jiġi mitlub li jagħmel għażla u jagħti l-fiduċja tiegħu lil partit jew ieħor sabiex jiggverna fil-leġiżlatura li jmiss. Għaldaqstant, il-poplu jrid jevalwa l-potenzjal taż-żewġ naħat sabiex jagħmel l-aħjar għażla għaż-żmien li ġej. Kultant, meta jkollok Gvern bħalma hu dak ta' Robert Abela, malajr nieħdu kollox 'for granted'. Kien għalhekk propizju d-diskors tal-Prim Ministru din il-ġimgħa meta fid-diskors tiegħu elenka d-differenza bejn il-Gvernijiet Laburisti u dawk Nazzjonalisti. Ħadna lura fiż-żmien meta kellna Gvernijiet Nazzjonalisti li f'sitwazzjonijiet diffiċli, imma ħafna inqas mill-pandemija tal-Covid-19, huma għażlu l-politika t'awsterità. Aħna le. Aħna ressaqna Budget soċjali sabiex hadd ma jaqa' lura. Xogħolna jibqa' dejjem li nqarrbu d-distakk ta' min hu tajjeb u min qiegħed ibati billi ngħinuh u nġibuh fuq saqajh.



Ma rridux ninsew li meta ħadna l-Gvern f'idejna, sibna pajjiż stagnat u ridna ndawru r-rota mill-ġdid. Kien żmien diffiċli fejn Gvern Nazzjonalista kien daħħalna fl-excessive deficit procedure. Iżda issa rridu nħarsu 'l quddiem u fuq l-aġenda għandna standards ġodda u ogħla li japplikaw l-istess għal kulħadd. Irridu noħolqu bilanċ bejn il-progress sabiex l-ekonomija tibqa' b'saħħitha u fl-istess waqt nsebbħu l-ambjent. Proprju għalhekk neħħejna t-taxxi relatati mal-proprjetà sabiex ninċentivaw lil min qiegħed ibigħ u anke min jixtri. Qed ninċentivaw lil min jiddeċiedi li jixtri proprjetà fl-Urban Conservation Area u nnaqsu l-proprjetà battala u mitluqa.

Aħna ma narawx qasam partikolari għalih waħdu, imma nagħmlu kollox f'kuntest wisa' b'mod ħolistiku. Fil-fatt sabiex intejbu l-ambjent qegħdin inħarsu biex innaqqsu l-emissjonijiet fl-arja u anke t-traffiku. Għalhekk varajna konsultazzjoni pubblika biex nevalwaw il-possibilità li nagħmlu transport tal-massa u proponejna l-Metro. Sakemm isir dan fi żmien għoxrin sena oħra se nieħdu miżuri oħra fl-immedjat. Fil-fatt, dan il-Budget ħaseb sabiex jinċentiva lil min se jixtri karozzi elettriċi.

'Il bogħod mill-ħela li qalilna li għamilna Bernard Grech, aħna ridna li nieħdu ħsieb il-ħajja tan-nies. Insalvaaw l-ekonomija meta l-iktar kien hemm bżonn. Ħadna ħsieb li nagħtu lin-nies kull għajnuna possibbli biex ma jikkrollawx. Ridna nsostnu lin-negozji li meta l-mument kien aħjar investew u taw lil Malta mill-ġid li kellhom, issa kien imiss lilna li nieħdu ħsiebhom. Dan sabiex il-ħaddiem iżomm il-post tax-xogħol tiegħu u allura nsalvaw lill-familji. Ir-riżultat huwa wieħed li jagħmlilna kuraġġ biex nibqgħu għaddejjin.

Aħna Gvern li ma jinsa 'l ħadd. Għalhekk tajna żieda lill-penzjonanti b'ħames ewro fil-ġimgħa biex huma wkoll jkunu jistgħu jlaħħqu mal-ħajja u jtejbu l-għejxien tagħhom. Nidejna diversi miżuri relatati mal-pensjoni sabiex l-anzjani tagħna jkollhom iktar flus fil-but. Rajna li kull penzjonant, minn dawk l-iktar batuti u anke r-romol intuhom żidied iktar milli tippermetti l-COLA. Il-Kap tal-Oppożizzjoni wegħedhom li se jtihom id-doppju tal-COLA li tfisser li kieku huwa jkun il-Prim Ministru se jagħtihom inqas minn dak propost fil-Budget.

Dan huwa Gvern serju li rnexxielu jagħmel lilu nnifsu kredibbli mal-poplu. Fejn qabel konna mdorrijin b'Budgets fejn jogħlew l-affarijiet, illum nisimgħu skema waħda wara oħra biż-żidied u benefiċċji. Fejn jidħlu proġetti infrastrutturali, qabel konna nistennew lill-Papa jew lir-Regina biex jigu fostna u fl-aħħar jiem tarahom iraqqu l-pannu bil-qargħa ahmar. Aħna differenti. Nidħlu għal ambizzjonijiet kbar imma nwettqu kollox skont il-pjan u nżommu mad-dati. Gvern li għandu għal qalbu lil Malta u lil niesu. Għalhekk, Gvern Laburista biss huwa l-unika għażla għall-futur ta' pajjiżna.



# IRBAĦ €50 VAWĊER



## MIMDUDIN

1. Misturin u mgħottijin (7)
5. San Franġisk ta' ... (6)
8. Paul Pogba huwa player ... (7)
14. Biċċa penitenza għall-ħelu (5)
15. Jisparaw fuqha għat-taħriġ (6)
17. FL-arloġġ il-ħin kollu sejjer (6)
19. Wieħed mill-ixketti (5)
20. Kontra fuq (4)
21. Aktar minn ċoff wieħed (4)
23. Din fjamanta (5)
25. Dan iġiblek taġen imħawwad? (5)
28. Għamel hekk għall-ħut (4)
29. u 30. Mimdudin: Dak li għandu jgħaddi minn għala l-bniedem (6)
31. Aktar minn wiċċ wieħed (4)
33. Bl-addoċċ, ħallata ballata, kif ġie ġie (6, 6)
39. Tajjeb ħafna fit-togħma (4)
41. u 42. Mimdudin: Qabdu l-ġuħ (6)
43. Wara ..., xarba tajba (4)
45. Korla mingħajr qies (5)
46. Din miet ir-raġel tagħha (5)
47. Qasma - qsim; rabta - ... (4)
50. Kellu jinżel isfel ... (4)
53. u 54. Mimdudin: Kimika għall-pixxini (6)
56. Flopp kbir (5)
58. Troffa xagħar imdawwra (6)
60. Il-kapitali tagħha hija Moska (6)
62. Skandalizza ruħu (5)
64. ... u l-Bieb (5)
67. Semmen minn wara u qagħad jgħarrex (6)
69. Il-kap tal-kunsill lokali (6)
70. Minn mument għal ieħor (5)
72. u 73. Mimdudin: L-ikel kien nofsu ... (6)
75. Aktar minn nażu wieħed, forsi ta' Hitler (4)
77. Għandu paċenzja ta' ... (4)
79. Jitrabba fil-ħadid u fil-landa (5)
80. Fdalijiet tal-ikel (5)
82. Wara d-daħk, jiġi l-... (4)
84. Is-sliem għalik, à la Latina (3)
85. Adam u ... (3)
87. ... u ġerri (4)
88. Belt kapitali ta' pajjiż (12)
93. Tony, l-Aġent Segretarju tat-Taqsima tal-Pensjonanti tal-GWU (4)
94. u 95. Mimdudin: Mur għand boxxla ... (6)
96. H (4)
98. Esperiment jew test, jew turija (5)
100. Tebgħa jew xi ġerħa (5)
101. Ħadd ma jġibulek ... (5)
105. Kull ..., mitmum (4)
108. Din x'aktarx li tinten pesti (5)
109. Dawwar is-suf biex għamel kobba (6)
110. Lokalità 'l fuq mill-Mosta (6)
111. B'Tal-... jaqbillek, speċjalment minn Ottubru tas-sena d-dieħla (5)
112. Niżlu minn abbord (7)
113. Sħiħ, mhemm xejn nieqes (6)
114. Kull biċċa materjal dejqa (6)

## WEQFIN

2., 3. u 4. Weqfin: Dan ikanta jew jikkomponi l-kanzunetti (13)
6. u 7. Weqdin: Niżel jiġri t-taraġ ... ... (5, 5)
9., 10. u 11. Weqfin: Għarfien jew radd ta' ħajr (13)
12. Moħli għal kollox jew għajjien mejjet (7)
13. Jattendi skola jew università (7)
16. Tiftaħ ir-... għal xi programm sabiħ (5)
18. Żifna li oriġinat mill-Arġentina/Urugwaj imma assoċjata ħafna ma Spanja (5)
22. Issibha f'tarf id-drapp jew fil-miżien (5)
24. Reġa' lura fejn joqogħdu n-nies? (3)
26. Jgħix maġenb tiegħek (3)
27. Munita tal-Lvant Nofsani jew l-Afrika ta' Fuq (8)
32. Baxxa jew ċekken lil xi ħadd (6)
33. u 34. Weqfin: Minn din il-frotta iebsa jsir il-ġulepp (7)
35. Matthijs de Ligt jilgħab mat-team nazzjonali tal-... (6)
36. Jaf jitħaddet tajjeb quddiem il-massa (6)
37. Din tagħmel parti mar-reġjun tal-Lazio (4)
38. u 40. Weqfin: Waqgħa fit-tul jew tkaxkira (9)
44. Il-boċċa ż-żgħira (4)
48. Oħt l-iben (4)
49. Dan isir qabel il-kuntratt formali (8)
51. Din xi waħda ta' 64. Mimdudin? (8)
52. Ftira tal-għasel (6)
55. Dan mimli bil-Marokkini (6)
57. Ġib ruħek ... ta' nies(4)
59. Ma tantx jitlagħlu malajr (4)
61. Imbaċċaċ ġmielu (4)
63. Fih taqbad ħut żgħir (4)
65. Qatel lil xi ħadd bil-ġebel (6)
66. Kaċċa u ... (4)
68. Alex ..., difensur tal-Juventus (6)
69. Issibhom f'Hollywood jew fis-sema (6)
70. u 71. Weqfin: Kemm int ..., kif dejjaqtni! (10)
74. Emmnut u ta' fiduċja (4)
76. Aħrax, aspru jew żorr (4)
78. Dan trid tieħu biex tinħasel sew (5)
79. u 81. Weqfin: Għamel 67. Mimdudin ta' waqra quddiem (6)
82. Il-belt li biha bdew jibnu torri biex jilħqu s-sema (5)
83. Din, annimal kbir u b'għonqo twil (7)
86. Maħlul jew sfrattat (7)
89. Umlin (5)
90. u 91. Weqfin: Straġi sħiħa (6)
92. Morna sal-... tal-Mellieħa (5)
97. Irnexxielu jakkwista (5)
99. u 100. Weqfin: Mħolli fil-ġenb jew minsi (10)
102. Wieħed mill-ħniex (5)
103. u 104. Weqfin: Karozza li għamlet żmienha (8)
106. u 107. Weqfin: Aktar minn fratell wieħed (8)

### Soluzzjoni tal-Ħadd li għadda

**MIMDUDIN:** 1. Frakass; 5. Qmejsa; 8. Bajdani; 14. Ħanin; 15. Bikkej; 17. u 19. Ragunament; 20. Joga; 21. Brim; 23. Qsari; 25. u 28. Larinġite; 29. u 30. Marokk; 31. Ajma; 33. Frankenstein; 39. Dlam; 41. u 42. Lirika; 43. Naħa; 45. Ajkla; 46. Qroll; 47. Tmun; 50. Kana; 53. u 54. Braken; 56. Ħarab; 58. Jannar; 60. Nutara; 62. Kosta; 64. Aroma; 67. Naffar; 69. Nemusa; 70. Babbu; 72. u 73. Tletin; 75. Gass; 77. Vrus; 79 u 80. Skolastiku; 82. Innu; 84 u 85. Granit; 87. Ajru; 88. Pulċinellata; 93. Ċint; 94. u 95. Bsaten; 96. Ottu; 98. Blaff; 100. u 101. Esibituri; 105. Alan; 108. Romeo; 109. Bennej; 110. Ġabbar; 111. Kraxx; 112. Kapural; 113. Aronne; 114. Abbatin.

**WEQFIN**: 2. u 3. Rendikont; 4. Sabi; 6. u 7. Majjistral; 9. Apap; 10. u 11. Dominanti; 12. Mħabbel; 13. Dilemma; 16. Kiser; 18. Uniti; 22. u 24. Ballarin; 26. u 27. Antikwat; 32. Munqar; 33. Fra; 34. Alka; 35. Krakar; 36. Saqajnt; 37. Eroj; 38. Nil; 40. Lanġas; 44. Ħebb; 48. Mank; 49. Majjoneż; 51. Skartata; 52. Nħanaq; 55. Fallut; 57. Adam; 59. Nerf; 61. Tewm; 63. Obda; 65. Oliver; 66. Ateu; 68. Rigali; 69. Nissel; 70. Bnin; 71. Batuti; 74. Moll; 76. Xita; 78. Sgass; 79 u 81. Sapuna; 82. Itjeb; 83. Saborra; 86. Strixxa; 89. Umlin; 90. u 91. Ċaflis; 92. Tabib; 97. Temma; 99. u 100. Fajerenġin; 102. Użati; 103. u 104. Columbia; 106. u 107. Trabokka.

**Ir-rebbieħ ta' €50 vawċer tat-tisliba ta' nhar il-Ħadd li għadda hija: JULIAN AGIUS minn Ħaż-Żabbar.**

**Ibagħtu t-tisliba mimlija flimkien mad-dettalji tagħkom f'dan l-indirizz: "Tisliba tal-Ħadd", It-TORĊA, Workers' Memorial Building, Triq Nofsinhar, il-Belt Valletta. L-ewwel tisliba tajba li tinfetaħ tirbaħ vawċer ta' €50.**

ISEM ..........................................................................

INDIRIZZ ..........................................................................

..........................................................................

..........................................................................

# Strateġija progressiva li tħares 'il quddiem



minn **STEFAN ZRINZO AZZOPARDI**
Segretarju Parlamentari
għall-Fondi Ewropej
fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru

Il-Budget li issa bdejna niddiskutu fil-Kamra tad-Deputati jagħti prova qawwija tar-ruħ soċjali tal-Gvern Laburista li tul l-aħħar sena u nofs ta' pandemija wera kemm lest jieqaf ma' kull min kellu bżonn l-għajnuna biex flimkien stajna ngħaddu minn din il-burraxka li laqtet lid-dinja kollha.

Il-Budget mhux biss ta prova tal-kredenzjali soċjali tal-Gvern iżda rriafferma kemm qed iħaddan politika progressiva li tħares 'il quddiem lejn l-isfidi li għandu quddiemu pajjiżna llum. Fost dawn insibu dik li ntejbu l-ambjent li qed ngħixu fih u nilqgħu għall-fenomenu tat-tibdil fil-klima billi aħna nagħtu wkoll il-kontribut tagħna biex dan il-fenomenu jitreġġa' lura.

## Kwalità ta' ħajja aħjar

Id-diskors bi tweġiba li għamel il-Prim Ministru Robert Abela fil-Parlament nhar it-Tlieta li għadda wera kemm il-politika soċjali tal-Gvern għandha għeruq sodi fil-ħidma politika kollha tal-Moviment tagħna. Issa, li sena wara sena kabbarna l-ekonomija biex stajna nqassmu l-ġid bejn kulħadd u ħadna ħsieb lil dawk vulnerabbli fil-pajjiż, kien imiss li filwaqt li nkomplu nwieżnu lil dawk l-aktar fil-bżonn inżidu l-attenzjoni tagħna lejn il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini tagħna, b'mod partikolari ma' dak li għandu x'jaqsam l-ambjent.

Wieħed irid jifli l-Budget fil-kuntest ta' dak kollu li għamel il-Gvern minn mindu faqqgħet il-pandemija tal-Covid-19 flimkien mal-qagħda ekonomika dinjija ta' bħalissa.

Smajna ħafna jitkellmu dwar l-għoli tal-ħajja li reġa' beda jgħolli rasu madwar id-dinja kollha. F'dinja li llum tista' titqies bħala suq wieħed, l-impatt tal-pandemija inħass kullimkien u b'mod partikolari fis-swieq ta' materja prima bħalma huwa l-azzar u l-prodotti li tuża d-dinja għall-enerġija bħaż-żejt u l-gass. Kull minn bħalna jimporta minn dawn il-prodotti biex ikollu provista tal-elettriku adekwata ntlaqat minn dawn il-prezzijiet ogħla iżda bl-għaqal tal-Gvern, s'issa għadna ma bdejniex inbatu minn dawn il-piżijiet ġodda li qed jintefgħu fuq tant popli fid-dinja u partikolarment fl-Ewropa.

## Żidiet lill-pensjonanti aktar minn dak li trid l-Oppożizzjoni

F'Malta għandna l-mekkaniżmu tal-COLA li bih inkejlu l-għoli tal-ħajja u minn żmien għal żmien jinstemgħu lħna li jsostnu li dan il-mekkaniżmu, maqbul mal-imsieħba soċjali kollha, għandu bżonn li jkun rivedut biex ikun jirrifletti l-ħtiġijiet tal-lum. Iżda minkejja d-diffetti li jista' jkollu, l-Oppożizzjoni qed tagħmel ħażin issostni li l-Gvern qed jindirizza l-għoli tal-ħajja b'dan il-mekkaniżmu biss. Il-Gvern mar lil hinn minn dak li pproponiet l-Oppożizzjoni meta stqarret li trid li l-pensjonanti jingħataw żieda għall-għoli tal-ħajja li tkun id-doppju ta' dik stabbilita mill-COLA. Fil-fatt l-inqas żieda li ħadu l-pensjonanti hija ta' €5 fil-ġimgħa li hija ta' €1.50 aktar minn dak propost mill-Oppożizzjoni. U dan biex ma nsemmux iż-żidiet f'diversi benefiċċji soċjali oħra, fosthom fl-għajnuna supplimentari, dik lir-romol u persuni b'diżabilità, fejn irriżultat f'żieda ta' madwar €15 fil-ġimgħa għal diversi kategoriji. Anke ż-żieda ta' 10% fl-istipendi lill-istudenti tista' titqies bħala għajnuna li tmur lil hinn minn dak stabbilit bil-COLA.

## Viżjoni u direzzjoni differenti

Meta tifli dak li qalet l-Oppożizzjoni dwar il-Budget u partikolarment il-kritika li dan kien Budget ta' ħela malajr wieħed jintebaħ kemm il-viżjoni tal-Gvern Laburista dwar l-ekonomja hija totalment differenti minn dik tal-PN. Huwa propizju li nsaqsu lill-Oppożizzjoni jikkunsidrawx bħala ħela l-miljuni kbar ta' ewro li ntefqu fil-wage supplements, fis-servizzi kollha tas-saħħa li ngħataw matul il-pandemija, fix-xiri tal-apparat mediku u l-eluf ta' dożi tal-vaċċin, fis-sussidju fuq il-kontijiet tad-dawl u l-ilma tan-negozji u l-kumpaniji.

Min-naħa l-oħra għandna wkoll prova oħra dwar kemm l-Oppożizzjoni kienet timxi mod ieħor f'ċirkustanzi bħal dawn li għaddejna minnhom. Fil-kriżi finanzjarja li ħakmet lid-dinja fis-snin bejn l-2009 u l-2012, Gvern Nazzjonalista ta' dakinhar mexxa l-ekonomija ta' pajjiżna b'politika ta' awsterità fejn naqqas l-infiq u żied il-piż tat-taxxi fuq kulħadd, b'żidiet enormi fil-kontijiet tad-dawl u l-ilma fost affarijiet oħra.

Mill-banda l-oħra għandna fit-tmexxija Gvern progressiv li ffaċjat b'inkwiet ekonomiku dinji jagħżel li jinvesti fin-nies Mhux ta' b'xejn li istituzzjonijiet finanzjarji ewlenin fosthom il-Kummissjoni Ewropea u l-Fond Monetarju Internazzjonali qegħdin ibassru li se jkollna fost l-akbar tkabbir ekonomiku fl-UE kollha.

Id-diskors tal-Prim Ministru fil-Parlament nhar it-Tlieta li għadda fisser dan kollu u bih irnexxielu mhux biss jispjega l-viżjoni ekonomika tal-pajjiż għas-snin li ġejjin iżda wkoll iwassal messaġġ ta' tama u għaqda. Id-diskors kien wieħed mill-aktar pożittiv li jimla lil kulħadd bil-kuraġġ bil-messaġġ li flimkien bħala Tim Malta ha nkomplu negħlbu l-isfidi li għandna quddiemna u nkomplu nibnu flimkien dik Malta li rridu għal uliedna.


## >>PROPRJETÀ

**GĦALL-BEJGĦ**
Villa High Ridge il-Madliena. Għall-aktar informazzjoni ċemplu 77169775.

**GĦAWDEX IL-QALA**
Farmhouse lesta, bl-għamara u eċċelenti. Bi 3 tas-sodda, ensuite, pool u garage. Ċemplu 99824024.

**BALZAN**
Appartament ġdid u kbir fuq triq Birbal 178sqm. Jinbiegħ bil lest. 3 kmamar ta sodda, 2 kmamar tal-banju. Garaxx apparti. air conditioners u għamara. Inkluż lift. Ċemplu 79440132
.

**PIETA**
Triq San Ġużepp, Penthouse ġdid u lest min kollox. 2 kmamar ta sodda. lift, kċina ġdida bil fridge, cooker, washing machine, air conditioners, terazzin kbir, prezz €288,000. Ċemplu lis-sid 79440132.

**PIETA**
appartamenti ġodda b'3 kmamar tas-sodda, jinbiegħu bil lest, b'2 kmamar tal-banju kċna lesta bil cupboards u appliancies, air conditioners, bibien, lift, prezz €198,000. Ċemplu 79440132.

**BUĠIBBA**
ħdejn il-baħar terran kbir u lest minn kollox, 3 kmamar tas-sodda, 2 kmamar tal-banju, sallot, kċina u garaxx. Bitħa, veduti tal-baħar u bl'użu tal bejt. Ċemplu 79440132 jew 99509048.

## >>PROPRJETÀ KIRI

**MOSTA**
Maisonette semi-basement bil-parapett. 2 kmamar tas-sodda, salott, kamra ta' l-ikel, kċina u shower room. €500 fix-xahar.
Ċemplu 79420690.

## >>PROPRJETÀ NIXTRI

**NIXTRU DJAR**
artijiet u artijiet tajbin għall-iżvilupp. Jekk int interessat tbiegħ ċempilli fuq 77761944.

## >>KAROZZI

**NIXTRI KAROZZI**
vannijiet, dgħajjes u karavans, kull kundizzjoni bi prezzijiet raġonevoli. Ħlas fil-pront. . Ċemplu 99996968.

**NIXTRI MAZDA 323**
Tas-sena 1990 SEDAN B'4 bibien AWTOMATIK. Ċemplu 99291488.

## >>PRIVAT

**PRIVAT TAL-MALTI**
Avvanzat/Intermediate/ O'level taħt il-gwida ta' għalliem kwalifikat u bl-esperjenza. Ċemplu 21472561/99891548.

## >>NIXTRI

**NIXTRI ALBUMS**
tal-Panini u stickers, pokemon Cards, kartolini antiki u envelopes ippustati, midalji, militaria, muniti u karti tal-flus antiki, kotba, ritratti antiki, dokumenti, passaporti antiki, santi antiki, ġugarelli tal-landa, badges, pitturi, deheb u fidda etc… Ċempel 21310238, 99246632

## >>XOGĦLIJIET

**VINMAR WORKS**
għall-kull xogħol ta' tikħil, żebgħa tal-ħajt, kisi u gypsum boards. Inpoġġu madum inkluż tal-pools, tibdil fil-bini, membrane u iktar xogħol.Ċemplu 99822211 jew 77792267.

## >>JINĦTIEĠU

Kevin Azzopardi (78078(m). Jinħtieġu benneja u ħaddiema li jarmaw shutters, helpers, xuffier/a, ta' Tower Crane fuq sit ta kostruzzjoni. Pagi u kundizzjonijiet tajbin. Ċemplu 99803542.

## >>TISWIJIET

**TISWIJIET FIL-PRONT/ FUQ IL-POST, KULL DITTA TA' FRIDGES/ FREEZERS, WASHING MACHINES/TUMBLEDRYER/ MICROWAVES/OVENS/HOBS**
Servizz il-ġurnata kollha, b'26 sena esperjenza. Ċemplu 99828875,21445020, 21462910 .

**TISWIJIET FIL-PRONT FUQ IL-POST**
ta' washing machines u fridges, freezers, tumbledryers u dehumidifiers. 6 xhur garanzija fuq ix-xogħol u l-ispare parts, bl-irħas prezzijiet. Ċemplu 21493285, 21371559, 79884497, 99472570. SERVIZZ FIL-PRONT.

# GVERN RESPONSABBLI



minn **CLINT CAMILLERI**
Ministru għal Għawdex



Matul din il-ġimgħa, fil-Parlament, assistejna għal żewġ diskorsi: fuq naħa segwejna diskors viżjonarju u responsabbli tal-Prim Ministru Robert Abela filwaqt li fuq in-naħa l-oħra smajna pataflun ta' wegħdi fiergħa mill-Kap tal-Oppożizzjoni bil-għan li jiġbed l-attenzjoni. Fil-veru sens tal-kelma, il-Kap tal-Oppożizzjoni għamel a vote catching exercise – fejn wiegħed kollox lil kulħadd.

Kull min analizza b'mod kostruttiv id-diskors tal-Baġit li ppreżenta l-kollega Ministru għall-Finanzi, jagħraf li dan hu Baġit soċjali b'saħħtu ħafna u mfassal b'responsabilità kbira. Baġit imsejjes min-nies għan-nies b'ruħ soċjali u fejn l-ambjent ingħata prijorità għax kif qal il-Prim Ministru stess, l-ambjent naturali jilgħab parti integrali mill-kwalità tal-ħajja tagħna.

Il-Baġit ta' din il-ġimgħa kien wieħed li bl-aktar mod ċar wieżen l-aktar lill-pensjonanti u dawk bi dħul baxx, kif wara kollox Baġit b'ruħ soċjali għandu jkun.

Fil-Baġit ġew imsaħħa miżuri eżistenti filwaqt li ġew introdotti oħrajn li żgur ser iħallu impatt fuq dawk l-aktar fil-bżonn. Rajna ż-żieda fil-pensjoni għall-pensjonanti kollha u anke ż-żieda fil-pensjonijiet għar-romol, żieda fl-għotja lil dawk li jieħdu ħsieb anzjani fi djarhom, żieda fl-għajnuna supplimentari, żieda fl-għotja lil dawk l-anzjani li ma ħallsux biżżejjed bolla u anke mediċini b'xejn lil dawk kollha ta' 80 sena u aktar. Dawn huma lkoll miżuri li jwieżnu lill-aktar sezzjoni vulnerabbli tas-soċjetà, l-anzjani.

Ma nistax ninsa l-lista twila ta' mediċini li se jibdew jingħataw mingħajr ħlas, fosthom għal dawk li għandhom il-kundizzjoni tal-Fibromyalgia. Dawn huma mediċini li jiswew il-mijiet fis-sena u għaldaqstant, żgur li din l-għajnuna ser ittaffi mhux ftit it-tbatija finanzjarja li jesperjenzaw nies li jbatu min din il-kundizzjoni.

Apparti l-miżuri soċjali, dan il-Gvern ma nesiex l-ekonomija bil-għan li din terġa' tiġġenera u naqbdu r-ritmu li konna drajna bih qabel il-pandemija. Fil-Baġit, huma bosta l-miżuri fiskali li qed jipproponi l-Gvern Laburista li għandom l-għan ċar li jiġġeneraw aktar flus fil-but u allura jdawru aktar r-rota ekonomika tal-pajjiż.

Kull min hu ta' rieda tajba jistqarr li kollox ma' kollox dan kien Baġit pożittiv, li jwieżen l-aktar lil min l-aktar jeħtieġ. Baġit b'viżjoni ċara u fattibbli għall-futur ta' pajjiżna u mhux Baġit sproporzjonat li jwiegħed l-ilma jiżfen meta fir-realtà nafu li dak li l-Oppożizzjoni kienet twiegħed meta kienet fdata bit-tmexxija ta' pajjiżna sar totalment bl-oppost.

Mhux ta' b'xejn li l-imsieħba soċjali, fil-maġġoranza tagħhom, laqgħu dan il-Baġit b'sodisfazzjon.

Il-passjoni tal-Insib

Il-Gvern, wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat Ornis, qiegħed iħabbar il-ftuħ tal-istaġun għall-insib tal-Malvizz mill-20 ta' Ottubru 2021 sal-31 ta' Diċembru 2021 u għall-Pluviera mill-1 ta' Novembru 2021 sal-10 ta' Jannar 2022 bi kwota nazzjonali ta' 5,000 malvizz u 700 pluviera.

Ħdimna bis-sħiħ bla ħafna daqq ta' trombi biex dan id-delizzju jibqa' jkun ipprattikat anke f'pajjiżna. Tkellimna mal-Kummissjoni Ewropea kemm-il darba fuq diversi derogi li pajjiżna applika fil-passat kif ukoll ressaqna l-argumenti tagħna għat-triq 'il quddiem.

Nappella lil kulħadd sabiex josserva u jimxi mal-liġi biex dak li rnexxielna niksbu, inħarsuh.

Inrodd ħajr lill-ħaddiema kollha tad-Wild Birds Regulation Unit tax-xogħol bla waqfien u lit-tim kollu li ħadem u stinka biex ilħaqna dan il-għan tul dawn l-aħħar ġimgħat.

## Novena

**Tkun imfaħħra, imbierka u meqjuma l-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù u l-Qalb bla tebgħa ta' Marija mad-dinja kollha issa u dejjem, Amen.**

*Għid din it-talba sitt darbiet kuljum u għaldisat ijiem. It-talba tiegħek tkun maqlugħa anke jekk tkun diffiċli ħafna - L.A.*



**KAMPJONAT EWROPEW NISA UNDER-19 –LEAGUE B GRUPP 4**

# Il-Maltin isofru t-tieni telfa

Rumanija.................................5
Malta........................................2

It-team nazzjonali Malti tan-nisa li qed jieħu sehem fil-logħob ta' kwalifikazzjoni tal-Kampjonat Ewropew ta' Taħt id-19-il Sena, il-bieraħ sofra t-tieni telfa meta fis-Centrenary Stadium ġie megħlub bl-iskor kbir ta' 5-2 wara li fl-ewwel taqsima l-iskor kien 3-1. Dan wara li fl-ewwel logħba Malta tilfet kontra Iżrael bl-iskor ta' 1-0.

L-avversarji tagħna għamlu ħafna ħin fuq l-attakk tant li kellhom xejn inqas minn 21 tentattiv lejn il-lasti li minnhom 11 kienu fil-mira waqt li l-Maltin kellhom disa' xuttijiet bi tlieta minnhom ikunu fil-mira.

Intant r-Rumeni mill-ewwel ħarġu jfittxu l-goal u dan irnexxielhom meta fil-5 minuta kienet SONIA MARIA BUMBAR li poġġiethom fil-vantaġġ.

Imbagħad fl-14-il minuta CRISTINA BOTOJEL għamlithom 2-0 meta skorjat minn penalty wara li Tammy Falzon ikkommettiet foul fuq Roxena Mircea.

L-iskor sar 3-0 fit-32 minuta meta minn free-kick ta' Dumbardin kienet IOANA BALACEANU li għelbet lill-goalkeeper D'Antuono.

Iżda eżatt mal-45 minuta l-Maltin naqqsu l-marġni minn KAILEY WILLIS.

Fit-tieni taqsima r-Rumeni komplew ikunu superjuri meta f'temp ta' minuta skorjaw żewġ goals oħra minn ADINA CRISTINA BORODI fil-51 minuta u minn ELENA FRINCU minuta wara.

Minkejja li l-logħba kienet mirbuħa u mitlufa kienet IZABELLA CAMILLERI li wara li daħlet tilgħab fil-81 minuta hija naqqset d-distakk fis-86 minuta u mad-90 minuta anke ġiet murija l-karta s-safra.

Il-Maltin lagħbu hekk:

12-Guilia D'Antuono; 11-Martina Fenech; 13-Alexandra Gatt; 4-Tammy Falzon; 15-Rhea Borg; 22-Veronique Mifsud; 10-Maya Lucia (6-Michaela Cachia 54); 16-Ileana Farrugia (2-Izabella Camilleri 81); 18-Yulja Carela; 9-Kailey Willis; 19-Mariah Cardona (20-Martina Cortis 54).

*Referee:* Viki De Cremer (Belġju).

*Asst Referees*: Irmgard Van Meirvenne (Belġju), Koleta Prenga (Albanija).

*Raba' Uffiċjal*: Emanuela Rusta (Albanija).

*Skorers*: S.M. Bumbar 5, C. Botojel 14 pen, I. Balaceanu 32, A.C. Borodi 51, E. Frincu 52 (R); K. Willis 45, I. Camilleri 86 (M).

*Ammoniti*: V. Mifsud, I. Camilleri (M); F.C. Iancu (R).

Fil-logħba l-oħra millistess Grupp 4 ta' League B, Iżrael u Georgia spiċċaw draw ta' 1-1.

**JINGĦATA BIDU GĦALL-MIDDLE SEA RACE** - It-42 edizzjoni tar-Rolex Middle Sea Race bdiet il-bieraħ fuq nota spettakolari bil-114-il jott bdew għaż-żiffa friska ta' 10-12-il knots fil-konfini tal-Port il-Kbir u komplew għal 15-il knots meta għaddew minn ħdejn il-breakwater.

Mill-iżgħar sal-ikbar, mill-inqas veloċi għal dawk veloċi, kienet dehra mill-isbaħ bis-swar tal-madwar ikomplu jipprovdu dehra spettatolari hekk kif il-kanun issenjala l-bidu tat-tellieqa twila madwar 606 mili nawtiku. L-aħħar żewġ tlielaq ġew mirbuħa mill-aħwa Podesta' fuq Elusive 2.

**UK SENIORS CHAMPIONSHIP**

# Tony Drago kontra Jimmy White

Il-poloz tal-Aħħar 16 tat-tournament UK Seniors Championship 2022 li se jirritorna f'Jannar, huma magħrufa.

Dan se jirritorna fil-Bonus Arena, Hull, mill-4 sas-7 ta' Jannar, bit-tournament jinkludi ismijiet stilel fosthom iċ-champion tad-dinja seba' darbiet, Stephen Hendry, Jimmy White rebbieħ ta' 10 tournaments ranking, iċ-champion tal-UK Championship 2018, Ken Doherty, u ċ-champion renjanti Michael Judge, li se jikkontestaw għat-titlu prestiġġjuż.

Magħhom hemm ukoll il-player veteran Malti, Tony Drago, li wieħed jieħu pjaċir jarah lura fil-logħba wara assenza ta' bosta snin, waqt li hemm ukoll ismijiet popolari tal-passat bħal Cliff Thornburn, John Parrott u Joe Johnson.

Il-poloz irriżultaw hekk:

Michael Judge v Peter Lines; Cliff Thorburn v Kuldesh Johal; Stephen Hendry v Barry Pinches; Ken Doherty v Lee Walker; Jimmy White v Tony Drago; John Parrott v Wayne Cooper; Joe Johnson v Rod Lawler; David Lilley v Philip Williams

**147 MINN UN-NOOH** – Il-player mit-Tajlandja, Thepchaiya Un-Nooh, għamel it-tielet break massimu tal-karriera tiegħu fil-logħba kontra ċ-Ċiniż Fan Zhengyi, iżda kien dan li rebaħ il-logħba 5-3 mill-kwalifikazzjoni tal-German Open. Iż-żewġ 147s l-oħra ta' Un Nooh saru fil-Paul Hunter Classic 2016 u fl-English Open 2018. Dan kien il-ħames wieħed li sar dan l-istaġun u l-171 fl-istorja tas-snooker

caures
For Your Hearing Solutions
Head Office:
85, Luqa Road, Tarxien
27893007 / 77893007
TISWIJA FUQ KULL TIP TA' HEARING AID
SMS / CALL 79893007
Fl-Ispiżeriji li jattendi: Gozo 21556170
Balzan 21441035 | Gudja 21676294
info@caureshearing.com | www.caureshearing.com



## Bayern M. jibqgħu fl-ewwel pożizzjoni

Wara s-suċċess tagħhom fil-UEFA Champions League meta barra minn darhom għelbu lil Benfica 5-0, il-bieraħ Bayern għelbu lil Hoffenheim 4-0 biex baqgħu fl-ewwel post tal-Bundesliga bil-goals jaslu minn Gnabry (16), Lewandowski (30), Choupo-Moting (82) u Coman (87)

**RIŻULTATI U PROGRAMM**

Arminia B. v Borussia D .........1-3
Bayern M. v Hoffenheim ........4-0
Leipzig v Greuther..................4-1
Wolfsburg v Freiburg ..............0-2
Hertha B. v Borussia M. ..........1-0
Mainz v Augsburg ..................4-1
Cologne v Leverkusen......(illum)
Stuttgart v Union B. ..........(illum)
Bochum v Eintracht F........(illum)

*Ta' Fuq*: 22 - Bayern M.; 21 - Borussia D.; 19 - Freiburg; 16 - Bayer Leverkusen; 15 - Union Berlin; 14 - Leipzig; 13 - Mainz, Wolfsburg; 12 - Cologne

**SERIE A**

# Rebħa impressjonanti minn Empoli

Fil-Kampjonat Taljan, Empoli rreġistraw rebħa mill-aktar impressjonanti u fl-istess waqt importanti meta marru għand Salernitanta u rebħulhom bl-iskor ta' 4-2 biex telgħu f'nofs il-klassifika, filwaqt li Salernitana baqgħu fil-qiegħ.

Sa tmiem l-ewwel taqsima il-partita kienet mirbuħa u mitlufa meta Empoli fetħu vantaġġ ta' erba' goals permezz ta' doppjetta ta' Andrea Pianmonti (2, 45 pen), Patrick Cutrone (11) u auto-goal ta' Stefan Strandberg (45).

Salernitana rrispondew minn Luca Ranieri (48) u auto-goal ta' Ardian Ismajli (55).

**Sassuolo v Venezia** – Sassuolo dawru telfa f'rebħa biex għelbu lil Venezia bl-iskor ta' 3-1, bil-goals jiġu skorjati minn Domenico Berardi (37), auto-goal ta' Thomas Henry (50) u Davide Frattesi (67) wara li David Okereke (32) fetaħ l-iskor għall-viżitaturi.

**Torino v Genoa** – Fil-partita li ntlagħbet nhar il-Ġimgħa filgħaxija, Torino għelbu lil Genoa bl-iskor ta' 3-2 biex inqalgħu min-naħa t'isfel tal-klassifika.

Il-goals tagħhom ġew skorjati minn Antonio Sanabria (14), Tommaso Pobega (31) u Josip Brekalo (77) filwaqt li Mattia Destro (70) u Felipe Caicedo (80) wieġbu għall- viżitaturi.

**Sampdoria v Spezia** – Anke Sampdoria rreġistraw rebħa mill-aktar importanti meta għelbu lil Spezia bl-iskor ta' 2-1 biex telgħu 'l fuq miż-żona l-ħamra.

Huma fetħu vantaġġ ta' żewġ goals minn auto-goal ta' Emmanuel Gyasi (15) u Antonio Candreva (36) filwaqt li Spezia naqqsu d-distakk minn Daniele Verde (92).

**RIŻULTAT U PROGRAMM**

Salernitana v Empoli ..............2-4
Sassuolo v Venezia..................3-1
Torino v Genoa .........................3-2
Sampdoria v Spezia .................2-1
Bologna v Milan ................. (tard)
Illum
Atalanta v Udinese............... 12.30
Fiorentina v Cagliari............. 3.00
Verona v Lazio ....................... 3.00
Roma v Napoli ....................... 6.00
Inter v Juventus ..................... 8.45
Juventus v Roma .................... 8.45

**KIF JINSABU**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Napoli | 8 | 8 | 0 | 0 | 19 | 3 | 24 |
| Milan | 8 | 7 | 1 | 0 | 18 | 7 | 22 |
| Inter | 8 | 5 | 2 | 1 | 23 | 11 | 17 |
| Roma | 8 | 5 | 0 | 3 | 16 | 9 | 15 |
| Lazio | 8 | 4 | 2 | 2 | 18 | 13 | 14 |
| Atalanta | 8 | 4 | 2 | 2 | 14 | 10 | 14 |
| Juventus | 8 | 4 | 2 | 2 | 12 | 10 | 14 |
| Fiorentina | 8 | 4 | 0 | 4 | 10 | 12 | 12 |
| Bologna | 8 | 3 | 3 | 2 | 13 | 15 | 12 |
| Empoli | 9 | 4 | 0 | 5 | 14 | 18 | 12 |
| Torino | 9 | 3 | 2 | 4 | 12 | 10 | 11 |
| Sassuolo | 9 | 3 | 2 | 4 | 12 | 12 | 11 |
| Udinese | 8 | 2 | 3 | 3 | 10 | 12 | 9 |
| Sampdoria | 9 | 2 | 3 | 4 | 13 | 17 | 9 |
| Verona | 8 | 2 | 2 | 4 | 17 | 17 | 8 |
| Venezia | 9 | 2 | 2 | 5 | 7 | 15 | 8 |
| Spezia | 9 | 2 | 1 | 6 | 11 | 22 | 7 |
| Cagliari | 8 | 1 | 3 | 4 | 11 | 17 | 6 |
| Genoa | 9 | 1 | 3 | 5 | 14 | 21 | 6 |
| Salernitana | 9 | 1 | 1 | 7 | 8 | 21 | 4 |



**PREMIER LEAGUE**

Chelsea v Norwich ..................7-0
C. Palace v Newcastle .............1-1
Everton v Watford ...................2-5
Leeds v Wolves ........................1-1
Southampton v Burnley .........2-2
Brighton v Man City ...............1-4
Arsenal v Aston Villa ........... *3-1
*Lagħbu l-Ġimgħa*
Illum
Brentford v Leicester ............ 3.00
West Ham v Tottenham ........ 3.00
Man U. v Liverpool ............... 5.30
**Kollha diretti fuq Go/Melita*

**CHAMPIONSHIP**

Cardiff v Middlesbrough........0-2
Birmingham v Swansea .........2-1
Blackburn v Reading .............2-0
Blackpool v Preston ................2-0
Bourn'mth v Huddersfield ....3-0
Coventry v Derby ...................1-1
Luton v Hull ............................1-0
Millwall v Stoke ......................2-1
Peterborough v QPR ...............2-1
WBA v Bristol C. ......................3-0
Barnsley v Sheffield U. ....(illum)
Nottm F. v Fulham ...........(illum)

**LEAGUE ONE**

Accrington v Portsmouth .......2-2
Bolton v Gillingham ...............2-2
Burton v Oxford U. .................1-3
Doncaster v Cheltenham .......3-2
Ipswich v Fleetwood ...............2-1
MK Dons v Rotherham ..........0-3
Morecambe v Plymouth .........1-1
Sheffield W. v Lincoln ............1-1
Shrewsbury v Cambridge ......4-1
Sunderland v Charlton ...........0-1
Wimbledon v Wigan ...............0-2
Wycombe v Crewe ..................2-1

**LEAGUE TWO**

Bristol R. v Newport................1-3
Carlisle v Oldham ....................0-0
Exeter v Mansfield ..................2-1
Forest Green v Salford C. ......3-1
Hartlepool v Harrogate ..........3-2
Port Vale v Colchester ............3-0
Rochdale v Sutton U. ..............3-2
Scunthorpe v Crawley ............2-1
Stevenage v Leyton O. ............0-0
Swindon v Bradford ................1-3
Tranmere v Northampton ......0-2
Walsall v Barrow ......................2-2

**FOOTBALL SKOĊĊIŻ PREMIERSHIP**

Aberdeen v Hibernian ............1-0
Celtic v St Johnstone ...............2-0
Dundee U. v Motherwell........2-1
Hearts v Dundee .....................1-1
Ross C. v Livingston ...............2-3
St Mirren v Rangers .........(illum)

**CHAMPIONSHIP**

Arbroath v Ayr ........................1-1
Kilmarnock v Hamilton .........2-1
Partick v Dunfermline ............0-0
Queen of S. v Morton .............0-0
Raith v Inverness ....................1-1

**LEAGUE ONE**

Airdrie v Dumbarton .............3-2
Cove R. v Clyde .......................3-0
Montrose v East Fife ...............4-1
Peterhead v Falkirk .................0-0
Queen's Park v Alloa........(illum)

## PREMIER LEAGUE INGLIŻ

# CHELSEA JSAĦĦU L-EWWEL POST B'GOLEADA FUQ NORWICH

Chelsea saħħew posthom fil-quċċata tal-Premier League meta għelbu lil Norwich bl-iskor kbir ta' 7-0.

**Chelsea v Norwich** – B'dominanza assoluta Chelsea umiljaw lil Norwich 7-0 biex kabbru l-vantaġġ f'ras il-klassifika.

L-iskorers kienu Mason Mount (7, 85 pen, 92), Callum Hudson-Odoi (18), Reece James (42), Ben Chilwell (57) u Maximillian Aarons (62 o.g.). Norwich kellhom lil Ben Gibson (62) imkeċċi.

**C. Palace v Newcastle** – Crystal Palace u Newcastle spiċċaw fi draw ta' 1-1. Christian Benteke (56) fetaħ l-iskor għall-Palace iżda Callum Wilson (65) kiseb id-draw għall-Magpies.

**Everton v Watford** – Barra minn darhom Watford rebħu lil Everton 5-2, bl-iskorers ikunu Joshua King (13, 80, 86), Juraj Kucka (78) u Emanuel Bonaventura (92) filwaqt li Tom Davies (3) u Richarlison (63) skorjaw għat-Toffees.

**Leeds v Wolves** – Penalty ta' Rodrigo Moreno (94) salva r-riżultat għal Leeds fi draw ta' 1-1 kontra Wolves li fetħu l-iskor minn Hee-Chan Hwang (10).

**Southampton v Burnley** – Southampton u Burnley qasmu erba' goals fejn Maxwel Cornet (13, 57) skorja għal Burnley filwaqt li Valentino Livramento (41) Armando Broja (50) wieġbu għas-Saints.

**Brighton v Man City** – Manchester City rebħu lil Brighton 4-1 b'goals minn Ilkay Gundogan (13), Phil Foden (28, 31) u Riyad Mahrez (94). Għal Brighton skorja Alexis MacAllister (81 pen).

**Arsenal v Aston Villa** – Arsenal għelbu lil Aston Villa bl-iskor ta' 3-1. Il-goals waslu minn Thoma Partey (23), Pierre Emerick Aubameyang (45) mir-rebound tal-penalty tiegħu stess u Emile Smith-Rowe (56). Jacob Ramsey (82) wieġeb għall-Villans.

**KIF JINSABU**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Chelsea | 9 | 7 | 1 | 1 | 23 | 3 | 22 |
| Man City | 9 | 6 | 2 | 1 | 20 | 4 | 20 |
| Liverpool | 8 | 5 | 3 | 0 | 22 | 6 | 18 |
| Brighton | 9 | 4 | 3 | 2 | 9 | 9 | 15 |
| Tottenham | 8 | 5 | 0 | 3 | 9 | 12 | 15 |
| Man Utd | 8 | 4 | 2 | 2 | 16 | 10 | 14 |
| West Ham | 8 | 4 | 2 | 2 | 15 | 10 | 14 |
| Everton | 9 | 4 | 2 | 3 | 15 | 14 | 14 |
| Arsenal | 9 | 4 | 2 | 3 | 10 | 13 | 14 |
| Wolves | 9 | 4 | 1 | 4 | 9 | 9 | 13 |
| Brentford | 8 | 3 | 3 | 2 | 10 | 7 | 12 |
| Leicester | 8 | 3 | 2 | 3 | 13 | 14 | 11 |
| Aston Villa | 9 | 3 | 1 | 5 | 13 | 15 | 10 |
| Watford | 9 | 3 | 1 | 5 | 12 | 17 | 10 |
| C. Palace | 9 | 1 | 6 | 2 | 11 | 14 | 9 |
| Southampton | 9 | 1 | 5 | 3 | 8 | 12 | 8 |
| Leeds | 9 | 1 | 4 | 4 | 8 | 16 | 7 |
| Burnley | 9 | 0 | 4 | 5 | 7 | 15 | 4 |
| Newcastle | 9 | 0 | 4 | 5 | 11 | 20 | 4 |
| Norwich | 9 | 0 | 2 | 7 | 2 | 23 | 2 |



Mason Mount bil-ballun wara li skorja hat-trick għal Chelsea kontra Norwich


**POSTIJIET TA' AVUKAT**
**FL-UFFIĊĊJU TAL-AVUKAT ĠENERALI**
(Jobsplus Vacancy No. 369626, Permit No. 273/2021)

L-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali qiegħed jilqa' applikazzjonijiet għal grad ta' Avukat biex iwettaq dmirijiet ta' prosekuzzjoni u dmirijiet oħra relatati.

L-applikanti magħżula jkunu fuq kuntratt għal żmien indefinit, soġġett għal perijodu ta' prova, u jkunu mistennija jaħdmu mhux inqas minn erbgħin siegħa fil-ġimgħa.

L-applikanti irid ikollhom warrant biex jipprattikaw il-professjoni ta' avukat u mill-inqas, sena esperjenza fil-prattika tal-professjoni wara li jkunu ingħataw il-warrant.

**POSTIJIET TA' TRAINEE LAWYER**
**FL-UFFIĊĊJU TAL-AVUKAT ĠENERALI**
(Jobsplus Vacancy No. 376134, Permit Nos. 689/2021)

L-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali qiegħed jilqa' applikazzjonijiet għal grad ta' Trainee Lawyer biex iwettaq dmirijiet ta' prosekuzzjoni u dmirijiet oħra relatati.

L-applikanti magħżula jkunu fuq kuntratt għal żmien indefinit, soġġett għal perijodu ta' prova, u jkunu mistennija jaħdmu mhux inqas minn erbgħin siegħa fil-ġimgħa.

L-applikanti irid ikollhom warrant biex jipprattikaw il-professjoni ta' avukat.

*L-Applikazzjonijiet, irrid jkollom in-numru ta' referenza tal-Jobsplus relevanti u għandhom jinkludu Curriculum Vitae dettaljat u għandhom jintbagħtu lil;*

*Amministrazzjoni*
*Uffiċċju ta' l-Avukat Ġenerali*
*Nru. 53, Dar l-Ammiraljat, Triq Nofsinhar, Valletta VLT 1101*
*jew ibgħat email lill ag@attorneygeneral.mt*

*Sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa 5 ta' Novembru 2021 fis-13:00 hrs.*

# EVRA JIPPUBBLIKA KTIEB WARA LI KIEN ABBUŻAT SESSWALMENT

L-ex difensur ta' Manchester United u Franza, Patrice Evra *(ritratt)*, 40 sena, jgħid li kien abbużat sesswalment minn għalliem tal-iskola meta kien adoloxxenti, meta tkellem fil-miftuħ f'intervista mal-ġurnal *The Times* qabel ħareġ il-ktieb il-ġdid tiegħu.



"Meta għamilt il-ktieb għall-ewwel darba, ma għidtx l-istorja kollha għax kont għadni mistħi u mbeżża' dwar x'se jaħsbu n-nies," qal Evra.

"Issa rrid ngħidha għax ma rridx li t-tfal ikunu fis-sitwazzjoni tiegħi u huma mistħija bihom infushom, jaħsbu li mhumiex kuraġġużi għax mhux li jkunu kuraġġużi, iżda huwa li jkunu lesti mentalment biex jitkellmu dwarha.

"Għalhekk irrid niżgura li t-tfal hemm barra jkollhom il-kuraġġ u ma jagħtux tort lilhom infushom, għax jien dejjem waħħalt fija nnifsi.

"M'inix niddejjaq ngħid li ħassejtni 'ħati' għal ħafna snin għax qatt ma tkellimt. Kienet xi ħaġa tqila f'sidri. Iżda ma nagħmilhiex għalija, nagħmilha għal tfal oħra."

Evra, li trabba f'Les Ulis qrib Pariġi, jgħid li l-abbuż seħħ fid-dar tal-għalliem, fejn baqa' biex inaqqas il-ħin tal-vjaġġ bejn daru u l-iskola.

Huwa qal lil ommu ġimgħatejn ilu, u jgħid li sfida t-talbiet tagħha biex ma jiddiskutix dak li ġara fil-ktieb tiegħu.

"Issa meta għandi 40 sena għidtilha," huwa qal. "Kien xokk kbir għaliha. Rabja kbira. Qalet li jiddispjaċiha. Hija qaltlu, 'M'għandekx tpoġġih fil-ktieb tiegħek, hija xi ħaġa privata Patrice'.

"Iżda dan huwa meta ngħid, 'Ma, mhux dwari, iżda huwa dwar tfal oħra', imbagħad hija qaltli OK, hija tifhem."

Evra, li rebaħ ħames titli tal-Premier League matul tmien snin f'Old Trafford, jgħid li ċaħad l-abbuż meta rċieva sejħa mill-pulizija dwar dan waqt li kien qed jilgħab ma' Monaco meta kellu 24 sena.

"Li ngħix b'dan kien wieħed mill-akbar dispjaċiri tiegħi għax stajt għent ħafna nies," huwa żied jgħid.

# Salah irid jibqa' ma' Liverpool

L-attakkant tal-Eġittu, Mohamed Salah *(ritratt)*, jgħid li jrid iqatta' l-kumplament tal-karriera tiegħu ma' Liverpool. Il-ftehim attwali tiegħu f'Anfield jispiċċa fi tmiem l-istaġun li ġej.

Salah, 29 sena, skorja 137 goal f'214-il logħba għar-Reds minn meta ngħaqad magħhom fl-2017 mingħand Roma għas-somma ta' £34 miljun, inklużi 12-il goal dan l-istaġun.

"Ma jiddependix minni, iżda jekk niġi mistoqsi nixtieqx nibqa' sal-aħħar ġurnata tal-karriera tiegħi, mhux f'idejja, jiddependi minn dak li jrid il-club," qal Salah lil *Sky Sports*.

Huwa żied jgħid: "Fil-mument ma nistax nara lili nnifsi qatt nilgħab kontra Liverpool. Huwa diffiċli, ma rridx nitkellem dwarha, iżda nkun tassew imdejjaq."

Salah beda l-karriera tiegħu ma' Al Mokawloon f'art twelidu u kellu perjodi f'Basel, Chelsea, Fiorentina u Roma qabel ma ngħaqad mar-Reds.

Illum Liverpool imorru f'Old Trafford biex jiltaqgħu kontra Manchester United fil-Premier League b'Salah ifittex li jiskorja fl-10 logħba konsekuttiva.




**ISIR IL-FUNERAL TA' JIMMY GREAVES** – Nhar il-Ġimgħa sar il-funeral tal-ex attakkant ta' Chelsea, Milan, Tottenham u West Ham, Jimmy Greaves, li miet ix-xahar li għadda fl-età ta' 81 sena. Martu u l-erba' uliedu kienu akkumpanjati minn ex-players li lagħbu miegħu fosthom Harry Redknapp, Ossie Ardiles, Clive Allen, Micky Hazard, Graham Roberts, Cliff Jones, Pat Jennings u Steve Perryman.

## >> FIL-QOSOR

**ANTONIO CONTE u PAULO FONSECA** – L-ex coach ta' Juventus, Chelsea u Inter, Antonio Conte, ikun "interessat" li jieħu f'idejh lil Manchester United fil-każ li l-club ikeċċi lil Ole Gunnar Solskjaer jekk it-team jgħaddi minn sensiela negattiva. Sadanittant, Paulo Fonseca jinsab lest li jidħol fil-kariga waqt li huwa mifhum li Frank Lampard mhux se jkun fit-taqtiegħa.

**TAZZA TAD-DINJA BIENNALI** – Il-kapijiet ta' Hampden Park se jiltaqgħu l-ġimgħa d-dieħla hekk kif se jżidu l-isforzi tagħhom biex jopponu lill-President tal-FIFA, Gianni Infantino, u l-offerta kontroversjali tiegħu biex jintroduċi t-Tazza tad-Dinja biennali.

**ALEXIS SANCHEZ** – Everton qed iħejju biex jagħmlu pass għall-attakkant ta' Inter u ċ-Ċilì, Alexis Sanchez, 32 sena, bl-ex attakkant ta' Arsenal u Manchester United ikun liberu li jħalli liċ-champions Taljani f'Jannar.

**PLAYER MISRUQ** – Stilla tal-Premier League u l-mara tiegħu mwerwra kienu rappurtati li ġew marbuta minn kriminali b'wiċċhom mgħammad iġorru mannari f'serqa tal-biża' fid-dar tagħhom.

**CRISTIANO RONALDO** – L-attakkant ta' Manchester United, Cristiano Ronaldo, ta lil sħabu ssummati t-trattament tal-*hairdryer* wara li sal-mistrieħ marru 2-0 minn taħt kontra Atalanta. Min-naħa l-oħra Bruno Fernandes qal lil Ole Gunnar Solskjaer biex ibiddel it-tattiċi tiegħu wara l-wirja orribbli li kellu t-team fl-istess logħba.

**DONNY VAN DE BEEK** – Il-midfielder ta' Manchester United u l-Olanda, Donny van de Beek, 24 sena, talab lill-aġent tiegħu biex jiżguralu trasferiment għal ma' Real Madrid. Fil-fatt f'Jannar il-United iridu jagħmlu tindifa fl-iskwadra b'Van de Beek u Anthony Martial fil-quċċata tal-players li jistgħu jkunu fi triqithom barra minn Old Trafford.

**SAUL NIGUEZ** – Chelsea mhux se jeżerċitaw l-għażla ta' £34 miljun biex jiffirmaw lill-midfielder ta' 26 sena ta' Atletico Madrid, Saul Niguez, fuq bażi permanenti. L-internazzjonali ta' Spanja tħabat biex jagħmel impatt minn meta ngħaqad mal-Blues b'self f'Awwissu li għadda.

**CHRIS SMALLING** – Id-difensur Ingliż, Chris Smalling, 31 sena, jista' jkun wieħed minn diversi players li f'Jannar iħallu lil Roma meta l-coach José Mourinho għad irid isaħħaħ l-iskwadra tiegħu.

**ANTONIO RUDIGER** – Real Madrid u Bayern Munich huma dejjem aktar kunfidenti li jiffirmaw lid-difensur ċentrali tal-Ġermanja, Antonio Rudiger, 28 sena, li t-taħdidiet tal-kuntratt tiegħu ma' Chelsea jinsabu weqfin. Il-prijorità ta' Rudiger hija li jibqa' ma' Chelsea, iżda t-taqtiegħa għall-firma tiegħu 'hija miftuħa'.

**OUSMANE DEMBELE** – Manchester City, Tottenham, Liverpool u Newcastle, huma kollha interessati filwinger ta' Franza, Ousmane Dembele, 24 sena, li fis-sajf li ġej aktarx iħalli lil Barcelona.

**ANTONY** – Manchester City huma lesti li jingħaqdu ma' Barcelona fit-taqtiegħa biex jakkwistaw lill-winger Brażiljan ta' 21 sena, Antony, mingħand Ajax.

**ANSU FATI** – Liverpool, Manchester United u Paris St-Germain offrew aktar flus lil Ansu Fati biex jingħaqad magħhom qabel ma l-attakkant ta' 18-il sena mwieled fil-Guinea-Bissau, u huwa internazzjonali ta' Spanja, iffirma kuntratt ta' sitt snin ma' Barcelona.

**DUSAN VLAHOVIC u AURELIEN TCHOUAMENI** – Fabio Paratici ta' Tottenham lest jagħti daqqa ta' ħarta lill-ex club tiegħu, Juventus, billi jikseb minn taħt imneħrihom lill-attakkant ta' Fiorentina, Dusan Vlahovic, u lill-midfielder ta' Monaco, Aurelien Tchouameni, fi trasferiment doppju li jiswa £89 miljun.

# HAMRUN SPARTANS JIRRITORNAW GĦAR-REBĦ B'WIRJA U REBĦA STUPENDA FUQ GUDJA UTD

B'wirja stupenda, Hamrun Spartans irritornaw għar-rebħ meta għelbu lil Gudja United 3-1. M'hemmx dubju li din ir-rebħa pprovdiet injezzjoni morali lill-Ispartans wara bidu ta' staġun ferm diżappuntanti u li tawgura tajjeb għall-futur.

Kien fil-11-il minuta li waslet l-ewwel azzjoni denja ta' nota bil-Gudjani jkunu huma li joħolqu l-periklu meta Temitope Abdul kellu xutt b'saħħtu mill-viċin li iżda ntemm ftit barra.

Huma komplew fuq l-offensiva u fid-29 minuta, Gabriel Mensah, avvanza tajjeb minn indeċiżjoni fid-difiża iżda kellu x-xutt tiegħu salvat tajjeb ħafna mill-goalkeeper Pablo Sanchez, biex evita goal ċert.

Fl-40 minuta, Aidan Friggieri kellu free-kick jiġi salvat mingħajr wisq diffikultá minn Sanchez.

Iżda kienu Hamrun li fetħu l-iskor, fl-44 minuta, meta minn pożizzjoni ideali, l-attakkant Franċiż FAISSAL EL BAKHTAOUI venven xutt li ma ħafirx.

Fil-ftuħ tat-tieni taqsima, l-Ispartans komplew fejn ħallew qabel il-mistrieħ u fil-55 minuta, wara li kkontrolla tajjeb, Joseph Mbong minn quddiem Glen Zammit, xeħet għoli.

Huma komplew jippressaw u fil-61 minuta rebħu penalty meta Rodolfo Soares waqqa' lil Faissal El Bakhtaoui fil-kaxxa. Mill-11-il metru nkariga ruħu ARTHUR OYAMA li ma żbaljax hekk kif permezz ta' xutt fil-baxx tefa' l-ballun fir-rokna tax-xibka. Ta' nota huwa l-fatt li dan kien il-100 goal f'dan l-istaġun.

Fit-78 minuta, l-Ispartans żiedu l-iskor meta x-xutt minn barra l-kaxxa ta' Faissal El Bakhtaoui kien devjat minn Farid Romero Zuniga biex irriżulta f'auto-goal sfortunat.

Fil-85 minuta, Gudja naqqsu d-distakk permezz ta' xutt ta' AIDAN JAKE FRIGGIERI minn barra l-kaxxa li ma ta l-ebda ċans lill-goalkeeper sostitut Matthias Debono, li kien ilu biss żewġ minuti fil-ground, biex irriżulta f'goal tal-istampi.



Llywelyn Cremona (Gudja U.) segwit minn Matthew Guillaumier (Hamrun S.) - (ritratt: Christine Borg)

**BOV Premier League 2021-22**

**Tony Bezzina Stadium**

**Gudja U. .................. 1**
**Hamrun S. ........... 3**

**GUDJA U.**: 1-Glenn Zammit, 5-Louis Beland, 7-Aidan Jake Friggieri, 8-Rodolfo Soares (81-Neil Anthony Micallef 69), 10-Llywelyn Cremona, 17-Gabriel Mensah (24-Junior Dibola 65), 22-Hubert Vella, 25-Farid Romero, 27-Justin Grioli, 92-Temitope Abdul, 99-Marcelo Dias - *Coach*: Thane Micallef

**HAMRUN S.**: 56-Pablo Sanchez (24-Matthias Debono 83), 4-Darko Gojkovic, 6-Matthew Guillaumier, 7-Joseph Mbong, 12-Arthur Oyama, 23-Luke Gambin (17-Franklin Sasere 72), 28-Juan Carlos Corbalan (8-Christian Mercieca 81), 30-Karl Micallef, 33-Isaac Ntow, 91-Emerson Marcelina (5-Sven Xerri 83), 92-Faissai El Bakhtaoui - *Coach*: Mark Buttigieg

**REFEREE**: Trustin Farrugia Cann

**ASS. REFEREES**: Luke Portelli, Shaun Calleja

**RABA' UFF**: Aleksandar Jovanovic

**SKORERS**: F. El Bakhtaoui 44, 78, A. Oyama pen. 61 (H), A. J. Friggieri 85 (G)

**AMMONITI**: R. Soares, F. Romero (GU), P. Sanchez, I. Ntow (HS)

**PLAYER TAL-LOGĦBA**
Faissal El Bakhtaoui (HS)

# Mosta jsalvaw ir-riżultat fl-aħħar

F'partita li laħqet l-aspettiva lejn l-aħħar mumenti tagħha, Mosta u Floriana spiċċaw fi draw 1-1, bil-Greens ikunu l-aħjar team matul l-ewwel taqsima, iżda l-Blues wettqu reazzjoni tajba biex lejn l-aħħar ħinijiet salvaw ir-riżultat.

Kienu Mosta li ħolqu l-ewwel periklu fl-20 minuta permezz ta' free-kick b'saħħtu mid-distanza ta' Rafael Morisco li iżda ntemm barra.

Iżda kienu Floriana li fetħu l-iskor proprju minuta biss wara meta Adam Magri Overend serva lil ANDREI CIOLACI li venven xutt b'saħħtu minn ġol-kaxxa li ma ta l-ebda ċans lill-goalkeeper, Marko Jovicic, isalva.

Peró, eżattament qabel tmiem l-ewwel taqsima Mosta fallew ċans tad-deheb li jġibu l-iskor indaqs meta wara li rċieva minn azzjoni ta' corner, minn taħt il-lasti l-captain, Tyrone Farrugia, ra t-tentattiv tiegħu jintemm ftit għoli.

Fit-tieni taqsima, Floriana ħarġu aktar aggressivi u fis-57 minuta Ryan Camenzuli ttanta xortih permezz ta' xutt mill-bogħod iżda t-tentattiv tiegħu spiċċa barra.

Minkejja li ma heddewx il-lasti avversarji, territorjalment il-Greens kien aħjar iżda kellhom jistennew sal-75 minuta biex jimpenjaw lill-goalkeeper avversarju.

Madankollu x-xutt ta' Andrei Ciolacu fil-baxx ġie salvat minn mal-art mingħajr wisq diffikultá minn Marko Jovicic.

Mosta wieġbu minuta biss wara meta Clayton Failla xeħet cross għan-nofs li sab lis-sostitut Luiz Igbineweka, li kien ilu biss żewġ minuti fil-ground, f'qagħda tajba li iżda kellu daqqa ta' ras mill-viċin tintemm ftit barra.

Iżda fit-83 minuta huma kisbu d-draw meta Farrugia għadda l-ballun lejn RAFAEL MORISCO li mill-viċin spara l-ballun fix-xibka.

Żewġ minuti biss wara Floriana fallew ċans faċli li jiskorjaw il-goal tar-rebħa meta ż-żagħżugħ Mattia Veselji minn taħt il-lasta, inkredibbilment xeħet għoli ... iżda draw kien riżultat ġust.

**- Cristian Muscat**

**BOV Premier League 2021-22**

**Tony Bezzina Stadium**

**Mosta ...................... 1**
**Floriana ................. 1**

**MOSTA**: 61-Marko Jovicic, 6-Roderick Briffa, 13-Clayton Failla, 22-Tyrone Farrugia, 24-Ivan Doric (86-Luiz Igbineweka 74), 27-Mehdi Hetemaj (7-William Donkin 46), 30-Luis Raiscos, 35-Rafael Morisco, 77-Zachary Brincat (2-Nathan Agius 86), 88-Sunday Akinbule, 98-Rodriguez Ekani - *Coach*: Joseph Grech

**FLORIANA**: 33-Gergi Kitanov, 2-Adam Magri Overend (77-Aleandro Garzia 77), Christian Rutjens, 5-Zachary Cassar, 10-Jose Artiles (30-Jan Busuttil 64), 11-Andrei Ciolacu (21-Mattia Veselji 77), 20-Nicolas Garcia, 22-Brabdon Paiber, 28-Emiliano Calegari, 29-Eugeniu Rebenja (96-Daniel Agius 64), 94-Ryan Camenzuli (7-Augusto Caseres 64) - *Coach*: Gianluca Atzori

**REFEREE**: Etienne Mangion

**ASS. REFEREES**: Jurgen Spiteri, Thomas Debono

**RABA' UFF**: Matthew Degabriele

**SKORERS**: A. Ciolacu 21 (F), R. Morisco 83 (M)

**AMMONITI**: M. Hetemaj, R. Ekani (M), E. Rebenja, C. Rutjens, A. Ciolacu, A. Caseres (F)

**PLAYER TAL-LOGĦBA**
Andrei Cioacu (Floriana)

**KIF JINSABU**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Hibernians | 6 | 5 | 1 | 0 | 15 | 6 | 16 |
| Birkirkara | 6 | 4 | 2 | 0 | 11 | 4 | 14 |
| Floriana | 7 | 2 | 4 | 1 | 10 | 7 | 10 |
| Gzira U. | 6 | 2 | 3 | 1 | 7 | 6 | 9 |
| Hamrun S. | 7 | 3 | 0 | 4 | 9 | 9 | 9 |
| Valletta | 6 | 3 | 0 | 3 | 6 | 9 | 9 |
| Sirens | 6 | 2 | 2 | 2 | 9 | 10 | 8 |
| Gudja U. | 7 | 2 | 1 | 4 | 9 | 12 | 7 |
| Balzan | 6 | 2 | 0 | 4 | 5 | 7 | 6 |
| Mosta | 7 | 1 | 3 | 3 | 9 | 13 | 6 |
| Sta Lucia | 6 | 0 | 5 | 1 | 9 | 11 | 5 |
| Sliema W. | 6 | 0 | 3 | 3 | 5 | 10 | 3 |

**LOGĦOB GĦAL-LUM**

**Centenary Stadium**

3.00 pm: Sta Lucia v Sliema W.

7.00 pm: Sirens v Birkirkara

**Tony Bezzina Stadium**

5.00 pm: Hibernians v Valletta

**RIŻULTATI OĦRA**

**Challenge League**

Vittoriosa S. v San Gwann ....... 2-1
Zejtun C. v Naxxar L. ................ 2-3
Mqabba v Rabat A. .................... 1-2
Luqa SA v Tarxien R. ................. 0-2
Senglea A. v Zebbug R. ............. 0-3

**Amateur League**

Marsaskala v Qormi ................. 1-0
Mtarfa v Zurrieq ...................... 1-3
Kalkara v Attard ...................... 0-2
Siggiewi v Għaxaq .................... 2-1

# IL-KAŻ TA' ĦONDOQ IR-RUMMIEN... ŻMIEN EĊĊESSIV GĦAL DEĊIŻJONI

## – is-Sindku tal-Qala, Paul Buttigieg



Is-Sindku tal-Qala, Paul Buttigieg, iddikjara li dewmien esaġerat biex tittieħed deċiżjoni dwar l-appell kontroversjali għall-jott marina u villaġġ turistiku f'Ħondoq ir-Rummien mhuwiex raġjonevoli. Spjega li l-Kunsill Lokali tal-Qala ssottometta applikazzjoni quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ippjanar tal-Ambjent, jistaqsi għal deċiżjoni fuq l-appell kontroversjali ġewwa l-Ħondoq.

Fil-kumment tiegħu, is-Sindku tal-Qala qal li, "il-Kunsill lokali Qala ssottometta applikazzjoni quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ippjanar tal-Ambjent, jistaqsi għal deċiżjoni fuq l-appell kontroversjali għall-jott marina u villaġġ turistiku f'Ħondoq ir-Rummien. L-applikazzjoni għal żvilupp intensiv ġiet rifjutata unanimament mill-Awtorità tal-Ippjanar però l-iżviluppatur appella. Minn dakinhar 'il hawn, l-appell instema' mit-Tribunal u mill-Qorti tal-Appell. L-aħħar seduta quddiem it-Tribunal saret sena ilu, meta kien ġie miftiehem li se ssir żjara fuq il-post u wara tingħata deċiżjoni. Minn dakinhar sal-lum ma ntqalet l-ebda kelma mit-Tribunal. Deċiżjonijiet mit-Tribunal għandhom jittieħdu sa massimu ta' 18-il xahar mill-ewwel seduta, iżda dan il-każ qabeż din id-data sew."

Tenna li, "inħossu li dan huwa żmien eċċessiv li għandna nistennew għal deċiżjoni. Filwaqt li permessi tal-ippjanar qed jingħataw b'pass mgħaġġel, deċiżjoni li għandha tagħti ċertezza legali lin-nies tal-Qala u dawk li jħobbu lil Ħondoq ir-Rummien, tħalliet pendenti għal snin sħaħ. Aħna se nkomplu bil-ġlieda tagħna għal Ħondoq minkejja theddid u vendetta ċkejkna minn ċertu kwartieri."

## Nhar il-Ħamis kienu rreġistrati 50,000 infezzjoni

» ikompli minn paġna 1

F'nofs Lulju li għadda l-każi ġodda ta' Covid-19 fir-Renju Unit kienu baxxi l-istess kif kienu l-ammont ta' persuni fl-isptar u li kienu qed jitilfu ħajjithom.

Biss fl-aħħar sigħat, is-sitwazzjoni fir-Renju Unit marret għall-agħar u dan hekk kif proprju nhar il-Ħamis ġew reġistrati xejn inqas minn 50,000 infezzjoni. Dan kien l-ogħla ammont sa minn Lulju li għadda. L-ammont reġistrat hu ħafna ogħla minn dak reġistrat f'pajjiżi oħra Ewropej. L-imwiet fl-aħħar sigħat żdiedu sew ukoll fejn nhar it-Tlieta mietu 223 persuna bil-Covid-19, li hu l-ogħla ammont sa minn Marzu li għadda. Jitkellem dwar is-sitwazzjoni l-Uffiċċju tal-Istatistika fir-Renju Unit, fejn dan indika li wieħed minn kull 55 persuna fir-Renju Unit hu infettat bil-Covid-19 u li dan ifisser li f'ġimgħa biss xejn inqas minn miljun persuna ġew infettati.

Maltija li tgħix fir-Renju Unit, meta tkellmet ma' IT-TORĊA qaltilna li, "qed inħossuna li sejrin lura għal xhur ilu. Filli ċċelebrajna u tnaqqsu r-restrizzjonijiet u issa qed nisimgħu u naraw li hawn allarm... x'se jiġri fix-xitwa li tinstab ftit ġimgħat bogħod? Għadha kif tkellmet Dr Layla McCay, Policy Director tan-National Health Service Confederation u din iddikjarat b'mod ċar li hemm tħassib x'jista' jiġri fix-xitwa. Din qed titkellem fuq il-bżonn li l-gvern jaġixxi." Il-Maltija tgħidilna li "qed jissemmew diversi kwistjonijiet għaliex qed isseħħ dan. Fost dawn hekk il-fatt li l-protezzjoni tat-tilqim qed tnaqqas peress li għaddew ammont ta' xhur u l-Ingiterra kienet fost tal-bidu li bdiet tlaqqam. Qed isemmu l-varjant ġdid Delta Plus, li ukoll qed ikompli jinfirex." Saħqet li, "qed jintefa' piż kbir għal dak li qed jiġri fuq id-dewmien biex jiġu mlaqqmin l-istudenti tas-sekondarja. Fil-fatt bdew jikkwotaw statistika li tgħid li f'ġimgħa f'Ottubru student minn kull 16 tas-sekondarja kien infettat bil-Covid. Hemm min qed jargumenta li r-restrizzjonijiet tneħħew kmieni wisq."

Intant minn riċerka magħmula mill-Aġenzija tas-Sigurtà tas-Saħħa fir-Renju Unit, jingħad li l-varjant ġdid imsejjaħ Delta Plus jidher li jinfirex iktar malajr mill-varjant Delta. L-istess aġenzija qalet li poġġiet dan il-varjant taħt il-kategorija "varjant taħt osservazzjoni" u dan biex jirrifletti r-riskju li offri.

Irid jingħad li m'hemm l-ebda evidenza li dan il-varjant qed iwassal għal kundizzjonijiet iktar serji tal-Covid-19.

## Covid-19: Sitt każi ġodda, ifiqu 21 persuna

L-awtoritajiet tas-saħħa ħabbru li fl-aħħar sigħat feġġew sitt każi ġodda tal-Covid-19 filwaqt li kien hemm 21 każ ieħor li ġew dikjarati bħala li fiequ mill-virus. Dan ifisser li t-total ta' każi attivi issa huwa ta' 236.

L-ammont ta' mwiet baqa' dak ta' 460 wara li fl-aħħar 24 siegħa ma ġiet irreġistrata l-ebda mewt kawża tal-Covid-19.

Bħalissa f'Mater Dei hemm 13-il pazjent li qed jingħataw il-kura minħabba l-Covid-19, bi tlieta minnhom jinsabu fit-Taqsima tal-Kura Intensiva.

Sal-bieraħ filgħaxija kienu ngħataw 865,419 doża tal-vaċċin li minnhom 43,043 kienu l-ewwel doża.

# U*BET

MATCH PROGRAMME 1719 SUNDAY 24/10/21

## ENGLISH LEAGUE | EC: 1138

MAN. UTD VS LIVERPOOL

TODAY | 17:30

| | | | |
|---|---|---|---|
| LIVERPOOL TO WIN | 2.20 | FIRST HALF RESULT (X) | 2.20 |
| SUM OF GOALS (2-3) | 1.80 | FIRST HALF OVER 1.5 | 2.15 |

| CORRECT SCORE | 2-1 | 1-1 | 2-2 | 1-2 |
|---|---|---|---|---|
| | 8.50 | 5.25 | 8.75 | 7.25 |

| HALFTIME/ FULLTIME | 1/1 | X/1 | X/2 | 2/2 |
|---|---|---|---|---|
| | 4.75 | 7.50 | 6.00 | 3.40 |

## ITALIAN LEAGUE | EC: 1164

INTER VS JUVENTUS

TODAY | 20:45

| | | | |
|---|---|---|---|
| INTER TO WIN | 2.05 | FIRST HALF RESULT (X) | 2.15 |
| SUM OF GOALS (2-3) | 1.78 | FIRST HALF OVER 1.5 | 2.30 |

| CORRECT SCORE | 2-1 | 1-1 | 2-2 | 1-2 |
|---|---|---|---|---|
| | 7.00 | 5.00 | 9.50 | 9.25 |

| HALFTIME/ FULLTIME | 1/1 | X/1 | X/2 | 2/2 |
|---|---|---|---|---|
| | 3.15 | 5.25 | 8.00 | 5.50 |

### SUNDAY 24TH OCTOBER

| LIVE BETTING | LEAGUE | KICK OFF | EVENT CODE | TEAM HOME | FINAL RESULT 1 | X | 2 | TEAM AWAY | GOALS | HANDICAP 1 | X | 2 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| LB | JAP | 12:00 | 1370 | CEREZO OSAKA | 3.60 | 3.45 | 1.70 | YOKO. MARIN | 1 | 1.65 | 3.35 | 2.90 |
| LB | HOL | 12:15 | 541 | TWENTE | 1.68 | 3.50 | 3.90 | NIJMEGEN | -1 | 2.75 | 3.60 | 1.85 |
| LB | IT1 | 12:30 | 542 | ATALANTA | 1.33 | 4.80 | 6.75 | UDINESE | -1 | 1.90 | 3.60 | 2.75 |
| LB | TUR | 12:30 | 543 | KARAGUMRUK | 2.10 | 3.30 | 2.70 | HATAYSPOR | -1 | 3.35 | 3.50 | 1.50 |
| LB | BLR | 12:30 | 1379 | MINSK | 1.95 | 3.15 | 2.70 | SLAVIA MOZYR | -1 | 3.35 | 3.40 | 1.45 |
| LB | FRA | 13:00 | 544 | NICE | 2.30 | 3.30 | 2.55 | LYON | 1 | 1.45 | 4.00 | 4.10 |
| LB | RUS | 13:00 | 545 | UFA | 2.75 | 2.95 | 2.25 | RUBIN KAZAN | 1 | 1.42 | 3.40 | 3.90 |
| LB | SPL | 13:00 | 546 | ST MIRREN | 6.25 | 3.90 | 1.35 | RANGERS | 1 | 2.45 | 3.10 | 1.95 |
| LB | BEL | 13:30 | 547 | ANTWERP | 3.25 | 3.45 | 1.88 | CLUB BRUGGE | 1 | 1.68 | 3.75 | 3.15 |
| LB | HUN | 13:30 | 1420 | DEBRECENI | 2.30 | 3.00 | 2.30 | P. ACADEMY | 1 | 1.30 | 3.60 | 4.25 |
| LB | ENC | 13:30 | 1864 | BARNSLEY | 3.15 | 3.30 | 2.05 | SHEFFIELD UTD | 1 | 1.58 | 3.60 | 4.00 |
| LB | DEN | 14:00 | 551 | BRONDBY | 2.90 | 3.25 | 2.02 | FC COPENHAGEN | 1 | 1.55 | 3.40 | 3.25 |
| LB | DEN | 14:00 | 552 | SILKEBORG | 1.92 | 3.30 | 3.05 | ODENSE | -1 | 3.20 | 3.35 | 1.58 |
| LB | SP1 | 14:00 | 554 | SEVILLA | 1.38 | 4.20 | 6.50 | LEVANTE | -1 | 2.15 | 3.35 | 2.50 |
| LB | SP2 | 14:00 | 1443 | AMOREBIETA | 2.55 | 2.85 | 2.45 | SOCIEDAD B | 1 | 1.32 | 3.50 | 4.60 |
| LB | SP2 | 14:00 | 1444 | MIRANDES | 2.80 | 3.00 | 2.18 | ALMERIA | 1 | 1.45 | 3.35 | 3.90 |
| LB | SWI | 14:15 | 1446 | LUZERN | 2.10 | 3.25 | 2.70 | ST GALLEN | -1 | 3.45 | 3.50 | 1.48 |
| LB | HOL | 14:30 | 557 | CAMBUUR | 4.10 | 3.90 | 1.58 | FEYENOORD | 1 | 2.00 | 3.75 | 2.40 |
| LB | HOL | 14:30 | 558 | VITESSE | 1.48 | 4.10 | 4.70 | GO A. EAGLES | -1 | 2.25 | 3.60 | 2.20 |
| LB | EPL | 15:00 | 559 | BRENTFORD | 2.45 | 3.25 | 2.55 | LEICESTER | -1 | 4.75 | 3.90 | 1.42 |
| LB | EPL | 15:00 | 560 | WEST HAM | 2.25 | 3.25 | 2.80 | TOTTENHAM | -1 | 4.10 | 3.90 | 1.50 |
| LB | FRA | 15:00 | 561 | LENS | 1.50 | 3.90 | 4.80 | METZ | -1 | 2.35 | 3.35 | 2.20 |
| LB | FRA | 15:00 | 562 | LORIENT | 1.88 | 3.30 | 3.40 | BORDEAUX | -1 | 3.50 | 3.50 | 1.62 |
| LB | FRA | 15:00 | 563 | REIMS | 1.98 | 3.15 | 3.20 | TROYES | -1 | 3.60 | 3.40 | 1.65 |
| LB | FRA | 15:00 | 1123 | RENNES | 1.68 | 3.50 | 3.90 | STRASBOURG | -1 | 3.10 | 3.35 | 1.78 |
| LB | IT1 | 15:00 | 1124 | FIORENTINA | 1.62 | 3.75 | 4.40 | CAGLIARI | -1 | 2.55 | 3.50 | 2.00 |
| LB | IT1 | 15:00 | 1125 | VERONA | 3.00 | 3.35 | 2.10 | LAZIO | 1 | 1.58 | 3.75 | 3.75 |
| LB | POL | 15:00 | 1126 | ZAG. LUBIN | 2.35 | 2.95 | 2.60 | CRA. KRAKOW | -1 | 4.10 | 3.40 | 1.40 |
| LB | TUR | 15:00 | 1127 | ANTALYASPOR | 2.35 | 3.00 | 2.55 | I. BASAKSEHIR | 1 | 1.32 | 3.60 | 4.50 |
| LB | TUR | 15:00 | 1128 | SIVASSPOR | 2.02 | 3.25 | 2.90 | A. DEMIRSPOR | -1 | 3.20 | 3.35 | 1.58 |
| LB | CRO | 15:00 | 1466 | DINAMO ZAGREB | 1.15 | 5.40 | | ISTRA | -1 | 1.30 | 3.75 | 4.75 |
| LB | GRE | 15:00 | 1471 | ARIS | 1.40 | 3.60 | 6.25 | PANETOLIKOS | -1 | 2.25 | 2.90 | 2.15 |
| LB | GRE | 15:00 | 1472 | VOLOS NFC | 3.90 | 3.50 | 1.63 | AEK ATHENS | 1 | 1.78 | 3.15 | 2.70 |
| LB | IRL | 15:00 | 1473 | DROGHEDA | 3.10 | 2.95 | 2.05 | DERRY CITY | 1 | 1.50 | 3.20 | 3.60 |
| LB | SE1 | 15:00 | 1487 | ELFSBORG | 1.43 | 3.90 | 5.00 | SIRIUS | -1 | 2.10 | 3.25 | 2.15 |
| LB | SE1 | 15:00 | 1488 | HAMMARBY | 1.22 | 5.00 | 7.75 | OSTERSUNDS | -1 | 1.60 | 3.40 | 3.00 |
| LB | SE1 | 15:00 | 1489 | MJALLBY | 2.10 | 2.95 | 2.95 | GOTHENBURG | -1 | 3.50 | 3.25 | 1.52 |
| LB | GER | 15:30 | 1129 | COLOGNE | 3.05 | 3.80 | 1.92 | LEVERKUSEN | 1 | 1.68 | 3.90 | 3.25 |
| LB | HUN | 15:45 | 1502 | B. HONVED | 1.65 | 3.30 | 3.35 | M-ZSORY | -1 | 2.60 | 3.30 | 1.68 |
| LB | BEL | 16:00 | 1131 | ANDERLECHT | 1.28 | 4.90 | 7.00 | B. WILRIJK | -1 | 1.85 | 3.75 | 2.70 |
| LB | DEN | 16:00 | 1132 | RANDERS | 2.12 | 3.05 | 2.85 | AARHUS GF | -1 | 3.75 | 3.30 | 1.48 |
| LB | CZE | 16:00 | 1508 | CESKE BUDEJ. | 5.00 | 4.00 | 1.43 | SLAVIA PRAGUE | 1 | 2.20 | 3.25 | 2.05 |
| LB | CZE | 16:00 | 1509 | H. KRALOVE | 1.85 | 3.20 | 3.35 | TEPLICE | -1 | 3.75 | 3.30 | 1.48 |
| LB | CZE | 16:00 | 1510 | VIK. PLZEN | 1.42 | 3.90 | 5.25 | JABLONEC | -1 | 1.90 | 3.15 | 2.45 |
| LB | UKR | 16:00 | 1517 | DYNAMO KIEV | 1.28 | 4.50 | 6.75 | SC DNIPRO-1 | -1 | 1.70 | 3.30 | 2.80 |
| LB | ENC | 16:00 | 1865 | NOTTINGHAM F | 3.70 | 3.35 | 1.85 | FULHAM | 1 | 1.78 | 3.45 | 3.20 |
| LB | IT2 | 16:15 | 1133 | REGGINA | 2.30 | 3.00 | 2.60 | PARMA | -1 | 4.25 | 3.50 | 1.38 |
| LB | SP1 | 16:15 | 1134 | BARCELONA | 2.65 | 3.65 | 2.32 | REAL MADRID | 1 | 1.55 | 3.75 | 4.00 |
| LB | POR | 16:30 | 437 | P. FERREIRA | 1.88 | 3.15 | 3.60 | AROUCA | -1 | 3.15 | 3.50 | 1.72 |
| LB | SWI | 16:30 | 1525 | BASEL | 1.50 | 3.80 | 4.50 | LUGANO | -1 | 2.20 | 3.30 | 2.05 |
| LB | SWI | 16:30 | 1526 | SERVETTE | 1.60 | 3.60 | 4.00 | SION | -1 | 2.25 | 3.40 | 1.95 |
| LB | HOL | 16:45 | 1135 | AJAX | 1.48 | 4.10 | 4.70 | PSV EINDHOVEN | -1 | 2.25 | 3.60 | 2.20 |
| LB | AUT | 17:00 | 1136 | SALZBURG | 1.18 | 5.50 | 8.25 | STURM GRAZ | -1 | 1.55 | 3.60 | 3.10 |
| LB | FRA | 17:00 | 1137 | MONACO | 1.35 | 4.50 | 6.00 | MONTPELLIER | -1 | 1.95 | 3.50 | 2.65 |
| LB | CHI | 17:00 | 1528 | MELIPILLA | 3.10 | 3.10 | 1.98 | UNIV DE CHILE | 1 | 1.68 | 3.15 | 2.95 |
| LB | NO1 | 17:00 | 1535 | KRISTIANSUND | 1.78 | 3.35 | 3.50 | SARPSBORG | -1 | 2.40 | 3.40 | 1.85 |
| LB | NO1 | 17:00 | 1539 | ROSENBORG | 1.38 | 4.20 | 5.25 | SANDEFJORD | -1 | 1.95 | 3.30 | 2.30 |

### SUNDAY 24TH OCTOBER (CONTINUED)

| LIVE BETTING | LEAGUE | KICK OFF | EVENT CODE | TEAM HOME | FINAL RESULT 1 | X | 2 | TEAM AWAY | GOALS | HANDICAP 1 | X | 2 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| LB | NO1 | 17:00 | 1540 | STROMSGODSET | 3.70 | 3.70 | 1.63 | BODO GLIMT | 1 | 1.90 | 3.40 | 2.35 |
| LB | NO1 | 17:00 | 1543 | TROMSO | 1.48 | 3.75 | 4.75 | MJONDALEN | -1 | 2.45 | 3.25 | 1.90 |
| LB | NO1 | 17:00 | 1544 | VALERENGA | 1.55 | 3.70 | 4.25 | HAUGESUND | -1 | 2.40 | 3.30 | 1.90 |
| LB | GRE | 17:15 | 1550 | OFI | 2.25 | 2.90 | 2.80 | LAMIA | -1 | 4.40 | 3.25 | 1.40 |
| LB | EPL | 17:30 | 1138 | MAN. UTD | 2.95 | 3.45 | 2.20 | LIVERPOOL | 1 | 1.60 | 3.75 | 3.60 |
| LB | GER | 17:30 | 1139 | STUTTGART | 2.25 | 3.35 | 2.75 | UNION BERLIN | -1 | 4.25 | 3.90 | 1.50 |
| LB | POL | 17:30 | 1140 | WARTA POZNAN | 2.20 | 2.95 | 2.80 | STAL MIELEC | -1 | 4.00 | 3.35 | 1.42 |
| LB | CRO | 17:30 | 1552 | LOKOMOTIVA | 2.60 | 3.15 | 2.25 | RIJEKA | 1 | 1.48 | 3.60 | 3.40 |
| LB | FIN | 17:30 | 1553 | HELSINKI | 1.70 | 3.25 | 3.90 | INTER TURKU | -1 | 2.60 | 3.20 | 1.80 |
| LB | SE1 | 17:30 | 1565 | AIK STOCKHOLM | 1.85 | 3.15 | 3.40 | NORRKOPING | -1 | 3.10 | 3.25 | 1.62 |
| LB | SE1 | 17:30 | 1566 | VARBERGS | 4.30 | 3.50 | 1.57 | MALMO | 1 | 1.90 | 3.25 | 2.40 |
| LB | DEN | 18:00 | 1141 | MIDTJYLLAND | 1.30 | 4.20 | 7.00 | SONDERJYSKE | -1 | 1.85 | 3.15 | 2.55 |
| LB | IT1 | 18:00 | 1154 | ROMA | 2.65 | 3.30 | 2.35 | NAPOLI | 1 | 1.42 | 4.10 | 4.40 |
| LB | RUS | 18:00 | 1155 | ZENIT | 1.43 | 4.00 | 4.90 | SPAR. MOSCOW | -1 | 2.10 | 3.20 | 2.20 |
| LB | TUR | 18:00 | 1156 | FENERBAHCE | 1.67 | 3.40 | 3.90 | ALANYASPOR | -1 | 2.35 | 3.25 | 1.90 |
| LB | CYP | 18:00 | 1572 | ARIS LIMASSOL | 3.20 | 3.05 | 1.78 | APOEL | 1 | 1.60 | 3.30 | 2.85 |
| LB | HUN | 18:00 | 1575 | FERENCVAROS | 1.23 | 4.50 | 6.00 | MTK | -1 | 1.70 | 3.35 | 2.55 |
| LB | PER | 18:00 | 1576 | D. MUNICIPAL | 4.50 | 3.40 | 1.50 | MELGAR | 1 | 1.95 | 3.00 | 2.30 |
| LB | SP2 | 18:15 | 1579 | BURGOS | 2.45 | 2.75 | 2.65 | HUESCA | -1 | 4.90 | 3.40 | 1.32 |
| LB | SP2 | 18:15 | 1580 | PONFERRADINA | 2.65 | 2.70 | 2.45 | OVIEDO | -1 | 4.50 | 3.35 | 1.38 |
| LB | BEL | 18:30 | 1157 | GENK | 2.00 | 3.40 | 2.95 | GENT | -1 | 3.35 | 3.75 | 1.62 |
| LB | SP1 | 18:30 | 1158 | BETIS | 1.65 | 3.70 | 4.20 | R. VALLECANO | -1 | 2.75 | 3.45 | 2.00 |
| LB | UKR | 18:30 | 1596 | ZORIA LUHANSK | 1.48 | 3.75 | 4.80 | K. KOVALIVKA | -1 | 2.20 | 3.20 | 2.10 |
| LB | SRB | 18:45 | 1597 | R. STAR BELGR | 1.13 | 5.25 | 7.75 | RADNICKI NIS | -1 | 1.38 | 3.75 | 3.45 |
| LB | POR | 19:00 | 438 | FC VIZELA | 6.00 | 4.20 | 1.37 | BENFICA | 1 | 2.50 | 3.50 | 2.05 |
| LB | CZE | 19:00 | 1600 | SPARTA PRAGUE | 1.33 | 4.30 | 6.00 | M. BOLESLAV | -1 | 1.80 | 3.25 | 2.55 |
| LB | MEX | 19:00 | 1602 | PUMAS UNAM | 2.08 | 3.05 | 3.10 | CLUB TIJUANA | -1 | 4.00 | 3.50 | 1.55 |
| LB | NO1 | 19:00 | 1603 | ODDS BK | 2.20 | 3.20 | 2.60 | BRANN | -1 | 2.85 | 3.50 | 1.62 |
| LB | GER | 19:30 | 1159 | BOCHUM | 3.00 | 3.45 | 2.05 | E. FRANKFURT | 1 | 1.60 | 3.75 | 3.75 |
| LB | GRE | 19:30 | 1606 | OLYMPIACOS | 1.78 | 3.30 | 3.50 | PAOK | -1 | 2.65 | 3.10 | 1.80 |
| LB | ROM | 19:30 | 1607 | F.CONSTANTA | 2.50 | 2.95 | 2.30 | FCSB | 1 | 1.38 | 3.25 | 4.00 |
| LB | HOL | 20:00 | 1160 | GRONINGEN | 3.90 | 3.45 | 1.70 | AZ ALKMAAR | 1 | 1.75 | 3.60 | 3.00 |
| LB | POL | 20:00 | 1161 | PIAST GLIWICE | 2.90 | 2.95 | 2.15 | LEGIA WARSAW | 1 | 1.45 | 3.35 | 3.90 |
| LB | PER | 20:15 | 1874 | C. VALLEJO | 1.38 | 3.60 | 5.25 | ALIANZA UNI. | -1 | 2.15 | 2.90 | 2.10 |
| LB | IT2 | 20:30 | 1162 | SPAL 2013 | 1.72 | 3.15 | 4.00 | COMO | -1 | 2.75 | 3.05 | 1.80 |
| LB | FRA | 20:45 | 1163 | MARSEILLE | 4.50 | 4.10 | 1.50 | PSG | 1 | 2.20 | 3.60 | 2.25 |
| LB | IT1 | 20:45 | 1164 | INTER | 2.05 | 3.45 | 3.30 | JUVENTUS | -1 | 3.30 | 3.60 | 1.70 |
| LB | BEL | 21:00 | 1165 | OH LEUVEN | 2.25 | 3.15 | 2.70 | SINT TRUIDEN | -1 | 4.10 | 3.90 | 1.48 |
| LB | BRA | 21:00 | 1166 | ATLETICO MG | 1.38 | 3.90 | 6.50 | CUIABA MT | -1 | 2.30 | 3.35 | 2.25 |
| LB | BRA | 21:00 | 1167 | INTERNACIONAL | 2.00 | 3.05 | 3.30 | CORINTHIANS | -1 | 3.90 | 3.60 | 1.55 |
| LB | SP1 | 21:00 | 1168 | ATL. MADRID | 1.60 | 3.60 | 4.90 | SOCIEDAD | -1 | 2.75 | 3.20 | 2.05 |
| LB | SP2 | 21:00 | 1885 | LAS PALMAS | 1.67 | 3.15 | 4.30 | ALCORCON | -1 | 2.80 | 2.95 | 1.80 |
| | POR | 21:30 | 439 | PORTIMONENSE | 2.30 | 2.85 | 2.95 | ESTORIL | -1 | 4.40 | 3.50 | 1.50 |
| | MLS | 23:00 | 1898 | AUSTIN FC | 2.02 | 3.40 | 2.90 | HOUSTON | -1 | 3.50 | 3.75 | 1.58 |
| | BRA | 23:15 | 1169 | BRAGANTINO | 2.05 | 3.00 | 3.20 | SAO PAULO | -1 | 3.60 | 3.45 | 1.62 |
| **MONDAY 25TH OCTOBER** | | | | | | | | | | | | |
| | BRA | 01:30 | 1170 | BAHIA | 1.63 | 3.25 | 4.70 | CHAPECOENSE | -1 | 2.85 | 3.35 | 1.90 |
| | MLS | 01:30 | 1931 | ORLANDO CITY | 2.35 | 3.35 | 2.50 | NEW ENGLAND | -1 | 4.25 | 4.00 | 1.42 |
| | MEX | 02:00 | 1935 | ATL.SAN LUIS | 2.55 | 2.90 | 2.55 | ATLAS | 1 | 1.38 | 3.90 | 5.25 |
| | MEX | 02:06 | 1937 | SANTOS LAGUNA | 1.95 | 3.20 | 3.25 | TOLUCA | -1 | 3.50 | 3.40 | 1.68 |
| | MEX | 04:00 | 1939 | PACHUCA | 1.75 | 3.20 | 4.00 | JUAREZ FC | -1 | 3.00 | 3.25 | 1.85 |
| LB | ROM | 16:30 | 1960 | FC CLINCENI | 3.10 | 2.90 | 1.95 | UTA ARAD | 1 | 1.45 | 3.05 | 3.75 |
| LB | BUL | 17:30 | 1964 | BOTEV PLOVDIV | 4.40 | 3.75 | 1.40 | LUDOGORETS | 1 | 2.05 | 3.30 | 2.05 |
| LB | CHI | 17:30 | 1965 | SANT. WANDER. | 2.12 | 3.10 | 2.80 | ANTOFAGASTA | -1 | 3.50 | 3.30 | 1.50 |
| LB | RUS | 18:00 | 1171 | LOKO. MOSCOW | 2.30 | 3.05 | 2.60 | PFC SOCHI | -1 | 3.60 | 3.35 | 1.48 |
| LB | CYP | 18:00 | 1968 | A.FAMAGUSTA | 1.80 | 3.00 | 3.20 | AE KITION | -1 | 3.00 | 3.30 | 1.55 |
| LB | CYP | 18:00 | 1969 | PAEEK | 5.25 | 3.45 | 1.38 | OMONIA | 1 | 2.10 | 3.00 | 2.10 |

Maltco LOTTERIES mga MALTA GAMING AUTHORITY licensed, operating under licence no. LGA/NL/02 PLAY RESPONSIBLY 18+ www.rgf.org.mt

Note: All odds are subject to fluctuation. Football long list bets are at 90 minutes play including injury time. Pre-game betting is allowed up till the final moments before the scheduled start of the match. Except in case of live betting, cancellation is allowed up to 5 minutes after the ticket was issued, or until the scheduled start of the first event in chronological order included on the coupon, whichever is earlier. Matches which are marked available for LIVE BETTING are indicative and the number of matches offered can both increase or decrease. For Rules and Regulations please refer to the U*BET players booklet at any Maltco Lotteries POS.